# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Diċembru 2006 LEĦEN L-GĦAWDXIN Nru. 883



*Suppliment Speċjali*

## Mons. Isqof Grech fl-Art Mqaddsa

## Il-Milied it-Tajjeb minn Betlehem













# Il-Ħajja f'Għawdex







## *IR-RIVISTA TA' L-GĦAWDXIN!*

# Tgħid għad tibda toħroġ KOLLHA KULUR?

## Jiddependi ħafna MINNEK!

## *Bil-fatti...mhux xewqa biss!!*







*Ġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2007,*
*u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll.*
*Imla din il-formola u ibg]atha flimkien*
*ma' ċekk jew 'money order' ta' Lm3 jew Lm5 lill-*
**Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",**
**Lumen Christi Media Centre,**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria VCT111, Għawdex.**

---

Isem ________________________________________

Indirizz ______________________________________

______________________________________________

*Nixtieq: Nabbona (Ġdid)* ❑ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2007* ❑

❑ Lm3 Abbonament Regolari

❑ Lm5 Abbonament Sostenitur FIRMA ____________________

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

**Imwaqqfa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 883***
***Diċembru 2006***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* gozopress@onvol.net**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
Kummentarju (1) • 6
X'għadda minn għalina • 8
Attwalità • 14
Kummentarju (2) • 15
L-Intervista: Milied fil-Fontana • 18
Versi Riflessivi • 20
Meditazzjoni Biblika: "Betlehem" • 22
Riflessjonijiet ta' ACM • 24
Ktieb x'Taqra • 26
**SUPPLIMENT BIL-KULUR:**
**MONS. ISQOF GRECH F'BETLEHEM**
Għawdex 300 sena ilu (149) • 27
Il-Misteru tal-Ewkaristija (15) • 28
Il-Biedja f'Għawdex (50) • 30
Passiġġata Biblika (21) • 32
Mill-Kunsilli Lokali Għawdxin: Għajnsielem • 34
Xhieda Nisranija: Dun Franġisk Grima • 36
Mill-Knisja fid-Dinja • 37
Għawdxin li għadna niftakru (38) • 38
L-Istorja tal-Mediċina (9) • 40
Novella tal-Milied • 42
Presepju Ħaj fix-Xagħra • 44
Bejnietna n-Nisa • 45
L-Irħula Għawdxin (9): San Lawrenz • 46
Indiċi 2006 • 47



**Ritratti:** *Hajr lil Joe Zammit, George Scerri, Alvin Scicluna, Max Xuereb, John Cordina, Kunsilli Lokali ta' Għawdex u diversi parroċċi Għawdxin għal diversi ritratti li jidhru f'din il-ħarġa.*

***Ritratt tal-Qoxra:*** *Alvin Scicluna*





## *Il-kliem dwar il-Kelma*

*F'dedika ta' wieħed mill-kotba tiegħu, l-Isqof Fulton J. Sheen jitkellem dwar min jagħmel użu "mill-kliem għall-imħabba tal-Kelma." Dan hu l-qofol ta' dak li r-rivista 'Il-Ħajja f'Għawdex' tixtieq li twettaq fil-ħarġa tagħha ta' kull xahar. Bil-kliem żgħir u umli tagħha tixtieq li tieħu sehem fix-xandir bla heda tas-sinifikat li "Fil-bidu kienet il-Kelma... u l-Kelma kienet Alla (Ġw 1,2)...U l-Kelma saret ġisem u għammret fostna, u rajna sebħha, sebħ bħalma għandu l-Iben waħdieni minn għand Missieru, mimli grazzja u verità"(Ġw 1,14). Dan ,jeħtieġ li nagħmlu b'mod speċjali f'din il-ħarġa tax-xahar ta' Diċembru, ix-xahar li fih infakkru, biċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Milied, dak il-mument singulari u deċiżiv ta' l-Inkarnazzjoni.*

*L-editorjal tal-lum seta' kien jitkellem dwar mitt tema oħra. Fil-ġimgħat li għaddew, l-aħbarijiet, kemm tajbin u kemm ħżiena, kemm dawk ta' ferħ u kemm dawk ta' swied il-qalb, ma naqsux; u kienu wkoll suġġetti li kien jixirqilhom kumment meqjus. Iżda ħdejn l-Aħbar li d-dinja nisranija tfakkar fil-25 ta' Diċembru, l-aħbarijiet, kienu liema kienu, huma kollha dwar avvenimenti temporanji u passiġġieri. Huma aħbarijiet insinifikanti ħdejn dik l-Aħbar, qadima elfejn sena, imma attwali dejjem u kuljum, li "il-Kelma saret ġisem u għammret fostna". Wieħed kien ikun qiegħed jitniġġes mill-imxija tas-sekularizzazzjoni u jinqabad kompliċi fid-distrazzjoni tad-dinja tal-konsumi, kieku kellu bħal-lum jikteb dwar suġġett ieħor għajr din l-Aħbar Eterna.*

*Hija l-Aħbar ta' l-Imħabba. Biex ngħidha fi kliem ewwel Ittra Enċiklika tal-Q.T. Papa Benedittu XVI: "Ġesù Kristu - l-imħabba ta' Alla saret bniedem...Issa l-għemil ta' Alla jieħu s-sura drammatika tiegħu billi f'Ġesù Kristu, Alla nnifsu jsus wara n-nagħġa l-mitlufa, jiġifieri wara l-umanità mweġġgħa kif ukoll mitlufa." (12) Il-bniedem ġarrab l-imħabba t'Alla bid-dieher meta "Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja biex ngħixu bih."(1Ġw 4:9)*

*Hija l-Aħbar tal-Paċi; skond it-tħabbira ta' l-anġli lir-ragħajja: "il-paċi lill-bnedmin ta' rieda tajba." Ir-rieda tajba hija l-kundizzjoni waħdanija għall-kisba tal-paċi minn kull wieħed u waħda minna, u mill-umanità kollha kemm hi, umanità mweġġa' u mitlufa. Imma r-rieda tajba, bħal virtujiet oħra, teħtieġ il-ħamrija għammiela ta' l-umiltà biex tikber u toktor. U l-festa tal-Milied kull sena twasslilna l-Aħbar ta' l-att l-aktar estrem ta' l-umiltà. Għaldaqstant il-Milied għandu jkun jum biex nidħlu fina nfusna, jum biex ilkoll kemm aħna nsiru umli u nilqgħu b'riflessjoni u b'qalb miftuħa l-misteru ta' Alla li sar bniedem, għalina!*

*F'dan l-ispirtu, mbagħad nifhmu b'intuwizzjoni ġdida s-sens tal-qniepen ta' l-Avvent, tal-presepju u s-siġra li narmaw fi djarna u fil-pjazez, tal-kartolini b'awguri li nibagħtu u jibagħtulna, tar-rigali li nagħtu u li nirċievu. U għala le; mbagħad x'aktarx niggustaw aktar l-ikla mal-familja jew mal-ħbieb, id-dwal iteptpu wara t-twieqi u l-għana ħlejju tan-'Noel, Noel' u 'O Lejl tas-Skiet'. Ikun Milied verament hieni jekk jirnexxielna nintonaw l-attitudnijiet tagħna fuq il-fakra tabilħaqq ta' dan il-jum: elfejn sena ilu, Alla sar bniedem fil-Palestina u għadu jgħix għalina fl-Ewkaristija. U biex inżidu nota li tiftiehem f'soċjetà ta' slogans u konsumi: "This is the reason for the season."*

*Ejjew nagħmlu mill-Milied ta' din is-sena avveniment ta' l-Ispirtu!*

**Joseph W. Psaila**




Mis-Seminarista Richard Farrugia

### *Saċerdoti*

Tul ix-xahar ta' Novembru, kien hemm diversi mumenti fejn is-saċerdoti tad-djoċesi tagħna iltaqgħu biex jitgħallmu, jirriflettu, jitkellmu u jitolbu flimkien. Nhar l-4 ta' Novembru, fl-okkażjoni ta' l-140 sena mill-ftuħ tas-Seminarju, ġewwa l-istess Seminarju saret laqgħa ta' aġġornament għall-kleru li ntemmet b'quddiesa ta' Radd il-Ħajr immexxija minn Mons. Isqof flimkien ma' għadd sabiħ ta' saċerdoti u tas-seminaristi. Fl-10 ta' Novembru, Mons. Isqof organizza laqgħa fil-Kurja għall-membri tal-Kulleġġ tal-Kappillani bi tħejjija għaż-żmien ta' l-Avvent. Matul din il-laqgħa, il-kappillani ġew mogħtija suġġerimenti li jistgħu japplikaw pastoralment biex dan iż-żmien ikun tassew mument ta' tħejjija għall-festi tal-Milied. F'konċelebrazzjoni li saret il-Katidral is-Sibt, 11 tax-xahar, mis-Solidalità ta' San Filippu – li torganizza talb b'suffraġju għas-saċerdoti mejtin – Mons. Isqof flimkien mas-saċerdoti talab għas-saċerdoti li mietu din is-sena fosthom Patri Ġiġi Camilleri sj, Mons. M'Anġ Apap, Dun Ġużepp Vella, Dun Louis Bezzina u Dun Anton Bajada. Bejn it-12 u s-17 ta' Novembru, tmienja u għoxrin saċerdot inġabru f'Dar Manresa, ir-Rabat, għall-irtir annwali li kien organizzat mis-segretarjat għall-kleru, u li kellu bħala suġġett "Il-Verità teħliskom". Il-predikatur ta' l-irtir kien Dun Angelo de Donatis, kappillan taljan ġewwa Ruma.



### *Qasam ta' l-edukazzjoni*

Matul dawn il-ġimgħat kien hemm okkażjonijiet fejn intweriet l-importanza tal-missjoni li għandha l-Knisja fil-qasam ta' l-edukazzjoni. Nhar is-6 ta' Novembru, l-Isqof ippreżenta l-*Head* il-ġdida ta' l-Iskola tal-Konservatorju ta' l-Isqof lill-istaff u lill-ġenituri. Din hi Miss Rita Sultana mir-Rabat li saret l-Ewwel Kap Mara ta' din l-iskola sekondarja li tagħti edukazzjoni lill-adolexxenti bniet Għawdxin. Ta' min jgħid li d-Djoċesi Għawdxija nvestiet bil-kbir f'din l-iskola u fil-fatt għadu għaddej proċess ta' estensjoni ta' bini. Jumejn wara Mons. Isqof żar l-iskola sekondarja tal-bniet "Agius de Soldanis" fuq stedina tal-kap u l-istaff ta' l-iskola biex iqassam il-Bibbja lill-istudenti li ser jirċievu l-Griżma ta' l-Isqof din is-sena. Il-Ġimgħa, 11 ta' Novembru sar seminar ta' nofs ġurnata għall-għalliema kollha ta' iskejjel tal-Knisja f'Għawdex organizzat mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta. Għal dan is-seminar, li sar ġewwa ċ-ċentru M.A.S., Għajnsielem, attenda wkoll Mons. Isqof li mexxa l-Ewkaristija u ippranza flimkien ma' l-għalliema preżenti. Dakinhar stess filgħaxija, ġewwa ċ-Ċentru ta' Kana, Victoria, ir-Ragħaj Spiritwali tagħna ltaqa' u kellem lill-ġenituri li għandhom it-tfal jattendu l-iskejjel tal-Knisja.

### *Il-ħajja fil-Knisja*

Ma naqsux mumenti oħrajn sbieħ u sinifikattivi fil-ħajja tal-Knisja tagħna. Nhar il-5 ta' Novembru ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Fontana, Mons. Isqof mexxa funzjoni fejn tliet kandidati ġew ammessi għall-ordnijiet minuri. Dawn huma s-seminaristi Anthony Bajada, Joseph Curmi u Richard N. Farrugia lkoll mill-parroċċa tax-Xagħra. Fil-Festa ta' San Martin nhar id-9 tax-xahar, l-Isqof żar id-Dar ta' Lourdes li titmexxa mis-Sorijiet Dumnikani. Din id-dar tilqa' numru mdaqqas ta' tfal li f'xi żmien tal-ħajja tagħhom ikollhom bżonn is-sapport ta' dawn is-sorijiet. Ir-Ragħaj Spiritwali tagħna ngħaqad ukoll fil-ferħ tal-komunitajiet li tul dan ix-xahar iċċelebraw l-anniversarju tad-dedikazzjoni tal-knisja tagħhom: nhar l-10 ta' Novembru mexxa quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-knisja ta' San Franġisk, Victoria f'għeluq il-100 sena mid-dedikazzjoni; u nhar il-15 ta' Novembru qaddes fil-knisja







tan-Nazzarenu, ix-Xagħra, f'għeluq il-75 sena mid-dedikazzjoni. Il-Ħadd, 19 tax-xahar iċċelebra l-Ewkaristija fin-Nadur fl-okkażjoni tal-ftuħ uffiċjali tal-bini l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-post. Dakinhar stess filgħaxija, Mons. Isqof iltaqa' ma' l-*Iscouts* fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru marbuta mad-90 anniversarju mit-twaqqif tagħhom ġewwa gżiritna.



L-Eċċ. Tiegħu

**MONS. MARIO GRECH**

Isqof ta' Għawdex
flimkien
mal-Bord Editorjali
ta' din ir-Rivista Djoċesana
jawguraw

**MILIED HIENI**
**U QADDIS**
u
**SENA ĠDIDA**
**MIMLIJA ĠID**
**U PAĊI TAL-MULEJ**

lill-Qarrejja Tagħna u
lill-Għawdxin kollha



### *Festa ta' Kristu Sultan*

Il-KDŻ u l-KDAL organizzaw żewġ attivitajiet importanti marbuta mal-Festa ta' Kristu Sultan, li din is-sena kellha bħala suġġett: 'L-Ispirtu tal-Mulej fuqi'. Nhar il-Ġimgħa 24 ta' Novembru saret ċelebrazzjoni ta' talb għall-adolexxenti kollha tad-djoċesi ġewwa l-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra. Il-Ħadd ta' wara saret manifestazzjoni djoċesana r-Rabat bis-sehem ta' l-istudenti li din is-sena ser jirċievu l-Griżma ta' l-Isqof, ta' l-adolexxenti u tal-familji tagħhom. Mons. Isqof mexxa l-mumenti ta' talb u wassal il-kelma tiegħu bħala Ragħaj tagħna.

**ID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX**

f'għaqda fraterna ma' l-

**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

tifraħ lill-
Eċċellenza Tiegħu

**MONS. PAWLU CREMONA, O.P.**



**L-ARĊISQOF ĠDID TA' MALTA**

*Minn qalbna nawgurawlu*
*kull Barka u Risq*
*fil-Missjoni Apostolika Tiegħu,*
*u nwegħduh*
*it-talb u l-koperazzjoni tagħna*

Kummentarju (1)

# X'qatgħa! Wasal il-Milied!



minn GEORGE N. CASSAR

**Kien is-Sur Joe Psaila, l-editur il-ġdid ta' din ir-rivista (li minn qalbi nifraħlu u nawguralu) li qabbadni niktiblu kelmtejn fuq il-konsumiżmu fi żmien il-Milied - fi kliem sempliċi, kif il-poplu tagħna ttieħed mill-bqija tad-dinja progressiva u dara jonfoq bl-addoċċ speċjalment meta jersaq il-Milied. Ħa ngħaddi kumment b'nofs ċajta: ma nixtieq bl-ebda mod intellef farka waħda mill-kummerċ jew inxekkel b'xi mod l-ekonomija ta' pajjiżna; inkella s-sidien tal-ħwienet ikollhom raġun jeħduni fuq demm id-dars u jibdew iħarsu lejja biċ-ċiera.**

Mindu ħriġt bil-pensjoni, għamilt daqs tliet staġuni ndur bosta djar fl-irħula mħabba xi ċensiment jew xi stħarriġ ta' l-opinjoni pubblika. Ngħid is-sewwa, fil-biċċa l-kbira tad-djar li kont nirfes fihom kont inġib għajnejja wara widnejja bil-lussu, l-irħamijiet u r-rikkezzi li kont nara. Ma kinux xi familji sinjuri , imma familji ta' ħaddiema li jaqilgħuha u jikluha. "Jalla l-ġid!" kont ngħid f'qalbi. Biss mbagħad sikwit kont niskopri li ħafna mil-lussu li kont nara ma kienx jitgawda ħlief f'xi okkażjoni speċjali, ngħidu aħna fi żmien l-Għid meta l-kappillan jidħol ibierek. Mill-bqija, kollox xomm u erfa'. Naturalment ħadd m'għandu dritt jindaħal lil dak li jkun x'jonfoq u ma jonfoqx, imma jidhirli li jkun żball oħxon jekk forsi, ħtija ta' l-għira jew tal-pika mal-ġirien, tispiċċa tonfoq iktar milli tiflaħ. Min għandu ftit melħ f'rasu malajr iwissik u jgħidlek: "Midd riġlejk skond friexek."



Illum il-ġurnata, is-sempliċità warrabnieha. Daħħalna kultura ġdida. **Kollox irridu nagħmlu bil-kbir; kollox bil-pompa. Sirna fanfaruni.** L-ewwel li jaħbtu ma' moħħi huma l-festi. Insaqsi ħaġa waħda: possibbli hemm bżonn li, sajf wara ieħor, inberbqu dawk l-eluf ta' liri fl-isparar u d-duħħan? Ma mmorrux daqshekk 'il bogħod. Hemm araha l-għarusa, dieħla mdandna l-knisja, liebsa libsa mill-ifjen li ġietha 'l fuq minn elf lira. U dan biex tilbisha għal sagħtejn u mbagħad tispiċċa tittiekel mill-kamla fil-gwardarobba. Nieħdu sempliċi magħmudija jew preċett tat-tfal. Aktar nedhew u nħabblu rasna fuq ix-xejxi u l-frilli milli fuq is-sagrament li sa nersqu għalih. Tgħidlix, sirna neżaġeraw f'kollox, għandek tgħid mhux biss f'okkażjonijiet ta' ferħ imma anki ta' niket. Mur funeral u agħti daqqa t'għajn lejn is-santa li tfakkar il-mejjet jew il-mejta; irriduha tleqq u tlellex bi stampi kkuluriti ta' xi erba' statwi minn dawk li għandna fil-knejjes tagħna; biex ma nsemmix l-għexieren ta' bukketti u kuruni ta' ward li l-għada tal-funeral, almenu hekk qrajt dan l-aħħar, xi brikkuni jerġgħu, baxx baxx, jagħmlu kapital minnhom.

Iva, qed nispiċċaw negħrqu f'dal-baħar ta' konsumiżmu. Qegħdin fix-xahar ta' Diċembru; id-dinja tal-kummerċ il-ħin kollu tibbumbardjana bir-reklami fuq il-mezzi kollha tax-xandir. **Suppost li niċċelebraw festa purament reliġjuża imma d-dinja moderna qed tagħmilha pagana, u Malta u Għawdex bi ħġarhom qed jaqgħu fin-nassa. L-ispirtu nisrani ta' dil-festa qed niċħduh u nwarrbuh u floku qed indaħħlu l-ispirtu tad-dinja.** Dan l-argument darba qbadtu ma' wieħed patri Ġiżwita li għadda għomru u żmienu missjunarju l-Indja. Niftakru jgħidli kelma li baqgħet stampata


Tiżjin


Rigali


Safar

ġo moħħi. **Qalli li l-Milied, f'pajjiż taparsi kattoliku, qed ikun 'stuprat'. U dan naturalment ħtija tal-kummerċ sfrenat u l-materjaliżmu li ħakimna qisu ġo morsa. Nibdew minn xahar qabel, jekk mhux aktar, naħsbu għar-rigali li se nagħtu, rigali sofistikati li min jirċevihom, miskin, iħoss li jrid jirreċiproka, jista' u ma jistax.** L-Ingliżi jikkalkolaw li kull sena , għall-Milied, jintefqu mas-sitt biljun lira (jiġifieri sitt elef miljun lira maltin) f'rigali li assolutament ma jitgawdew minn ħadd u jispiċċaw biex jintremew. Xi dnub ! Hemm mbagħad l-ikliet, il-famużi ikliet li rridu nippreparaw għall-familja jew norganizzaw fi gruppi. **Irridu naħsbu għat-tiżjin li nżanżnu, x'aktarx kull Milied, u elf ħaġ'oħra, fosthom il-ħemel ta' kartolini li rridu nibagħtu, biċċiet minnhom lil min joqgħod tefgħa ta' ġebla 'l bogħod minna.** M'ilux kont qiegħed f'ħanut mimli nies u nisma' mara tgorr u tgerger: *"Mulej aħfirli! Nieħu qatgħa meta jasal żmien il-Milied. Ħafna ġenn u ġiri, barra l-ispejjeż li trid tonfoq."* U kompliet tgħid: *"Il-Milied għalija l-veru biċċa uġigħ ta' ras."* Min ilumha?

**Biex il-Milied jiġi u jħalli l-frott, m'għandniex bżonn neżaġeraw. Jixraq li nnaqqsu mill-infiq u dak li niffrankaw, ngħadduh lill-proxxmu batut. Mhux kulħadd geddumu fix-xgħir.** Waqt li aħna qed nixxalaw, fil-qrib u xejn inqas fil-bogħod, hemm min hu mdejjaq u għandu qalbu muġugħa; hemm ukoll min m'għandux għajxa ta' lejla. Jekk dak li nwarrbu, ftit kemm hu ftit, ngħadduh per eżempju, lil xi istitut jew xi dar tal-Knisja, fl-opinjoni tiegħi, inkunu qed nagħtu l-isbaħ rigal tal-Milied. U nżid daqsxejn ta' feles ieħor: lit-tfal tagħna li għandhom il-ħala u x-xaba', jixraq inħajruhom jiċċaħħdu u joffru huma wkoll xi ħaġa minn tagħhom għal dan ir-rigal li jiġi ttimbrat u rreġistrat fis-Sema.

**Hekk ikun Milied tassew "tajjeb"!**

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT103, GOZO, MALTA
TEL: (356) 21561212 / 21561213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt
108. ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Zala, Gozo
Tel: 2156 6236

TA' KENUNA
Bar & Restaurant

Specialising in fresh fish, pasta, pizza and local dishes at affordable prices

Triq it-Torri ta Kenuna
Nadur - Gozo.

Tel: 2156 3566
2155 1645
Mobile: 7955 1645

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## Tifkira tar-Rebħa Għawdxija fuq il-Franċiżi



Biex jiġi mfakkar il-208 anniversarju mir-rebħa ta' l-Għawdxin immexxija mill-Arċipriet Saver Cassar kontra l-qawwiet Franċiżi, il-Kumitat Organizattiv Kultura, fakkar din il-ġrajja b'ċerimonja kommemorattiva fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk), nhar il-Ġimgħa 27 t'Ottubru.



Il-programm fetaħ b'kelmtejn ta' merħba miċ-*chairman* tal-Kumitat Organiżżattiv Kultura Vincent Grech. Id-diskors ta' l-okkażjoni sar minn Carmel Attard, eks-assistent direttur ta' l-edukazzjoni f'Għawdex. Siltiet mużikali 'Innu tal-Kulleġġ t'Għawdex' u 'Leħen Wieħed' tkantaw mill-Kor tat-tfal ta' l-iskejjel primarji tan-Nadur, Kerċem u Sannat, taħt id-direzzjoni ta' l-għalliema, is-Sinjura Laura Rapa. Fl-assenza tal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, li kienet indisposta, il-messaġġ li riedet twassal inqara miċ-*chairman* tal-Kumitat Organizattiv Kultura Vincent Grech. Lejn tmiem iċ-ċerimonja li spiċċat bil-kant ta' l-Innu Nazzjonali, l-i*Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Anton Tabone f'isem il-poplu Għawdxi poġġa kuruna mal-monument ta' l-Arċipriet Saver Cassar.

***Xellug:*** *Dehra ġenerali fi Pjazza Indipendenza waqt iċ-ċerimonja ta' tifkira tal-208 anniversarju mir-rebħa ta' l-Għawdxin fuq il-Franċiżi.* ***Lemin:*** *Vincent Grech waqt il-ftuħ taċ-Ċerimonja kommemorattiva tal-208 anniversarju mir-rebħa ta' l-Għawdxin fuq il-Franċiżi.*

## Tifkira ta' l-Għarqa ta' Ħondoq ir-Rummien







Saret it-tifkira ta' l-għarqa tat-30 t'Ottubru 1948, b'ċerimonja ta' tqegħid ta' kuruni u bukketti tal-fjuri mal-monument ta' tifkira fiż-Żewwieqa, l-Mġarr, minn diversi awtoritajiet, fosthom id-Deputat *Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti Carmelo Abela, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, Frans Cauchi, Sindku tal-Kunsill Lokali Għajnsielem, Vincent Grech, *Chairman* tal-Kumitat Organizzattiv Kultura, Joe Borg, *Chairman* tal-Kumpannija *Gozo Channel* u familjari tal-vittmi. Wara, fuq il-vapur Gaudos, Mons. Isqof Mario Grech iċċelebra quddiesa flimkien ma' l-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa t'Għajnsielem Fr Frankie Bajada u Fr Eddie Zammit. Imbagħad saret iċ-ċerimonja tat-tfigħ ta' fjuri fil-baħar, eżatt fil-post tat-traġedja.

Lejn tmiem iċ-ċerimonja ċ-*Chairman* tal-Kumpannija *Gozo Channel*, Joe Borg, ippreżenta żewġ dgħajjes tal-fidda, lil żewġ baħrin, Richard Bates u George Saliba bħala rikonoxximent għal ħidmithom, meta nhar is-Sibt 14 t'Ottubru salvaw żewġ persuni mill-għarqa, meta dawn waqgħu l-baħar bil-karrozza tagħhom.

***Xellug, fuq:*** *Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono tidher f'mument ta' skiet quddiem il-Monument ta' tifkira fiż-Żewwieqa, l-Mġarr.* ***Xellug, taħt:*** *Mons. Isqof Mario Grech waqt kelmtejn ta' l-okkażjoni lil miġemgħa fuq il-vapur Gaudos.* ***Lemin:*** *Dehra tal-Monument li jfakkar lill-mejtin ta' l-għarqa tat-30 t'Ottubru 1948, dak inhar tal-kommemorazzjoni, fiż-Żewwieqa, l-Mġarr.*

## Żewġ Wirjiet Permanenti ta' l-Artist Vince Caruana


*Il-pittura li ġġib l-isem ta' Gossip (5.5ft x 3.5ft) li turi xena tipika Maltija fi snin l-imgħoddija, meta kienet għada tintlibes l-għonnella.*

*Selene's Magic* u *Selene's Dream* huma żewġ wirjiet permanenti ta' pittura, xogħol ta' l-artist żagħżugħ Vince Caruana li jinsabu f'*Maji's Wine & Dine* f'Victoria u fil-lukanda Kempinski f'San Lawrenz. Appuntat bħala *artist-in-residence* f'Marzu u f'Settembru rispettivament, ix-xogħolijiet ta' dan l-artist jiġbru fihom xeni rurali mill-gżejjer Maltin li l-artist jinterpreta bi stil kontemporanju.


*L-artist żagħżugħ Vince Caruana.*

Vince Caruana (1979) huwa artist li x-xogħlijiet tiegħu huma xhieda mħallta ta' ħsieb u teknika li l-artist żviluppa matul il-ħajja artistika tiegħu. Huwa studja fl-iskola ta' l-Arti f'Malta u fi *Scranton College of Arts* ta' Pennsylvania, fl-Istati Uniti. Wara li ddeċieda li jkompli jsaħħaħ t-talenti artistiċi tiegħu, Vince Caruana ħalla l-gżejjer Maltin biex jattendi għal kors fl-Italja. Difatti, l-artist għadu kemm irritorna lejn il-gżejjer Maltin wara li kiseb M.A fl-Arti Visiva mil-*Libera Accademia di Belle Arti* f'Firenze, waħda mil-aktar istituti ta' l-arti distinti fl-Ewropa.

Preżentament Vince Caruana jgħix u jaħdem f'Għawdex fejn jgħallem l-arti fl-iskola ta' l-Arti f'Għajnsielem. S'issa huwa tella' tliet wirjiet personali b'*Impressions in space...images in time* tkun l-ewwel esebizzjoni tiegħu. *Mirage...a last glimpse at a very old island* u *Melita's Mystique...one artist's dream* ikomplu jsaħħu l-lista ta' wirjiet personali li l-artist tella' fl-2003 u fl-2004, rispettivament. Hu ħa sehem ukoll f'diversi wirjiet kollettivi kemm lokalment u kemm barra minn xtutna fosthom fil-*Malta Biennale*, f'*Madiera International Arte Bienal* (Portugal), f'*Tempra Accademy* (Connecticut, USA), f'*Akademie Klausenhof* ta' Hamminken (Ġermanja), fil-*Loggia del Grano* fl-Uffizi Centre u fil-*Quarter*, f'Firenze (Italja).

Bħalissa l-artist għaddej bl-aħħar preparamenti tiegħu biex itella' r-raba esebizzjoni. Għal aktar tagħrif wieħed jista' jżur is-sit personali tiegħu *www.vincecaruanart.com*

## Mro Ricardo Muti f'Għawdex



***Waqt iż-żjara fit-Teatru Astra.***
***Fuq:** Quddiem it-Teatru. Jidhru mix-xellug għal-lemin Christina Mazzavillani, Mro. Riccardo Muti, Dolindo Cassar, Chairman Teatru Astra u Dr Joseph Grech President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella. **Taħt:** Mro. Muti jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi. Jidhru fuq ix-xellug tiegħu, Dr Joseph Grech, President tas-Soċjetà Filarmonika La Stella waqt li fuq il-lemin jidher Dolindu Cassar, Chairman Teatru Astra.*

Id-Direttur Mużikali Taljan, tant magħruf mad-dinja kollha, Riccardo Muti, nhar l-Erbgħa 25 t'Ottubru għamel żjara ta' ġurnata f'Għawdex li matulha ma setax jonqos li jżur iż-żewġ teatri ewlenin ta' gżiritna, *Astra* u *Aurora*. Fiż-żewġ teatri Mro Muti ġie milqugħ u mdawwar mid-diriġenti tal-post u ppreżentat b'rigal ta' tifkira.

Hekk kif ġie nfurmat li dak in-nhar stess fil-għaxija kienet se ssir l-aħħar prova ta' tħejjija għall-produzzjoni ta' l-opri "*Suor Angelica*", "*Pagliacci*" u "*Cavalleria Rusticana*" fit-Teatru *Astra*, Mro. Muti wera x-xewqa li jkun jista' jattendi għal ftit tal-ħin għal din il-prova. Fil-fatt Mro. Muti rnexxielu jerġa' lura fit-Teatru *Astra* tard fil-għaxija biex jassisti għall-prova tat-tliet opri. Hekk kif spiċċat il-prova hu feraħ lil Mro. Joseph Vella, inkarigat mid-direzzjoni mużikali, kif ukoll lil Maria Frendo li għandha f'idejha l-Kor ta' l-Opra tat-Teatru *Astra*. Mro. Muti kellu kliem ta' tifħir għall-produzzjoni, b'mod partikolari għall-Kor.



***Waqt iż-żjara fl-Aurora.***
***Fuq:** Quddiem it-Teatru ta' l-Opra Aurora, fi Triq ir-Repubblika, Victoria. Jidhru mix-xellug għal-lemin, Mro. Riccardo Muti, John Schembri – Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika Leone u Mro. Joseph Debrincat. **Taħt:** Fit-Teatru ta' l-Opra Aurora. Jidhru mix-xellug għal-lemin John Schembri, Segretarju, Mro. Joseph Debrincat, Mro. Riccardo Muti u Cristina Mazzavillani.*

Iż-żjara ta' Mro. Riccardo Muti f'Għawdex saret fuq inizzjattiva ta' *Renaissance Production*, rappreżentata minn Dr. Anton Tabone u Amabile Zammit. Mro. Muti kien Surmast Direttur ta' *Philadelphia Opera House* bejn l-1980 u 1992, u t-Teatru *La Scala* ta' Milan bejn l-1986 u 2005.

Fit-Teatru ta' l-Opra *Aurora*, Mro. Riccardo Muti intlaqa' mis-Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika *Leone*, John Schembri li flimkien ma' Mro. Joseph Debrincat dawruh mat-Teatru. Hawnhekk ukoll Mro. Muti deher impressjonat ħafna b'dan it-Teatru ta' l-Opra. Mro. Muti ġie ppreżentat b' CD dwar is-Soċjetà Filarmonika *Leone*.

## *Ftuħ tas-Sena Soċjali 2006-7 ta' l-Azzjoni Kattolika - "L-Ispirtu s-Santu jġeddidna"*

Mijiet ta' membri, f'taħlita ta' etajiet minn madwar il-parroċċi Għawdxin, nhar is-Sibt 14 t'Ottubru, imlew is-sala tad-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika, fir-Rabat, Għawdex, għall-ftuħ tas-Sena Soċjali 2006-7. Waqt li l-membri kienu deħlin, ħadu qronfla għal taħt disinn kbir ta' ħamiema biex jifformaw simbolikament is-seba' doni ta' l-Ispirtu s-Santu.



*Mons. Isqof Grech flimkien mas-Saċerdoti waqt il-Konċelebrazzjoni fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika.*





***Fuq:** Il-President Djoċesan ta' l-Azzjoni Kattolika Manuel Saliba. **Taħt:** Il-President Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika tal-Gzejjer Maltin, Joyce Pullicino.*

Il-Kavallier Joe M. Attard ta bidu għall-programm ta' sagħtejn billi stieden lill-Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan Mons Karm Hili biex imexxi t-Talba tal-Bidu. Wara saru diskorsi qosra mill-President Djoċesan Manuel Saliba u l-President Ġenerali Joyce Pullicino. Is-sinjorina Pullicino ħadet l-ispunt mill-motto "L-Ispirtu s-Santu jġeddidna" billi rreferiet għat-tiġdid fl-Azzjoni Kattolika Maltija. Esprimiet iċ ċertezza tagħha li dawn il bidliet pożittivi huma effett ta' tant membri qaddisa li issa qegħdin jitolbu għalihom. B'mod partikolari saħqet fuq kif ixxettlu ż-żgħażagħ (Azzjoni Kattolika). Żiedet li, "...flok Talb, Kontemplazzjoni nistgħu narawha kelma iktar addattata għal-lum; waqt li l-kelma Kommunjoni twasslilna l-idea ta' Ħidma u Tagħlim flimkien". Temmet billi enfasizzat il-bżonn li wieħed jaġġorna għax kull organizzazzjoni ħajja trid tiġġedded.

Imbagħad saret preżentazzjoni bil-*power-point* (dwar il-frott ta' l-Ispirtu) imtellgħa minn Dun Ġovanni Curmi, Segretarju Pastorali tad-Djoċesi. Bħala Assistent Ekklesjastiku tal-Fergħa, kien hu li kkoordina s-serata animata mill-adoloxxenti - f'rabta mal-Pjan Pastorali Djoċesan. Fil-ftit minuti li kellha, Joanie Sciberras tkellmet b'mod ċar dwar l-esperjenza tagħha fl-Azzjoni Kattolika. Saħqet li l-membri għandhom ikunu mħeġġin (u mhux jattendu b'nofs qalb) biex din il-formazzjoni wieħed ikun jista' jġorrha miegħu dejjem fi kliemu u f'għemilu. Il-palk intuża ukoll għax grupp adoloxxenti mix-Xagħra (immexxija minn Ġuża Azzopardi) ippreżentaw kanzunetta jew innu lill-Ispirtu s-Santu b'movimenti koreografati minn waħda minnhom, Christabel.



*Mons. Isqof Mario Grech jidher jagħmel kelmtejn ta' l-okkażjoni, waqt il-ftuħ tas-Sena Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika.*

Imbagħad Mons Isqof Mario Grech mexxa quddiesa konċelebrata flimkien ma' Patri Damjan Cachia (Assistent Ekklesjastiku Ġenerali), Mons Carmelo Hili u saċerdoti oħra. Fil-bidu, Mons Grech stieden lil dawk preżenti għal eżami tal-kuxjenza dwar kemm huma leali għas-sejħa tagħhom fl-appostolat. Għall-omelija, Mons Isqof ħa spunt mill-mistoqsija fil-vanġelu: "X'għandi nagħmel biex ngħix?" Qal li dan tistaqsih il-familja, inklużi anzjani, żgħażagħ jippreparaw għaż-żwieġ u adoloxxenti. Skond il-pjan pastorali, din l-għajnuna trid toffriha l-Kommunità Nisranija kollha. Fil-kamp tant importanti ta' l-appostolat wieħed irid jkompli lil hemm mill-kmandamenti u r-regoli - irid jsir jaf lil Kristu, mhux kemm jaf dwaru biss. Fiċ-Ċirkli, kompla Mons. Isqof, hemm bżonn li wieħed jgħin lilu nnifsu u lill-oħrajn jiltaqgħu miegħu. Semma r-riferenza għall-qawwa tal-Kelma t'Alla fl-Ittra lil-Lhud u stieden lil kulħadd sabiex jagħtiha iktar spazju. L-Ispirtu jrid idawwal lil kulħadd f'liema kampijiet hemm bżonn li jaħdem u b'liema metodi. Il-Membri għandhom iwasslu l-Bxara t-Tajba, mhux għal rashom, iżda f'kordinament bejn l-Azzjoni Kattolika, id-Djoċesi u l-Parroċċa.



*Waqt it-tlugħ ta' l-offerti.*

Manuel Saliba, f'isem dawk kollha preżenti, mexxa il-Wegħda tat-tiġdid kollettiv tat-tesserament. It-Talb Universali tmexxa minn membri adolexxenti (li anki qraw is-siltiet mill-Iskrittura u tellgħu l-Offerti). Ippreżentaw ukoll seba' xemgħat li jissimbolizzaw id-Doni ta' l-Ispirtu. Imbagħad inqraw Bukketti Spiritwali mid-diversi Parroċċi. Mexxew il-kant il-grupp mill-Għarb immexxija minn Bernardette Vella. Qabel il-kant ta' l-Innu Malti, Dun Giovanni esprima ringrazzjament għal dawk kollha li taw sehem f'din l-attività.

## *Premju Ġieħ in-Nadur*



Il-Premju Ġieħ in-Nadur għas-sena 2006 ġie mogħti lis-Sur Joseph Said waqt kunċert mtella' mill-Kunsill Lokali tan-Nadur flimkien mal-Banda Mnarja fit-Teatru MBC nhar is-Sibt 11 ta' Novembru, lejliet il-festa ta' San Koronatu li tiġi ċċelebrata kull sena fin-Nadur. Din kienet id-disa' sena konsekuttiva li ngħata dan il-Ġieħ lil resident tan-Nadur li jkun għamel xogħol volontarju f'oqsma differenti.

Joseph Said kien għalliem għal diversi snin u spiċċa wkoll il-karriera tiegħu bħala Kap ta' Skola. Huwa kien involut f'diversi għaqdiet sportivi u soċjali fin-Nadur matul medda ta' aktar minn sittin sena. Huwa kien ukoll ir-rappreżentant ewlieni tan-Nadur fil-Kunsill Ċiviku t'Għawdex fis-snin sittin fejn bil-ħidma tiegħu fin-Nadur saru diversi xogħolijiet infrastrutturali. Ir-rebbieħa preċedenti ta' dan il-ġieħ kienu Kelinu Vella Haber, Joseph Attard, Dun Karm Attard, Joseph Curmi, Frans Camilleri, Michael Grima u Mons Martin Portelli. Waqt il-Kunċert il-Banda Mnarja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Grech esegwiet biċċiet mill-musical *Miss Saigon*, arranġament ta' kanzunetti Naplitani, arranġament tal-kompożitur Russu Tchaikovsky u biċċiet oħrajn.

Il-premju ġie ppreżentat lil Joseph Said mis-Sindku tan-Nadur Dr. Chris Said li f' diskors tal-okkażjoni enfasizza l-importanza tal-volontorjat u appella biex aktar nies jagħtu ftit mill-ħin tagħhom għal ħidma volontarja f'oqsma differenti. Is-Sindku tan-Nadur fisser ukoll il-politika tal-Kunsill li jgħin lill-għaqdiet kollha tan-Nadur fil-ħidma volontarja tagħhom biex jilħqu aktar residenti.

## *Jum it-Tifkira*



*Membri tas-Sezzjoni t'Għawdex tal-Forzi Armati ta' Malta skjerati quddiem il-Monument ta' Kristu Re, fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk), Victoria.*

Nhar il-Ħadd 12 ta' Novembru, Għawdex bħal Malta ingħaqad mal-pajjiżi tal-*Commonwealth* f'ċerimonja ta' Jum it-Tifkira, f'ġieħ il-vittmi taż-żewġ Gwerer Dinjija, fi Pjazza Indipendenza, Victoria. Kontinġent mill-Forzi Armati ta' Malta ffurmaw il-Gwardja ta' l-Unur maġenb il-Monument ta' Kristu Re li jiddomina Pjazza Indipendenza.

Sar qari ta' poeżija, Omm u Omm ta' Ġorġ Pisani, minn Ms. Florence Garzia; tkantaw siltiet mużikali mill-Kor *Gauletanus*; ingħata tagħrif kommemorattiv minn Joe M. Attard fuq kitba ta' Charles Bezzina; inqrat silta mill-iskrittura Mqaddsa u ingħad talb minn Fr Victor Degabriele S.J.; indaqq il-*Last Post*; inżammet minuta silenzju; indaqqet ir-*Reveille* u tqegħdu kuruni, fosthom waħda mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono li ppresediet iċ-ċerimonja, li spiċċat bil-kant ta' l-Innu Nazzjonali. Ħadu sehem fost l-oħrajn, eks-membri tas-servizzi Ingliżi mir-*Royal British Legion*, *Air Force* u *Navy*.





***Xellug:*** *Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono tidher tqiegħed kuruna quddiem il-Monument ta' Kristu Re.* ***Lemin:*** *Il-Ġiżwita Fr Victor Degabriele (xellug) jidher jaqra silta mill-Iskrittura Mqaddsa. Ħdejh jidher il-Kav. Joe M. Attard li ta tagħrif kommemorattiv miktub minn Charles Bezzina.*

## *Dokumenti minn ħames sekli differenti f'wirja f'Għawdex*



*Waqt il-ftuħ tal-Wirja dwar l-Għarfien ta' l-Arkivji. Faċċata, mix-xellug għal-lemin, jidhru Fr Joe Bezzina, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, Charles J Farrugia, Arkivista Nazzjonali u l-Kavallier Joe M. Attard.*

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa għall-Għarfien ta' l-Arkivji, nhar il-Ħamis 16 ta' Novembru, filgħodu, fis-sala fejn jinżammu l-arkivji, fil-Librerija Pubblika ta' Triq Vajrinġa, ir-Rabat, Għawdex, infetħet wirja ta' manuskritti u ritratti. Fil-wirja bl-isem ta' *Religious Aspects of Life in Gozo*, li ttellgħet għat-tieni sena konsekuttiva, ġew esibiti madwar tletin dokument u ritratti mportanti fl-istorja reliġjuża ta' Għawdex. Dawn id-dokumenti, akkwistati minn uħud mill-ħamsa u għoxrin entità li jiddepożitaw id-dokumenti tagħhom fl-Arkivju Nazzjonali (Taqsima t'Għawdex),



*Manuskritti esebiti fil-Wirja dwar l-Għarfien ta' l-Arkivji.*



*Dr. Victoria Borg (fin-nofs) flimkien mal-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u George Borg, il-librar ewlieni tal-Librerija Pubblika f'Għawdex.*

jesponu aspetti differenti mill-istorja u l-wirt reliġjuż f'Għawdex.L-esibiti, li jvarjaw minn dawk ta' l-1575 sa l-1965, jinkludu fost l-oħrajn rapport tas-seklu sittax li kien għamel il-Viżitatur Apostoliku Pietro Dusina li kien ġie appuntat mill-Papa Gregorju XIII bħala Inkwiżitur u Delegat Apostoliku f'Malta; paneġierki ad unur San Ġorġ Martri u l-qaddisin Fakond u Fortunatu; kif ukoll numru ta' ritratti, meħudin qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, li juru diversi knejjes u parroċċi t'Għawdex. Kemm Fr Joe Bezzina, l-Assistent Arkivista kif ukoll Charles Farrugia, l-Arkivista Nazzjonali, tkellmu dwar l-importanza ta' l-Arkivji.



*Dr Victoria Borg (xellug) f'mument waqt il-preżentazzjoni ta' kopja tat-teżi tagħha lill-Ministru Giovanna Debono.*

Fid-diskors tagħha ta' l-inawgurazzjoni, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, qalet li wirjiet bħal dawn jiffurmaw parti mportanti mill-aspetti tal-ħajja kulturali, edukattiva u soċjali f'Għawdex għaliex jgħinu biex jitqajjem iktar għarfien dwar l-istorja tal-gżira minn perspettivi differenti. Il-Ministru Debono żiedet tgħid li l-Arkivju Nazzjonali (Taqsima t'Għawdex) għandu rwol importanti, imsaħħa iktar u iktar bil-liġi ġdida mgħoddija fil-Parlament fis-sena 2005.




*Il-qoxra tal-ktieb L-Għanja taċ-Ċinju tal-Poeta magħruf Għawdxi Dun Gorg Mercieca.*

Il-Ministru Debono waqt din iċ-ċerimonja ppreżentat lill-Arkivju *album* u *slides* dwar ix-xogħol tal-bizzilla miġbura minn Stephanie J. Armishaw (Sussex) fl-1973. Fil-preżenza ta' Dr Victoria Borg mix-Xagħra li tgħix fl-Awstralja, il-Ministru Debono ppreżentat ukoll, din id-darba lil-Librerija Pubblika, it-teżi ta' Dr Borg stess *Life Satisfaction Adolescents – a cross-cultural study in Malta and Australia*. Hawnhekk Dr Borg tkellmet fuq il-kontenut tax-xogħol tagħha. F'din l-istess okkażjoni l-Poeta magħruf Għawdxi Gorg Mercieca ppreżenta lil-Librerija kopja ta' l-aħħar pubblikazzjoni tiegħu, ktieb ta' poeżiji li jġib l-isem ta' *L-Għanja taċ-Ċinju*. Sadattant sar magħruf illi l-Ministeru għal Għawdex qed jinkludi iktar informazzjoni dwar din it-taqsima fuq is-sit uffiċċjali tal-Ministeru *www.gozo.gov.mt.*

## *Jum it-Tifkira f'Għajnsielem*



*L-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem Dun Frank Bajjada jidher ipoġġi bukkett ward f'riġlejn il-Monument tal-Gwerra f'Għajnsielem.*

Nhar il-Ħadd 12 ta' Novembru, il-Kunsill Lokali t'Għajnsielem fakkar Jum it-Tifkira, kommemorazzjoni għad unur tal-vittmi Għajnselmiżi li temmew ħajjithom traġikament fit-tieni gwerra mondjali. Iċ-ċerimonja bdiet b'quddiesa kantata fil-Parroċċa tal-Madonna ta' Loretu fl-istess local immexxija mill-Arċipriet il-ġdid Dun Frankie Bajjada fil-10 ta' filgħodu b'suffraġju għall-vittmi milquta. Dun Frank għamel ukoll kelmtejn ta' l-okkażjoni. Wara, il-Kunsill kollu flimkien ma' membri ta' diversi għaqdiet fosthom dawk reliġjużi, imxew lejn il-monument tal-gwerra li jinsab maġenb il-knisja parrokkjali. Is-Sindku tal-Lokalità Francis Cauchi għamel kelmtejn ta' l-okkażjoni u wara tpoġġew il-kuruni f'riġlejn il-monument. Dritt wara ndaqqet il-fanfara minn bandisti tal-banda tal-lokal taħt id-direzzjoni tas-Surmast Sunny Galea. Dan il-monument ġie mwaqqaf b'tifkira tal-vittmi Għajnselmiżi mill-Kunsill Lokali t'Għajnsielem fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mit-tmiem tat-tieni gwerra mondjali. Ma' dan il-monument hemm miktubin fil-bronż 19-il isem tal-persuni li ħallew ħajjithom matul il-gwerra. L-età ta' dawn l-eroj tvarja minn sitta sa tlieta u ħamsin sena. Wara, il-Kunsill poġġa ukoll kuruna fiċ-ċimiterju tar-raħal b'rispett lejn dawn il-vittmi.



*Is-Sindku Francis Cauchi (l-ewwel mix-xellug) flimkien ma' membri tal-pubbliku jagħtu tislima xierqa lill-vittmi tal-Gwerra quddiem il-monument.*

## *Uffiċċji Ġodda tal-Kunsilli Lokali fin-Nadur*

L-E.T. il-President ta' Malta Dr Edward Fenech Adami nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru, filgħodu, inawgura uffiċċji ġodda tal-Kunsill Lokali fi Triq it-Tramuntana fin-Nadur fi tmiem żjara uffiċjali li huwa għamel fl-istess raħal. L-uffiċċji ġodda tal-Kunsill Lokali tan-Nadur jinkludu sala tal-komunità, uffiċċju informazzjoni, ċentru tal-*internet*, uffiċċji għal impjegati tal-Kunsill u faċilitajiet oħra. Dawn inbnew fuq art li ġiet devoluta lill-Kunsill Lokali tan-Nadur mill-Ministeru tal-Ġustizzja u



*Jidher is-Sindku Dr Chris Said jagħmel id-diskors tiegħu ta' l-okkażjoni qabel il-ftuħ ta' l-Uffiċċji l-Ġodda tal-Kunsill Lokali, Nadur.*

Intern. Kull parti tal-uffiċċji ġodda hija aċċessibbli għal kulħadd.

Fil-messaġġ tiegħu l-President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami tkellem dwar l-importanza tal-Kunsilli Lokali u d-differenza li dawn għamlu fil-lokalitajiet Maltin fit-tlettax il sena li ilhom mwaqqfin. Huwa faħħar l-eżempju li qed jagħti l-Kunsill Lokali tan-Nadur bil-ħidma tiegħu f' kull qasam u qal li l-bini ta' ċentru ġdid fil-qalba tal-lokalità ser jagħti servizz aħjar lir-residenti kollha tan-Nadur. Is-Sindku tan-Nadur Dr. Chris Said qal li l-Kunsill Lokali ried li jkollu post addattat minn fejn ikun jista' jagħti l-aħjar servizz possibbli lin-Nadurin kif ukoll lil dawk kollha li jiġu jżuru l-lokal. Kien għalhekk li minn kamra waħda fl-iskola primarja tan-Nadur issa l-Kunsill ġie trasferit għal ċentru ġdid u modern fil-qalba tal-lokalità. Is-sala prinċipali tal-uffiċċji ġodda tal-Kunsill Lokali tan-Nadur issemmiet għal Joe Tabone li kien l-ewwel Sindku tan-Nadur bejn l-1993 u l-1996 u li miet fil-kariga ta' Kunsillier fl-1998.



*Waqt it-tberik ta' l-Uffiċċji l-Ġodda tal-Kunsill Lokali, Nadur, mill-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Salv Muscat. Jidhru wkoll il-President ta' Malta Dr Edward Fenech Adami, is-Sindku Dr Chris Said u l-Ministru Dr Tonio Borg.*

Preżenti għall-inawgurazzjoni ta' dawn l-uffiċċji ġodda kien hemm il-Viċi Prim Ministru Dr. Tonio Borg, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, s-Sindki ta' Bucine u Baveno fl-Italja u Parisot fi Franza, il-Viċi Sindku ta' Vyshny Volochok fir-Russja u delegazzjoni minn Cicciano fl-Italja.

## *Wirja ta' Arti minn Żgħażagħ Nadurin*



*Is-Sindku Dr Chris Said (xellug) flimkien maż-żewġ studenti żgħażagħ ta' l-arti.*



*Waħda mill-pitturi li kienu esebiti fit-Torri ta' Kenuna.*

L-istudenti tal-arti Maxine Attard u Nathan Portelli tellgħu wirja kollettiva ta' arti fit-Torri ta' Kenuna fin-Nadur. Din il-wirja li ttellgħet bejn l-Erbgħa 15 u l-Ħamis 23 ta' Novembru, fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali tan-Nadur, infetħet mis-Sindku Dr Chris Said. Ħafna kienu dawk li żaru din il-wirja fejn mill-istess torri setgħu jammiraw il-veduti eċċezzjonali tal-gżejjer Maltin. Għal Maxine Attard u Nathan Portelli din hija l-ewwel darba li esebixxew numru ta' xogħlijiet f'wirja ta' l-arti. Il Kunsill Lokali tan-Nadur minn żmien għal żmien jorganizza wirjiet ta' żgħażagħ li jkunu qed jibdew it-triq tal-arti sabiex iħeġġiġhom ikomplu. Infatti din hija it-tmien wirja ta' żgħażagħ Nadurin li ttellgħet fit-Torri ta' Kenuna f' dawn l-aħħar ħames snin.

## *Pamela tikseb unur kbir fil-Festival Internazzjonali f'Astana Kazakhastan*



Pamela, kantanta żagħżugħa Għawdxija, ipparteċipat f'festival ieħor internazzjonali li sar f'Astana, il-Kazakhstan fil-21 u t-22 ta' Settembru. F'dan il-festival Pamela kisbet is-'*Special Prize of Astana City Mayor*' li huwa l-unur li jingħata għall-aħjar interpretazzjoni taż-żewġ kanzunetti li jitkantaw minn kull parteċipant. Fil-fatt il-festival kien maqsum f'żewġ serati fejn fl-ewwel serata tkantat kanzunetta Kazaka b'arranġament ġdid u bil-kliem maqlub għall-Ingliż, waqt li fit-tieni serata tkantat kanzunetta oriġinali. Pamela tat interpretazzjoni eċċellenti ta' '*Warms my Heart*' b'arranġament ġdid ta' Paul Giordimaina maqlub għall-Ingliż minn Fleur Balzan, kif ukoll ta' '*On my Own*' kanzunetta ġdida miktuba mill-istess *team* apposta għal dan il-festival. Din l-istess kanzunetta inħarġet bħala *CD single* ftit jiem qabel Pamela telqet għall-Kazakhstan. Dan huwa t-tielet festival internazzjonali għal din il-kantanta fi ftit aktar minn sena, wara li f'Settembru ta' l-2005 ipparteċipat fil-*Golden Stag Festival* fir-Rumanija, meqjus bħala t-tieni l-akbar festival fl-Ewropa; u f'Ottubru ta' l-istess sena kienet l-ewwel kantanta mill-Ewropa li pparteċipat fit-tmien edizzjoni ta' '*Shanghai Asia Music Festival*'. Il-parteċipazzjoni ta' Pamela f'dawn il-*festivals* saret possibli permezz tal-kumpanija *b.Right new media Ltd* li Pamela hija ffirmata magħhom u ta' Paul Giordimaina u Fleur Balzan. Fil-fatt Pamela qiegħda taħdem esklussivament ma' dan it-*team* u bħalissa qiegħda tħejji ruħha għall-festival 'Kanzunetta għall-Ewropa'.

ATTWALITÀ

# Lista tal-Presepjii Statiċi

## 20 ta' Diċ 2006 - 2 ta' Jan 2007 (6.00pm - 9.00pm)

| ISEM | INDIRIZZ TAL-PRESEPJU ESEBIT | TELEPHONE NO. |
|---|---|---|
| JOSEPH CURMI | Kazin tal-Banda Mnarja, Triq Dicembru Tlettax, Nadur | 21553003 / 79553003 |
| GEORGE MIZZI | Oratorju Don Bosco, Pjazza Sant Wistin, Victoria | 21554064 / 79538709 |
| DAVID XUEREB | Arjuza' Triq Ghajn Mhelhel, Zebbug | 21561184 / 99561184 |
| ROBERTO CURMI | Centru Parrokkjali, Triq il-Madonna tal-Karmnu, Munxar | 21557420 / 99269063 |
| REV. CARMEL PORTELLI | Centru Parrokkjali, Pjazza 28 ta' April 1688, Nadur | 21558828 |
| GEORGE DEBONO | Zuntier Knisja Kapuccini, Triq il-Kapuccini, Victoria | 21551460 / 79551460 |
| ANTHONY SAMMUT | MUSEUM, Triq il-Knisja, Ghasri | 21557929 |
| ANTON MERCIECA | MUSEUM SUBIEN, Triq Dun Gorg Preca, Nadur | 21556837 |
| ANTHONY MIZZI | MUSEUM SUBIEN, 7 Triq San Guzepp, Qala | 21555047 / 79287437 |
| BENNIE MERCIECA | MUSEUM SUBIEN "DUN GORG", Triq Hamsin, Xewkija | 21556246 / 79090941 |
| JOE MIZZI | 29, Triq Bir Rix, Santa Lucija | 21551345 / 79559518 |
| VICTOR AGIUS | Ggantija Art Gallery', Triq John Otto Bayer, Xaghra | 21552830 / 79594508 |
| MANWEL GRECH | 59, Triq il-Kapuccini, Victoria | 21562668 / 99868989 |
| SAMUEL SILLATO | "Corfu", Triq Enrico Mizzi, Victoria | 21554151 / 99820423 |
| JOSEPH ANTHONY HILI | Centru Vokazzjonijiet, Triq Guzeppi Rapa, Xaghra | 21565517 / 99803138 |
| JOHN THEUMA | Centru Parrokkjali, Triq Fontana, Fontana | 99228190 |
| STEPHEN TABONE | "Massabielle", Triq Tarsu, Munxar | 21555783 / 79301975 |
| HERMAN MIFSUD | "Malverno" Pjazza Madonna ta' Loreto, Ghajnsielem | 21566850 / 79923134 |
| MICHAEL GATT | Centru Parrokkjali, Pjazza San Gwann Battista, Xewkija | 21555428 / 79285850 |
| GEORGE FRANCIS VELLA | 39, Pjazza San Gorg, Victoria | 21551277 / 99557300 |
| JOSEPH ATTARD | MUSEUM SUBIEN, Dar Dun Gorg, Triq Dun Gorg Preca, Xaghra | 21560649 / 79902624 |
| ADONAI CAMILLERI CAUCHI | "Liberty" 11, Triq it-Tramuntana, Nadur | 21553250 / 79045801 |
| GEORGE J.CASSAR | 73, Triq Enrico Mizzi, Victoria | 21564401 / 79564401 |
| PAUL STELLINI | Centru Parrokkjali, Triq J. de Chambrai, Ghajnsielem | 21558646 / 99471741 |
| VICTOR ZAMMIT | Socjeta Filarmonika, Victory Xaghra | 21556624 / 79324608 |

# Lista tal-Presepjii Mekkaniċi

## Milied 2006

| ISEM | INDIRIZZ TAL-PRESEPJU ESEBIT | TELEPHONE NO. |
|---|---|---|
| JOSEPH ATTARD | Museum Subien' Dar Dun Gorg Preca, Triq Dun Gorg Preca, Xaghra | 21560649 / 79902624 |
| JOHN M. CASSAR | 'La Colomba' Triq il-Belliegha, Victoria | 21554002 / 79554002 |
| JOSHUA ZAMMIT | 'Julmar Palace' Triq Kercem, Victoria | 21555958 / 99457118 |
| FRANK MIZZI | 288 Triq tal-Ghajn, Fontana | 21556778 |
| JOSEPH SCHEMBRI | 'Evergreen' Triq il-Madonna tal-Karmnu, Munxar | 21554637 / 79064541 |
| AARON AGIUS | 'Arwil' Ramla Court, Triq Gajdoru, Xaghra | 21553159 / 79420486 |
| NOEL/JOSEPH ATTARD | 'Rustica' Triq Saghtar, Victoria | 21555924 / 79555924 |
| ANTHONY BAJADA | 3, Triq Ganni Vella, Qala | 21564211 / 79321594 |
| RENO RAPA | Socjeta' Filarmonika Banda Prekursur, Triq Santa Katarina, Xewkija | 99800066 |
| SYLVIO GRIMA/ TONI SAID | Kunvent San Frangisk, Pjazza San Frangisk, Victoria | 21565139 / 99853134 |
| ANTHONY PORTELLI | 'Godem House' Gh'melel Street, Zebbug | 21550651 / 79256820 |
| JOE THEUMA | Knisja Gesu Nazzarenu, Xaghra | 21564367 |

Kummentarju (2)

# 13-il Sena ta' Kunsilli Lokali



# It-Triq 'il Quddiem

minn Dr. MARIO SALIBA

**Konna ngħidu li l-Kunsilli Lokali kienu esperiment, iżda issa wara tlettax-il sena esperjenza, dan m'għadux iktar esperiment. Sar parti integrali tal-proċess demokratiku ta' pajjiżna. Il-kunċett prinċipali ta' Kunsill Lokali huwa li jaħdem għall-ġid tar-residenti u jkun ta' servizz għalihom. Dan stajna narawh fil-każ tagħna f'Għawdex matul is-sena, fejn fil-ħarġiet tal-*Ħajja f'Għawdex* stajna naraw il-ħidmiet ta' Kunsilli ta' diversi lokalitajiet madwar Għawdex.**

*Proġetti ġodda*

Mingħajr dubju ta' xejn il-ħolqien tal-Kunsilli Lokali ġab bidliet kbar f'kull lokalità kemm f'dawk li huma proġetti infrastrutturali kif ukoll tibdil fil-kwalità ta' ħajja tar-residenti tal-lokal. Dan minħabba ħolqien ta' *playing fields*, ġonna u *belveders* madwar l-irħula, użu tal-*internet* b'xejn lir-residenti tal-lokalità u tranġar ta' kliniċi u servizz ta' tobba għal ħinijiet limitati fost il-ġimgħa, *day centres* għall-anzjani u diversi korsijiet ta' natura differenti.

Nistgħu ngħidu b'mod ġenerali li l-Kunsilli li l-iktar irnexxew kienu dawk li l-ewwelnett warrbu l-pika politika u l-kunsilliera mxew flimkien u wettqu ħidma għall-ġid tal-lokalità. Fejn kien hemm l-indħil politiku, l-affarijiet marru għall-agħar u sar ftit li xejn. Il-Kunsill jiddependi l-ewwelnett mill-kunsilliera membri u minn min fosthom jinħatar sindku. Fejn dan sar bil-għaqal u nħatret l-aħjar persuna, il-Kunsill mexa 'il quddiem u sar ħafna xogħol. Ħafna drabi s-suċċess tal-Kunsill jiddependi mill-kapaċità u l-entużjażmu tas-Sindku li jmexxi l-Kunsill u l-koperazzjoni li jsib mill-kunsilliera. Fejn is-sindku jirnexxielu jinvolvi lill-kunsilliera kollha fix-xogħol tal-Kunsill, kif ukoll iħajjar lir-residenti stess biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-Kunsill, billi jkunu mdaħħla sotto-kumitati, l-affarijiet jieħdu xejra oħra u kulħadd jaħdem għall-ġid tal-lokalità. Wieħed jistagħġeb kemm ikun hemm individwi fil-lokalità li lesti jagħtu sehemhom għal xi ħidma b'mod volontarju.



*Il-Ġemellaġġi*

Aspett ieħor li spikka fil-Kunsilli Lokali kien il-ġemellaġġi li ħafna Kunsilli għamlu ma' lokalitajiet oħra barra minn Malta permezz ta' skambji jew kollaborazzjoni f'diversi oqsma speċjalment dak kulturali. Dawk il-Kunsilli li għamlu dawn il-ġemellaġġi gawdew bil-bosta u kisbu esperjenzi utli ħafna. Dawk il-Kunsilli li għarfu l-vantaġġ ta' din il-ħaġa, tgħallmu ħafna u setgħu joffru attivitajiet u skambji tar-residenti tagħhom ma' dawn il-pajjiżi.

Illum pajjiżna ilu sentejn u nofs membru tal-Unjoni Ewropeja u għalhekk aħna ntitolati għall-fondi mill-Unjoni. Dawk il-Kunsilli li għamlu il-*homework* tagħhom tajjeb u ħadu l-opportunità gawdew għax irnexxielhom jakkwistaw diversi fondi għall-proġetti tagħhom mill-Unjoni Ewropeja. Dawn il-flus kienu *extra* minn dawk li kellhom allokati mill-baġit tal-Gvern Ċentrali. Forsi mhux il-Kunsilli Lokali kollha kellhom il-mezzi jew in-*knowhow* kif jakkwistaw dawn il-fondi. Ċerti Kunsilli




sa anke mpjegaw persuni barranin li huma esperti f'dan il-qasam biex jgħinuhom japplikaw għal dawn il-fondi. Nafu li kien hemm Kunsilli li wettqu proġetti kbar u li kieku ma kellhomx fondi minn barra ma kienx ikun possibbli li jagħmlu dawn il-proġetti.

***Il-Pass li Jmiss***

Fl-opinjoni tiegħi issa jmiss pass ieħor biex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu jiffunzjonaw bħal gvern lokali. Biex isir dan trid titbiddel il-liġi tal-Kunsilli Lokali tal-1993. Dan minħabba li l-istess liġi kif inhi issa xxekkel lill-Kunsilli milli jieħdu ċerti inizjattivi. Il-liġi trid allura tagħti iktar poteri f'idejn il-Kunsilli. Illum Kunsill Lokali ma jistax jagħmel self minn bank biex iwettaq xi proġett kbir jekk ma jkollux il-permess mill-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali. Fil-prattika dan jista' jsir, imma biss jekk il-Ministru jagħti permess lill-Kunsill. Il-Ministru jista' jiċħad dan il-permess għax ma jkunx f'pożizzjoni li jagħti permess lil kull min jitolbu. Mbagħad Kunsill jista' jgħid li kien iddiskriminat. Il-Kunsill ikun jista' jordna direttament lil kumpaniji parastatali jew korporazzjonijiet biex jagħmlu ċertu xogħol mingħajr ma jkollu joqgħod jistenna kull darba l-approvazzjoni ta' min hu akbar mill-Kunsill. B'hekk



ħafna xogħlijiet ikunu jistgħu jsiru mingħajr ħafna *red tape* żejjed. Xi drabi dan ir-*red tape* jintuża bħala skuża biex iddum ma tingħata l-approvazzjoni jew permess!

Rwol akbar fil-futur tal-Kunsilli jista' jkun is-sehem f'attivitajiet kummerċjali li jistgħu jirrendu qligħ ta' flus lill-Kunsill. Jekk il-Kunsill ikun kapaċi jieħu taħt idejh proġett li jista' jirrendi l-qligħ, għaliex m'għandux jidħol għal din il-biċċa negozju? Dan huwa prinċipju ta' dak li jissejjaħ *Public Private Partnership* (PPP). Din il-fakultà s'issa għadha ma kenitx applikata.

***Il-Ħarsien ta' l-Ambjent***



L-ambjent għandu jkun l-akbar pre-okkupazzjoni tal-Kunsilli. Biex il-Kunsilli jkunu jistgħu jsebbħu l-ambjent jinħtieġu l-flus. Parti minn dawn il-flus jistgħu jiġu minn multi li jsiru lil min iħammeġ l-ambjent. Il-prinċipju ta' "*the pollutor will pay*" għandu jitħaddem fil-milja tiegħu. Introjtu ieħor ta' flus għall-Kunsilli huwa mill-flus ta' permessi ta' ħwienet. Parti minn dawn il-ħlasijiet jistgħu jinżammu għall-Kunsill. Il-Kunsilli għandu jkollhom speċi ta' *commission* dovuta lilhom mix-xogħol klerikali li jagħmlu bħalma huma ħruġ ta' ċertifikati, ħlas ta' multi, eċċ. Għalhekk jistgħu jingħataw servizzi oħra lejn ir-residenti tal-lokal bħal ħlasijiet ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma, eċċ.Ta' dan is-servizz, il-Kunsilli jistgħu jitolbu xi ħlas żgħir.

***Obbligi Soċjali***

Il-Kunsilli għandhom ukoll l-obbligi soċjali u diversi Kunsilli ġa qed jagħmlu enfasi fuq din il-funzjoni.Tajjeb li nsebbħu l-ambjent u nżommu l-indafa, iżda tajjeb ukoll li jkun hemm attivitajiet ta' natura edukattiva u kulturali anke inizjattivi favur ċerti sezzjonijiet tal-poplu li huma inqas sfortunati u attivitajiet aktar fost l-istudenti. Il-Kunsilli huma fid-dmir li jaraw li fil-lokalità tagħhom għandu jkun hemm aċċessibbiltà għar-residenti kollha anke dawk b'diżabbiltà, speċjalment għall-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill stess u servizzi oħra bħalma huma uffiċini oħra tal-gvern u anke ċentri tas-saħħa. Hawn irridu nsemmu li għad hawn ċerti Kunsilli li għadhom ma rranġawx dik li qabel konna nsejħu 'l-berġa tal-gvern' fejn jingħata servizz limitat ta' tabib fost il-ġimgħa, u hemm oħrajn fejn din il-berġa mhix aċċessibbli għal nies anzjani, aħseb u ara għal min għandu diżabbiltà.

Il-Kunsilli huma fid-dmir li jħarsu t-tradizzjonijiet tagħna bħala poplu, speċjalment dawk li għandhom x'jaqsmu mal-



lokalità partikolari. Dan qed isir bil-ħarsien u restawr ta' postijiet storiċi bħalma huma torrijiet, mużewijiet, kappelli, palazzi ecc. Barra minn hekk, hemm xi Kunsilli li qed jerġgħu jagħtu ħajja lil ċerti tradizzjonijiet bħama huma festi tradizzjonali, il-karnival, u drawwiet oħra folkloristiċi u anke il-kċina tal-lokal.

Il-Kunsill huwa fid-dmir li jagħmel konsultazzjoni mar-residenti dwar ċerti proġetti li jkunu ser jaffettwawlu l-ħajja tiegħu ta' kuljum. Din il-konsultazzjoni għandha tkun kontinwa għax il-Kunsilli qegħdin biex ikunu ta' ġid għar-residenti tal-lokalità kollha u mhux biex igawdu numru żgħir ta' residenti. Il-Kunsilli għandhom ukoll id-dmir li mhux biss jikkonsultaw lir-residenti iżda wkoll li jkunu t-tarka tar-residenti meta jkun ser issir xi ħaġa li tagħmlilhom ħsara. Dan huwa dmir li l-ebda Kunsill ma jista' jaħrab minnu. Jekk Kunsill ma jiġġilidx spalla ma' spalla mar-residenti kontra min ikun ser jagħmel il-proġett, kemm jekk ikun żviluppatur privat u anke jekk ikun l-istess Gvern Ċentrali, il-Kunsill ikun ħati ta' ommissjoni u nuqqas ta' kuxjenza.

Wieħed jinnota li xi drabi ma jkunx hemm koperazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali speċjalment f'partijiet tal-lokalità li tkun qrib ta' lokalità oħra. B'hekk ċerti postijiet li jinqabdu bejn żewġ lokalitajiet jispiċċaw b'xiber imnieħer. Dan iseħħ l-iktar jekk f'dan il-post partikolari ma jkunx hemm residenti u tispiċċa *no man's land.*

***Il-Kunsill u l-Komunità***

Il-Kunsilli Lokali huma proċess demokratiku li kien aċċettat mill-partiti kollha u anke miċ-ċittadini. Permezz tagħhom jista' jkun hawn aktar dixxiplina fil-pajjiż, barra li tingħata dehra aħjar ta' pajjiżna. Kull wieħed u waħda minna huwa fid-dmir li jagħti sehmu billi joffri s-servizz tiegħu għall-Kunsill kemm direttament bħala kunsillier u kemm indirettament bħala membru f'xi sotto-kumitat tal-Kunsill. Tajjeb li l-Kunsill jinvolvi iktar nies biex iwettqu l-ħidma tagħhom u b'hekk tikber l-għaqda fost ir-residenti tal-lokalità. Permezz tas-sotto-kumitati, il-Kunsill jista' jkun iċ-ċentru ta' l-attività kulturali tal-lokalità u mhux biss uffiċċju amministrattiv. Il-Kunsill ma jistax iwettaq l-obbligi tiegħu soċjali jekk iservi biss bħala uffiċċju. Il-Kunsill għandu jkun id-dar tar-residenti - il-post fejn huma mingħajr biża' jwasslu l-ilmenti kif ukoll is-suġġerimenti tagħhom u fejn huma jkunu jistgħu jirċievu l-għajnuna li jkollhom bżonn. Wara kollox il-ħajja mhix xogħol biss iżda mod kif aħna ngħixu flimkien bħala komunità.



HILITE
Hardware Store
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
*Importers of*
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

OFFICE
NEEDS

MARIO ZAHRA
Triq il-Muniċipju Ruman,
Victoria, Gozo, Malta.
Res. Tel: 21 563072
Off. Tel: 21 556500
Fax: 21 556500
Mob: 99459387

L-INTERVISTA

# IL-MILIED FIL-PARROĊĊA TAL-FONTANA

**Joseph W. Psaila jintervista lill-Kappillan Dun Ġorġ Bezzina dwar l-attivitajiet tal-Milied fir-raħal tiegħu.**

***X'tifkiriet għandek tal-Milied ta' tfulitek, kemm fil-familja kif ukoll fil-parroċċa fejn trabbejt?***

It-tifkiriet tal-Milied ta' tfuliti huma bosta tant li huwa impossibbli nsemmihom kollha, imma żgur li nsemmi dak kollu li ħalla effett fil-ħajja tiegħi.

*Fil-Familja*

Sa minn kmieni ommi u missieri kienu jiġbruna biex flimkien bħala familja, il-ġenituri u wlied nibdew inżejnu ftit ftit għall-Milied. Min jixtri xi tiżjin għall-kmamar; min jagħżel xi pasturi tat-tafal minn għand Majsi jew Ġużepp tal-belt; min jaħseb għad-djar u siġar tal-kartun u affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-presepju. Niftakar tant ċar il-ferħ u l-entużjażmu li kien ikollna lkoll kemm aħna meta filgħaxija missieri Ġużeppi kien jibda jwaqqaf il-presepju. Min inewwel il-karti. Min jidlek bil-kolla tal-mastrudaxxa, min jiżbogħ u min iwaħħal il-karti biex niffurmaw l-għerien. X'paċi tal-qalb kien ikollna.

Però anke fil-kċina għadni nara lil ommi Salvina tibda tipprepara affarijiet għall-Milied bħal *cake* tal-Milied li jrid isir tant qabel biex tkun tista' tiddekorah. Ommi kienet tipprova tagħmel hi kemm tista' l-affarijiet mhux biss għax forsi ekonomikament ma setgħetx tixtri kollox; imma wkoll għax il-fatt li qegħdin flimkien, qegħdin insaħħu aktar l-imħabba u l-għaqda. Imma tajjeb ngħid li l-preparazzjoni ma kienitx tkun biss materjali, kienet tħeġġiġna biex immorru n-Novena tal-Milied u d-dar irridu nitolbu u nkantaw flimkien jekk mhux ukoll kienet tirrakkuntalna xi storja li forsi tkun semgħet minn fuq ir-*Rediffusion*.

*Fil-Parroċċa*

Fil-parroċċa kont insib il-għaxqa tiegħi, kemm bħala abbati; kemm fid-duttrina u l-knisja bil-kant tal-*Alma* u għanjiet oħra. Jien kont abbati San Ġorġ u dak iż-żmien bħala abbatini kienu jagħmlulna laqgħat apposta biex jippreparawna għall-Milied. Niftakar lil Can. D. Ġużepp Sacco dak iż-żmien direttur tal-abbatini jippreparana anke bil-kant u kif nagħmlu servizz. Mument li ma ninsa qatt kien meta għamilt il-priedka tat-tifel tal-Milied li kienet tibda bil-latin ANNUNTIO VOBIS GAUDIUM MAGNUM - inħabbrilkom ferħ kbir eċċ. U din tant ħalliet effett fija li kemm ilni kappillan għal dawn l-aħħar 15-il sena, dejjem ippruvajt inħejji sewwa lit-tifel għall-priedka għax inġedded fija dawk is-sentimenti li ħassejt dak inhar.

*Fil-Vatikan*

Żgur li ma nistax ninsa ż-żewġ Milidijiet li għaddejt fil-Belt tal-Vatikan ġewwa Ruma. Kien għad għandi biss 11 u 12 il-sena meta kont il-Preseminarju S. Pio X il-Vatikan nistudja. L-ewwelnett kien ikun Milied ta' nostalġija f'età hekk żgħira 'l bogħod mill-familja speċjalment mill-ġenituri. Imma l-paċi tal-Milied ma kienitx tonqos għax kemm is-sorijiet kif ukoll is-superjuri kienu jagħmlu minn kollox biex inkunu ferħanin. Aktar u aktar meta bħala abbatini konna nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet fil-Bażilka ta' S.Pietru speċjalment dawk immexxija mill-Qdusija Tiegħu l-Papa dak inhar Pawlu V1. Ħaġa li żgur ma ssibha mkien. Konna nibdew mill-bidu ta' Diċembru nħejju xi tip ta' presepju kbir pereżempju speċi ta' '*stained Glass*' jew tal-ġablow. Mbagħad narmaw il-post u niċċelebraw bħal familja l-Milied - bi żjajjar kbar bħal Kardinali u Ambaxxaturi li kienu jiġu jieklu magħna u fost l-oħrajn ir-rigal li kien jibagħtilna l-Papa. Insomma snin li ma ninsihom qatt.

***Il-Milied ta' tfulitek u dak tal-lum, x'differenzi hemm bejniethom?***

Illum il-Milied huwa differenti minn bosta aspetti. L-ewwelnett kbirna fl-età u allura kollox tara differenti. Però dan ma jnaqqasx il-ferħ tiegħu għax il-Milied għandu seħer għal kulħadd u mhux biss għat-tfal. It-tieni; id-dinja għamlet kambjament kbir fix-xjenza, fit-teknoloġija u anke fl-ekonomija. Illum kollox mekkanizzat u kompjuterizzat. Kollox jiswa l-belli liri u xejn aktar sempliċi bħal ftit lewż u xi *toy* tal-*plastic* biex nitgħaxxqu bih. It-tielet, illum ilni mmexxi il-Parroċċa tal-Qalb ta' Gesu' ġewwa l-Fontana għal 15 il-sena. Sfortunatament illum il-Milied sar aktar pagan f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri, ikliet, divertiment u rigali. Nista' ngħid li m'għadux jinħass il-Milied tal-familja. Ma tantx għadu jgħodd is-*saying* taljan, "*A*



*Natale a casa con I tuoi, a Pasqua poi fa quello che voi*", jiġifieri l-Milied tgħaddih mal-familja, filwaqt li l-Għid il-Kbir tista' tiċċelebrah anke 'l bogħod mill-familja. Illum naraw affarijiet li jbegħduk minn dik li hi spiritwalità tal-Milied u trid taqdef bis-sħiħ biex forsi jirnexxilek twassal fil-qlub l-ispiritwalità tal-Milied. Bħala kappillan, illum il-festi tal-Milied ifissru għalija ħsieb minn bosta ġimgħat qabel biex torganizza dawn il-festi. Però biex ma nitlifx dak il-ftit li nista', nagħmel l-almu tiegħi biex ngħix Milied Spiritwali kemm fuq livell personali kif ukoll fuq livell komunitarju. Imma dan jitlob impenn sħiħ minn kull persuna.

***X'inhuma l-attivitajiet li soltu jsiru fil-parroċċa tal-Fontana fi żmien il-Milied?***

Fil-parroċċa tal-Fontana nippruvaw li kull kategorija tkun b'xi mod involuta. Hekk per eżempju n-Novena tkun animata minn familji li joqogħdu f'toroq differenti u b'hekk inkopru t-toroq kollha tal-Fontana, barra minnhekk matul in-Novena wkoll, kull klassi tad-Duttrina wara l-quddiesa jagħtuna xi *play* jew għanjiet b'messaġġ għall-Milied Qaddis. Dawn it-tfal ikunu ġew ippreparati mill-Katekisti tagħhom u allura ninvolvu wkoll lill-ġenituri speċjalment taż-żgħar f'dawk li huma ħwejjeġ eċċ. Barra minn dan l-istudenti tal-Griżma tal-Isqof flimkien mal-adolexxenti u żgħażagħ, fuq jumejn iżuru l-morda kollha tal-Parroċċa, joffrulhom rigal lil kulħadd u jagħmlu kollegamenti dak il-ħin fuq *Radio Sacro Cuor*. B'hekk il-morda jagħtu wkoll minn djarhom il-Milied it-Tajjeb lil parruċċani kollha.

Minbarra ż-żewġ presepji kbar li jsiru fil-knisja u fiċ-Ċentru, issir siġra hekk msejħa s-Siġra tal-Karita'. Il-Milied hu festa ta' kulħadd u għalhekk kull min jiġi l-knisja jkun mistieden jieħu minn fuq din is-siġra biljett u jsarrfu f'dak li jkun hemm miktub fuqu. Normalment dawn jissarrfu f'oġġetti jew donazzjonijiet għall-karità jew xi proġett partikulari fil-Parroċċa.

Imma fuq kollox nippruvaw li tinżamm Liturġija bl-aħjar mod possibbli. Il-kant ikun f'idejn il-*Chorus Urbanus* biex niżguraw li l-assemblea tieħu sehem taħt id-direzzjnoi ta' Mro. John Galea. Dan ikun fil-lejl speċjali tal-Milied, fejn qabel tinżamm il-priedka tat-tifel din is-sena miċ-ċkejken James Mizzi. Ta min jgħid li kull sena fl-aħħar jum fil-11.00 ta' bil-lejl tinżamm siegħa adorazzjoni komunitarja biex intemmu s-sena ma' Gesu. F'nofs il-lejl jitkanta l-*Veni Creator* u wara niċċelebraw l-ewwel quddiesa tas-sena l-ġdida. Wara l-quddiesa tingħata *drink* lil kull min ikun preżenti.

***Għal din is-sena, x'hemm mħejji fil-parroċċa tiegħek sabiex jinħass l-ispirtu nisrani tal-Milied?***

Minbarra dak kollu li semmejt, jiżżejnu t-toroq prinċipali, issir kompetizzjoni fil-Parroċċa ta' l-aħjar presepju jew tieqa jew Bambin imżejjen. Hemm il-ħsieb li fil-knisja nesebixxi l-wirja tal-kollezzjoni privata tiegħi tal-presepji. Żgur li wieħed jieħu gost jara din il-kollezzjoni.

Sehem kbir jagħti r-*Radio Sacro Cuor* mhux biss għax iwassal il-funzjonijiet kollha anke fuq l-*internet*, imma jiddedika erbat ijiem lejlet u nhar il-Milied kif ukoll l-aħħar u l-Ewwel tas-sena, b'maratona biex wieħed iċempel u jagħti l-awguri lil kulħadd. B'hekk il-familji kollha flimkien ma' dawk kollha li jsegwu *Radio Sacro Cuor*, inkluż l-emigranti tagħna, nsiru familja waħda magħqudin permezz tal-*media*.

Bla dubju din is-sena diġà saru diversi laqgħat fejn spjegajna l-iskop tal-Avvent. Fin-novena minbarra l-kant tal-*Alma* li din is-sena ser titkanta minn Martha Galea, nimxu fuq il-pjan pastorali billi ngħixu flimkien il-frott tal-Ispirtu s-Santu. U hemm il-ħsieb li kuljum isir programm ta' nofs siegħa fuq *radio* tal-komunità bħala spjega ta' dan il-frott tal-Ispirtu kif inhi x-xewqa tal-Isqof tagħna Mons. Mario Grech.

***Għandi nifhem li, fi żmien il-Milied, fil-Fontana wkoll, bħal f'lokalitajiet oħra, jkunu organizzati attivitajiet soċjali. X'valur għandhom dawn l-attivitajiet soċjali biex ikun hemm aktar għaqda fil-komunità?***

Hekku jien nemmen ħafna fl-attivitajiet soċjali. Nemmen li bħalma l-bniedem jaqsam flimkien il-Kelma ta' Alla u l-Ewkaristija; hekk għandu jaqsam flimkien mument soċjali. Mumenti fejn niltaqgħu, nirrilassaw, nieħdu xi ħaġa flimkien u fuq kollox nikbru fl-imħabba lejn Alla u bejnietna. Huma mumenti fejn wieħed juri sens ta' gratitudni; u rikonoxximent għall-ħidma li titwettaq matul is-sena bosta drabi fil-moħbi u bla ebda daqq ta' fanfarri. Imma tajjeb li nitgħallmu napprezzaw il-ħidma ta' kull wieħed u waħda għax b'hekk tgħix il-familja l-kbira msejħa Parroċċa. Mumenti fejn wieħed jiftaħ qalbu fuq bazi ta' ħbiberija u nippjanaw dejjem għall-ġejjieni aħjar. Dawn il-mumenti aħna ngħixu kemm mat-tfal, mal-adolexxenti u żgħażagħ, mal-anzjani u l-morda, mal-familji u bħala komunità parrokkjali fejn kulħadd ikun preżenti għar-riċeviment speċjali.

B'hekk nawguraw il-Milied it-Tajjeb u Qaddis lil kulħadd.

GĦANDEK IL-BEJT
QED JOQTOR?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN

GREZZJU BONELLO
Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102

# VERSI RIFLESSIVI

## REĠA' WASAL IL-MILIED

Milied ieħor reġa' magħna,
Kif jitgerbu b'ħeffa s-snin!
Hawn arana mdawrin miegħek
O Ġesù ħelu Bambin.

Fid-dar bnejna l-Presepju
kollu nagħaġ, kollu pasturi
u bir-riħa tfuħ tas-sagħtar,
Kewkba tiddi it-triq turi.

Lil tant ragħajja li bil-merħla
ġew fil-għar biex jadurawk;
Deheb, inċens, magħhom il-mirra,
tawk is-Slaten malli rawk.

Mis-Smewwiet qtajjiet ta' anġli
għalenija lkoll kantaw
Glorja 'l Alla, paċi, hena,
lill-bnedmin ħabbrulhom, taw.

Kemm neħtieġu din il-paċi
li qed tonqos ma' kull jum!
Erġa' twieled fil-qalb tagħna
O Bambin, kemm ser iddum!

X'jiswa illi djarna nżejnu,
nibnu s-Siġra tal-Milied,
jekk fostna ssaltan il-firda,
lejl u nhar jaħkem il-ġlied!

Mhux il-'parties' u d-'discos'
jagħmlu dan veru Milied;
'mma l-imħabba, bla tarf, t'Alla,
li minn Betlem darba ġiet.

Bambin ċkejken ejja ninni
fil-benniena tal-qalb tagħna,
lilha saħħan w ibqa' hemm
ġewwa
u la titlaq qatt minn magħna.

B'hekk tifsira l-Milied jikseb
għaliex dan l-akbar tifkira
ta' kemm Alla ħabb lill-bniedem
meta fdieh b'tarbija fqira.

**Kav. Joe M. Attard**

## IL-MILIED

Qniepen ħelwa qed idoqqu
għaliex twieled il-Bambin:
jieħdu gost il-ħlejjaq kollha
b'din il-ġrajja ferħanin.

Niżlu l-Anġli minn ġos-Sema
qtajja' qtajja' ta' mijiet
jaduraw lil dit-Tarbija
illi niżlet mis-Smewwiet.

Ġew ir-ragħajja mill-għelieqi
għaliex kienu mwissijin,
ġew iżuru l-ħlejqa ġdida,
il-Feddej tagħna l-bnedmin.

Ġew ukoll is-Slaten Maġi
bir-rigali tagħhom sbieħ,
niżlu b'qima jadurawha
għarkubbtejhom minnufih.

O Ġesù, ċkejken tarbija
ġib il-paċi bla dewmien,
xerred dlonk il-barka tiegħek
fuq kulħadd u kullimkien!

**Kan. Joe Mejlak**

## FIL-PRESEPJU GĦAWDXI

Fil-presepji kollha tagħna
hemm il-għaġeb prim attur
li ried jidher u jinstama',
il-belt kollha b'leħnu tfur.
Kien hu l-ewwel wara l-anġli
beda jxandar lill-Feddej.
Dlonk kif sama' l-Aħbar tajba.
xejn ma qies li hu min hu,
nesa kollox, jgħidu x'jgħidu,
ried kulħadd jisma' b'Ġesù.

In-nies tieqaf u tistagħġeb
b'dan il-għaġeb kemm hu għaġeb;
għaldaqstant daħal fl-idjoma
u ħa post fid-dizzjunarju...

Mhux ta' b'xejn saret dil-gżejra
art għammiela għall-missunarju.

**J.W.Psaila**

## L-GĦANJA TAL-MILIED

Għaliex kull meta jasal
ix-xahar tal-bard u l-ksieħ,
u l-art bis-silġ tinkesa
u mas-siġar jgħanni r-riħ,

jien nibda nħoss ġo fija
xi ħaġa barranija,
u dlonk naqbad il-pinna
biex nikteb poeżija?

U l-għanja tiegħi tfawwar
minn qalbi ferreħija
għaliex tweldilna iben
jisma Ġesù l-Messija.

Nisħajjel l-għanja tiegħi
tkun ġejja mis-smewwiet
bħal dik li kantaw l-anġli
fil-lejla tal-Milied.

Nistħajjel l-għanja tiegħi
tkun l-għanja ta' Marija
l'għanniet ħdejn il-maxtura
biex traqqad it-tarbija.

Nixtieq li l-għanja tiegħi
issaħħan lill-Bambin
kif saħħnu n-nifs qawwi
taż-żewġ bhejjem ġwejdin;

u ddawwal d-dlam lejli
bħall-kewkba li mexxiet
mill-bogħod lejn l-għar ta' Betlem
lil dawk it-tliet rejiet.

Nixtieq li l-għanja tiegħi
tkun l-għanja tal-pasturi,
tar-riħa tfuħ tas-sagħtar,
tal-fidda w tal-kuluri.

X'hemm isbaħ jew li jferraħ
minn grotta kollha dija,
b'Marija u Ġużeppi
u f'nofshom it-tarbija!

Għalhekk kull meta jasal
ix-xahar tal-bard u l-ksieħ,
kull sena ngħanni l-għanja
fuq il-Milied sabiħ

**Ġanninu Cremona**

*Sitt Poeżiji tal-Milied*

# MA KELLHOMX KEWKBA TMEXXIHOM!

Bdew vjaġġ twil, tul triq bil-ħajra
li jiksbilhom ħajja aħjar,
li jerfagħhom mill-miżerja,
ta' faqar, niket u mrar.

Ma kellhomx kewkba tmexxihom.
Qatt ma raw id-Dawl fuq l-Għar.
Sabu biss lil min jisloħhom,
għall-wegħdiet fiergħa, fi ċpar.

Għabbihom f'dgħajsa qadima.
marsusa qishom sardin,
telaqhom ilkoll għal riħhom,
b'ta' senduqhom, mad-destin.

Qasmu l-baħar bi tbatija,
sa ma' lemħu art fil-bogħod,
'mma ma' l-għera, ħmieġ, tixrib,
b'ferfir qalbhom bdiet tirtgħod.

Kienu jafu li m'hemmx anġli,
li m'hemmx ġenna tistennihom,
li biex jaslu fl-art mwiegħda
riedet tgħinhom wisq xortihom.

Xebbaħthom f'għemża 'l Ġużeppi,
b'Marija, sejra ssir omm,
wara dik it-triq tant twila,
ħadd ma jilqa', ħadd ma jżomm.

Sabiex fl-aħħar għar isibu,
ma' baqra, ħmara jitwennsu;
li ma kienx għall-kbir miraklu
ara kif kienu jiddennsu!

Jew inkella lejn l-Eġittu
jaqbdu t-triq, tlieta, di' d-darba,
fost twegħir, tħarbit, perikli,
b'suċċess jagħmlu din il-ħarba.

Hekk, kull klandestin nisthajjel,
triqtu jaqbad, ma jqisx dnewwa,
jekk tiġih tajba, jaħtafha,
jekk ħażina, ittiħ ġewwa.

Tgħidli qalbi, biex iħalli
art twelidu, niesu, ħwejjeġ,
hemm x'Erodi qed ifittxu,
biex suldati jqattgħuh bċejjeċ!

**Francis Sultana**

# MILIED... BLA BAMBIN!

Il-Milied...u x'Milied!
It-tarbija le ma ġiet.
Tnisslet kieku...bdiet tissawwar
f'biża' mrawwam li l ferħ nawwar.

Ġera Erodi, sab triq mnejn
flus iħallas biex xejn, xejn,
il-wild jeqred ta' xahrejn;
mingħalih li issa ħieles,
bla xejn xkiel, jagħmel li jrid,
jgħix bid-droga fit-tbaħrid.

'Mma t-tarbija li ma ġietx,
tgħanni glorja fis-smewwiet
nisslet trawma mingħajr kwiet...
paċi fl-art qatt ma ħalliet
lil min ħeles minnha għax ried!

**Francis Sultana**

*Nota:*
*L-abort huwa l-"Qtil ta' l-Innoċenti" fi żminijietna!*


**Imperial Eagle**




DAILY (from Monday to Friday)
Transport of goods between
Gozo & Malta and Malta & Gozo.

Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

Ta' Vestru
*Bar, Restaurant & Pizzeria*
*Specializing in Local & Italian Food*
Open daily for Lunch and Dinner
5, St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2156 4589, 2155 9090, Mob: 7970 6274

MARIO DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# Betlehem qabel u fit-Twelid ta' Ġesù

Meditazzjoni Biblika minn **Mons. Lawrenz Sciberras**

Il-Milied għadu festa li tinsab mlaqqma fi qlub ta' bosta u bosta nsara. Matul il-mixja tas-snin daħlu bosta drawwiet li tappnu xi ftit il-ferħ spiritwali u ġenwin li wieħed għandu jħoss u jġorr fih matul dawn il-jiem. Din il-festa tfakkarna f'dak li ġara meta waslet il-milja taż-żminijiet - twelid l-Emanweli. U dan il-mixtieq tal-popli għamel l-għamara tiegħu f'Betlehem.

Jien ċert li kull nisrani jixtieq li jmur jagħmel żjara lil dak il-Għar Qaddis; u bir-raġun. Min kellu x-xorti jasal sa hemm, u tbaxxa biex ibus dik l-istilla li **timmarka post it-twelid** jaf x'ferħ iħoss u jġarrab. F'dan l-artiklu ser nixħet l-attenzjoni tiegħi fuq ir-raħal żgħir ta' Betlehem, dak li kien tant ixxurtjat. U għalhekk ser nistudja dejjem mill-Iskrittura u s-Santi Padri liema parti lagħab raħal Betlehem qabel ma twieled l-Emanweli u wara. Dan ifisser kif kienet u liema sinjali esterni wrew l-ewlenin Lhud-Insara dwar Betlehem.

### Il-mewt ta' Rakel

Ir-raħal ta' Betlehem li huwa madwar tmien kilometri biss bogħod minn Ġerusalemm, għandu għeruqu qodma ħafna fit-Testment il-Qadim. Difatti diġà l-ewwel ktieb ta' l-Iskrittura, il-Ġenesi, isemmi dan ir-raħal. Aħna nafu llum li dan il-ktieb sagru bħala redazzjoni finali sar wara l-eżilju ta' Babel, jiġifieri wara s-sena 537. Però din it-tradizzjoni tal-mewt ta' Rakel, omm Benjamin, tasal sa żminijiet l-aktar 'il bogħod, fi żmien il-Patrijarki, li dan ifisser is-sekli 17-16 qabel Kristu. "Rakel kellha ħlas diffiċli. Issa ġara li waqt li kienet se tmut tweldilha tifel u semmietu Benomi li jfisser iben id-dwejjaq, fil-waqt li missieru semmieh Benjamin, iben il-lemin. Rakel mietet u ġiet midfuna fit-triq ta' Efrata, jiġifieri Betlehem" (Ġen 35,16-19). Sal-ġurnata ta' llum inti u dieħel Betlehem għandek issib dan il-qabar tal-matrijarka Rakel.

### Samwel u David

Fuq l-amar ta' Alla, il-profeta Samwel telaq minn Rama u mar Betlehem għand il-familja ta' Ġesse, sabiex jagħmel id-debħa tiegħu lill-Mulej u jidlek sultan ta' Iżrael lil David. "U Samwel qabad il-qarn mimli biż-żejt u dilek lilu (David) minn fost ħutu u l-ispirtu ta' Jahweh niżel u qabad lil David" (1 Sam 16,13). Lil dan is-sultan David, li kien minn Betlehem, sarulu l-wegħdiet dwar il-kontinwazzjoni tas-saltna mill-profeta Natan (2 Sam 7,4-16). Dan ir-raħal ta' Betlehem għalhekk intrabat waħda sew mas-slaten. Kollox beda jdur u jindika li xi ħadd speċjali kien ser joħroġ minn hemm.

### Il-profeta Mikea

Kull ma jmur bosta ġrajjiet kienu juru li f'dan ir-raħal minsi ser tiġri xi ħaġa kbira u ta' importanza qawwija. L-oraklu divin li min jaf kemm-il darba kantaw, ġie studjat u mgħarbel eżeġetikament, jitkellem b'mod l-aktar ċar u determinat mir-raħal ta' Betlehem. Profezija li saret bejn is-snin 755 u 696 qabel Kristu tikkonferma dan kollu. "U int Betlehem ta' Efrata ċkejkna fost il-familji ta' Ġuda, minnek għad joħroġ dak li jkun prinċep f'Iżrael; hu għandu l-bidu tiegħu mill-qedem, sa minn dejjem ta' dejjem" (Mik 5,1). Issa dan il-kliem profetiku jkompli jaqbel u jiċċara ma' profeziji oħrajn fosthom dak tax-xebba Omm (Is 7,14).

### It-twelid f'Betlehem

Waslet il-milja taż-żminijiet. Skond il-pjan t'Alla, il-poplu Lhudi suppost li kien mħejji sew biex jilqa' l-Messija. Xejn ma jiġri addoċċ fil-pjan t'Alla, tant li din id-darba, dejjem biex iseħħu l-profeziji, Alla nqeda b'Ċesri Awgustu. Kien ċar l-amar tal-ħakem Ruman: "Kulħadd kellu jmur jinkiteb fil-belt tiegħu". (Lq 2,3).

Nafu issa b'liema kuluri ntisġet ix-xena tat-twelid ta' Ġesù Bambin. Ġużeppi r-raġel ta' Marija, "kien mid-dar u l-familja ta' David". Is-sultan David, kif diġà rajna, kien minn Betlehem; allura Ġużeppi dejjem biex jobdi l-amar ta' Ċesri, fuq kollox biex jitwettqu fil-milja tagħhom il-profeziji, minn Nazaret kellu jitlaq b'martu li kienet tqila lejn Betlehem biex jinkiteb hemm. L-evanġelista Luqa jiddeskrivi dan it-twelid tas-Sema u x'ġara hekk kif deher għad-dawl it-tarbija Ġesù.

### Ir-Ragħajja ta' Bet Sahur

Hemm fil-għar madwar iben Marija nġabru serje ta' spettaturi, kważi kollha miblugħin għal dak li kienu qegħdin jaraw u jisimgħu. L-ewwel fosthom hemm ir-ragħajja ta' Bet Sahur. Dawn ukoll bħal Marija, Ġużeppi, u Żakkarija kellhom id-dehra propja lilhom. L-anġlu stedinhom "la tibżgħux", ħabbrilhom twelid xejn normali, u s-sinjal huwa dak tal-maxtura (lq 2,9.12). Hawn ta' min ifakkar li għar-rabbin, ir-ragħajja kienu meqjusin bħala nies ritwalment m'humiex indaf, u allura esklużi mill-ħajja reliġjuża. Però jidher sew li kienu nies ta' fidi, u dan



għaliex wara li waslitilhom l-aħbar, dritt ħadu azzjoni: "Ejjew immorru Betlehem, ħa naraw x'ġara kif għarrafna l-Mulej" (Lq 2,15).

Luqa juri dan permezz ta' numru ta' verbi ta' azzjoni: "ejjew immorru", "ħa naraw", "għarrafna", "marru jgħaġġlu", "sabu", "bdew jgħarrfu", "intqal lilhom", "semagħhom", "reġgħu lura", "isebbħu u jfaħħru dak li raw u semgħu". Tidher hawn *climax* ta' verbi ta' tfittxija, mela ta' rivelazzjoni, u ta' adorazzjoni. Dak li għamlu r-ragħajja kienu fost l-ewwel missjunarji ta' Kristu. Hemm ukoll klassi oħra ta' nies, huma "dawk li semgħu", jiġifieri l-folla. Huma "stagħġbu", baqgħu milquta, imma "jilqgħuha bil-ferħ" iżda ma jkollhomx għeruq (Lq 8,13).

**L-Anġli**

Hemm *group* ieħor ta' maħluqin li ħadu sehem u ħolqu tant ferħ fit-twelid ta' Ġesù: dawn huma l-anġli. It-tħabbira tagħhom lir-ragħajja kienet din: "Illum fil-belt ta' David twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej" (Lq 2,11). F'din id-dikjarazzjoni hemm ħames punti teoloġiċi: **L-ewwel**: il-kelma 'Illum". Dan huwa l-preżent kostanti tas-salvazzjoni. Din hija espressjoni li tiġbor fiha l-milja taż-żmien. **It-tieni,** it-twelid li sar fl-ispazju issa mela storja tassew u konkreta. Dan huwa ż-żmien. **It-tielet:** dan l-ispazju issa sar wieħed konkret: "Fil-belt ta' David". Hawn riferenza f'postha ħafna għat-twettiq tal-profeziji tat-TQ. fosthom dik ta' Mikea. **Ir-raba':** L-affermazzjoni qawwija li Kristu huwa s-SALVATUR tad-dinja. Tarbija li għadha kemm twieldet, u diġà nafu x'inhi l-missjoni tagħha, dik ta' fidwa u ħelsien mid-dnub. (Lq 1,69; Ġw 4,42). **Il-ħames:** Dan qiegħed eżattament fl-aħħar: "Kristu hu l-Messija, il-Mulej". Dan huwa kliem li jorbot direttament mat-tagħlim tat-Testment il-Qadim. F'din il-formula hawn stqarrija fil-fidi sħiħa ta' l-Għid, il-Qawmien, fejn Kristu jidher tassew bħala Sinjur tal-glorja fil-qawmien glorjuż tiegħu.

Din il-festa tal-Milied, għalhekk, fil-waqt li tistieden lill-bniedem biex jerfa' 'il fuq rasu għaliex twieled il-Feddej, tixħet il-ħarsa tagħha wkoll fil-qawmien glorjuż ta' l-istess Emanweli. Toqgħod tassew f'postha s-sentenza ta' Santu Wistin dwar dan it-twelid divin: "Qatt ma kont teħles mill-ġisem midneb kieku Hu ma ħax is-sura ta' ġisem midneb. Kont tibqa' għal dejjem fil-ħsara kieku ma ġitux ħasra minnek". Dan huwa l-Milied.




**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR ® RESTAURANT ® PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



*Il-Milied u l-Ferħ Nisrani*

# XI JFISSER GĦALIK IL-MIL

## 1 FESTA TA' KARITÀ U RESPONSABILTÀ



In-Nisrani jaf li **ĠESÙ BISS**, is-Salvatur Divin li twieled f'Betlehem, hu t-**TRIQ**, is-**SEWWA** u l-**ĦAJJA**.

Għalhekk:

i) **IL-MILIED HU FESTA TA' RESPONSABILTÀ**. Kull bniedem waqt li jadura lil Ġesù Tarbija jirrealizza li għandu biċċa xogħol; jiġifieri li jxandar l-Aħbar it-Tajba.

ii) **IL-MILIED, IL-FESTA TA' L-IMĦABBA TA' ALLA,** għandu jkun wkoll festa ta' karità lejn ħutna kollha.

*Papa Ġwanni Pawlu II 19 ta' Diċembru 1990*

## 2 FESTA TA' KUMMERĊ U DIVERTIMENT BISS?

Il-Milied Malti mhuwiex ħieles minn ċerti tbajja' tal-kummerċjaliżmu u tal-materjaliżmu. L-irjieħ ta' ċelebrazzjonijiet maqtugħa mill-ispirtu veru tal-Milied qed jonfħu f'pajjiżna wkoll. Dawn mhumiex affarijiet sbieħ.



Min jixtieq li l-Milied ma jsirx wieħed tal-kartapesta jifhem malajr li hemm bżonn li l-**MILIED MALTI** ma nħalluhx jinġarr minn irjieħ bħal dawn.

Minkejja kollox, fil-Milied Malti għad hemm ħafna li hu tajjeb u sabiħ.

*L-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, Diċembru 2006*

## 3 X'INHU TASSEW IL-FERĦ TAL-MILIED?

Ikollna nistqarru li l-kultura tal-flus, tal-kummerċ u tad-divertiment f'ħafna każi timmanipula l-ġrajja tal-Milied u jtappan l-ispirtu veru tiegħu.

Assaltat kif inhu minn mentalità konsumista, li tkejjel kollox skond l-infieq u l-pjaċir, il-bniedem ġieli jemmen li biex ikun modern, iċ-ċelebrazzjoni tal-Milied irid



jorbotha ma' tiżjin, rigali, ħruġ, parties, ikliet u divertiment ieħor.

Il-bniedem jiġrilu hekk, għaliex jinsa li l-ferħ veru jiġi BISS MILL-MULEJ u għax il-bniedem iħalli lilu nnifsu jinġarr mill-aljenazzjonijiet ta' din id-dinja. Dment li jkun hemm il-bilanċ u l-moderazzjoni, it-tiżjin, ir-rigali u ċ-ċelebrazzjonijiet, speċjalment dawk fil-familji u mal-ħbieb, għandhom it-tajjeb tagħhom...

Iżda l-Milied irid ikun qabel kollox, żmien li fih inħossu dejjem aktar u aħjar il-PREŻENZA T'ALLA... u din insibuha fir-rikonċiljazzjoni tagħna ma' Alla u mal-proxxmu.

*L-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, Diċembru 2002*

## 4 GĦALFEJN KRISTU SAR BNIEDEM BĦALNA?

Meta nikkontemplaw lil Kristu tarbija ma nistgħux ma nistaqsux: GĦALFEJN? X'kien il-għan li l-Iben t'Alla deher fid-dinja liebes is-sura ta' bniedem bħalna? Il-fidi tgħallimna li Kristu għamel hekk:

- Sabiex ma nibżgħux minn Alla, iżda nifhmu li Hu missierna u jħobbna bla qies.
- Sabiex ma nitbegħdux minn Alla, iżda mmorru għandu, jiġrilna x'jiġrilna.
- Sabiex ma nitilfux il-fiduċja f'Alla, iżda jkollna tama qawwija li huwa jbiddel f'rigali ta' imħabba dak kollu li jgħaddi minn għalina.
- Sabiex ma nħallux il-biża' jegħlibna, iżda nkunu ċerti li Alla huwa dejjem magħna.
- Sabiex ma naqtgħux qalbna mill-problemi tal-ħajja, iżda nżommu ħajja fina t-tama li fid-dnija tiġi u tinbena bil-mod il-mod is-saltna ta' Kristu.
- Sabiex ma nibqgħux fid-dlam, iżda nagħrfu lilna nfusna u nsiru dak li suppost li diġà aħna: ULIED ALLA.



*Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi*

*Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.*

# IED? FESTA LI TGĦADDI?

## 5 MHUX BAMBIN TAL-ĠIBS BISS...

Għal xi wħud il-ferħ tal-Milied, anki dak reliġjuż hu qasir, għaliex għalihom Ġesù hu statwa tal ġibs ħelwa, merfugħa ġo kaxxa biex għall-Milied iżżejjen it-tieqa.

Xi wħud... jistmaw lil Ġesù, iżda jibqa' dejjem għalihom bambin - "bambino" bit-taljan tfisser tifel ċkejken - qatt ma jsir għalihom DAK IL-MULEJ, DAK IL-LEADER li:

i) **JENTUŻJAŻMAHOM** biex jimxu warajh
ii) **LESTI** għal kull ordni tiegħu
iii) **IMĦEĠĠIN** biex ixandruh lill-oħrajn
iv) **PERSWAŻI** li Hu għandu raġun dwar dak li qal u wiegħed...
v) **HU JISTĦOQQLU** kull dedikazzjoni
vi) li r-**REBĦA FINALI** hi **TIEGĦU**...



### GĦALHEKK F'DAN IL-MILIED

bl-interċessjoni ta' Marija, li jixirqilha wkoll il-kongratulazzjoni (n.b. jiġifieri l-awguri tagħha) inġeddu:

- l-"*fundamental option*"
- id-determinazzjoni
- id-deċiżjoni
- l-għażla ta' Ġesù bħala
  - i) is-**SID**
  - ii) il-**MULEJ**
  - iii) il-**MAĦBUB UNIKU TAGĦNA**

*Il-mibki Dun Mikiel Attard*
*f'leaflet stampat lis-Seminaristi, 1979*

## 6 DIK IT-TARBIJA LI TWIELDET GĦALIK...

Il-Milied jiġi u jgħaddi... imma x'se jkun ħalla fik? X'se jfisser il-Milied għalik? Fhiex jikkonsisti l-ferħ tiegħek tal-Milied?

- Fix-xorb u *parties*?
- Fid-divertiment?
- Fit-tiżjin?

Jew fil-faraġ kbir għax:

- int konvint f'DIK IT-TARBIJA ta' Betlehem?
- temmen li Ġesù twieled għalik, ma twelidx biex jgħix imma twieled biex imut, biex bil-mewt tiegħu jagħti l-ħajja lilek?



Isma' l-għana ħelu tat-tfal fil-Milied....

U filwaqt li tħoss l-entużjażmu tal-Milied, filwaqt li tifraħ ma' Marija għax tweldilha iben, ftakar LI DIK IT-TARBIJA TWIELDET GĦALIK...

*Patri Ġorġ Frendo O.P.*
*Illum Isqof fl-Albanija , "Impenn Kristjan" 1994*

## 7 IFIRĦU FIL-MULEJ

**IFIRĦU**, nies ġusti! Illum hu t-twelid ta' Dak li jagħmilna ġusti.

**IFIRĦU**, nies dgħajfa u morda! Illum hu t-twelid tas-Salvatur.

**IFIRĦU**, ja lsiera! Illum hu t-twelid tal-Feddej.



**IFIRĦU**, ja qaddejja! Illum hu t-Twelid tas-Sid tal-Univers.

**IFIRĦU**, ja nies ħielsa! Illum hu t-Twelid tal-Ħellies.

**IFIRĦU**, ja **KRISTJANI**! Illum hu t-Twelid ta' Kristu.

*S. Wistin, Sermo 184*

***Qed tgħix MILIED KULJUM?!***

KTIEB

# "WERAQ TAR-RAND"

**Ġabra ta' poeżiji ta' Ġanninu Cremona**




Dan l-aħħar, il-poeta Għawdxi Ġanninu Cremona ppreżenta lill-pubbliku, it-tieni ktieb tal-Poeżija tiegħu, wara li seba' snin ilu kien tana l-ewwel wieħed bl-isem ta' ***"Warda Sbejħa tar-Rebbiegħa"***. F'din it-tieni damma ta' poeżiji, Cremona qed jippubblika tmenin poeżija fl-okkażjoni tat-tmenin sena tiegħu. Din il-pubblikazzjoni huwa qed jiddedikaha lil martu Ġorġa f'għeluq il-50 sena taż-żwieġ tagħhom.

***"Weraq tar-Rand"*** li għandu studju kritiku ta' Frankie Mercieca u qoxra ta' l-artist Għawdxi John Grima, jiġbor fih antoloġija ta' poeżiji, ħafna minnhom miktubin bi stil romantiku tradizzjonali kif titlob il-Metrika Maltija. Huma ġabra ta' poeżiji li jifhimhom kulħadd, intenzjonati li jwasslu messaġġ spiritwali u soċjali biex il-qarrejja, minbarra li jiggustaw il-ħlewwa tal-kelma mirquma, li hija l-libsa tal-poeżija, fl-istess waqt jirċievu messaġġ ta' riflessjoni dwar il-valuri tal-ħajja.

Kif jistqarr il-poeta fil-kelmtejn li għamel lill-qarrejja tiegħu, dan it-tieni ktieb huwa ritratt tiegħu nnifsu, mhux sempliċi stampa ta' identità minn barra, imma *x-ray* ta' dak li hu. Li ma jidhirx. Il-Poeżija kibret u għexet miegħu sa minn meta kien għadu tifel fuq il-bankijiet ta' l-iskola sal-ġurnata tal-lum.

Għaliex *"Weraq tar-Rand"*? Il-weraq tar-rand kien jintiseġ f'kuruna ta' unur u prestiġju f'ras l-eroj tal-gwerra ta' Ruma Imperjali u ta' Greċja l-antika, imma kien jitpoġġa wkoll mir-rejjiet u l-irġejjen fuq ir-ras tal-poeti tagħhom. Ġanninu Cremona jistħajjel li kull kelma u kull espressjoni fil-versi tiegħu huma weraq tar-rand minsuġ f'ras il-Poeżija, ir-reġina tal-letteratura, kif jistqarr wisq sewwa fil-poeżija *"Weraq tar-Rand"* li biha għażel li jiftaħ dan it-tieni ktieb tiegħu:

*"Weraq tar-rand ninsiġlek madwar rasek,*
*Tfajla tal-ġenna, sbejħa poeżija,*
*Norqomlok libsa tal-bizzilla fina*
*Mill-kelma bnina, bint dil-art Maltija.*

*U bil-metafora u bir-rima nfassal,*
*Bi stil għannej, jien l-isbaħ melodija;*
*Ninseġ il-versi minn kadenzi ritmiċi*
*F'opra li ssaħħar, kant u fantasija.*

*Għax hekk jixraqlek, tar-rand il-kuruna,*
*Reġina sbejħa tal-letteratura.*
*Nies kbar ħabbewk f'kull żmien u nnamraw minnek,*
*Poġġewk fuq nett fil-qasam tal-kultura."*

Ix-xewqa ta' Ġanninu Cremona, mwieled fir-Rabat Għawdex lejn tmiem Diċembru tas-sena 1926, għal żmien twil għalliem fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex, hija li kull min jaqra l-versi tiegħu, isib fihom xi ħsieb li jolqtu u jgħinu biex jirrifletti li minkejja d-dellijiet, il-ħajja hija sabiħa, għax il-ħajja hi poeżija, għanja waħda sħiħa ta' tifħir lil Sid il-Ħolqien.

**Kav. Joe M. Attard**

Arkivju Nazzjonali Għawdex

**Għawdex 300 sena ilu**

**Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 149**

*Riċerka ta'* **Joseph Bezzina** © 2006

# *Il-Benestant Salvu Refalo*

Id-dokument numru mija disgħa u erbgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu ittra li għandha x'taqsam ma' legati mħollija mill-benestant Salvu Refalo. Tinstab reġistrata fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1706–1707), folju 37r (NAG, UG, *Acta,* 9/1706–1707, f. 37r).

Din hi t-traskrizzjoni ta' l-ittra:

**Signore Mio Onoratissimo,**

**Quantunque cotesti Signori Giurati non habbino amministratato l'eredità del fu Salvo Refalo come Vostra Signoria partecipa colla sua del primo Dicembre; tutta volta acciò non restino pregiudicati nelle loro prerogative; come acciò non resti per parte loro indifesa la detta eredità; si suppone preciso riconoscere il corso dell'istanza, che fa il Signore Procuratore della fabbrica. Il Signor Andrea Balzani mio collega al quale sento che parimente abbiamo partecipato il seguito; non lì lasciava senza risposta; e però al medesimo rimettandomi; la riverico.**

**Malta, 9 Dicembre 1706**

**Reverendissimo Servitore**

**Fra Gasparre Perillustrissimo**



L-ittra bid-data tad-9 ta' Diċembru, 1706 – tliet mitt sena ilu sewwa – hija risposta tal-Perillustrissimu Fra Gasparre, membru ta' Kanċellerija tal-Granmastru, lill-ittra mibgħuta lilu minn Għawdex fl-1 ta' Diċembru.

Il-Ġurati, għal xi raġuni jew oħra, ma kinux amministraw legat imħolli minn Salvu Refalo. Xtaqu jkunu jafu mingħand Fra Gasparre jekk imħabba dan in-nuqqas kinux tilfu l-prerogattivi u d-drittijiet ta' l-amministrazzjoni. Il-legat li qegħdin jirreferu għalih mhux speċifikat fl-ittra.

Salvu Refalo kien benestant Għawdxi li ħalla ħafna proprjetà lill-knejjes u l-istituzzjonijiet piji ta' Għawdex. Kien miżżewweġ lil Katerina li fit-testment isejħilha *cara et dilecta,* maħbuba u għażiża. It-testment għamlu meta kien marid fis-sodda nhar il-21 ta' Novembru, 1615. Jinsab reġistrat fl-atti tan-Nutar Ġampatist Spilotti. Ħalla li ried jindifen fil-kappella ta' Santa Luċija tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex, kappella li kienet f'idejn il-Fratellanza tas-Sagrament.

Ordna li kellhom isiru tliet quddisiet kantati għal ruħu f'din il-kappella – waħda fil-Milied, oħra fl-Erbgħa ta' Irmied, u t-tielet nhar il-Għid il-Kbir. Fost l-oħrajn, ordna wkoll li Ġużeppi, l-iskjav Kristjan tiegħu, kellu jingħata l-libertà.

L-ittra riprodotta ma tirreferix għal dawn il-legati, iżda għal xi legati li l-ġurati kellhom dritt jamministraw. Fit-testment, Salvu waqqaf legat ta' dota taż-żwieġ. Dan il-legat kellha dritt tagħtih il-mara tiegħu Katerina sakemm iddum ħajja. Kellhom ikunu preferuti x-xebbiet fqar konsangwinej miegħu u, wara, xebbiet fqar oħra. Id-dħul ta' dan il-legat kien minn artijiet imħollija f'Tal-Għeżien, limiti tax-Xagħra.

Dan il-legat aktarx għadda f'idejn l-Università mal-mewt ta' martu. Ħafna mil-legati taż-żwieġ kienu amministrati mill-Universitas. Din l-ittra aktarx qiegħda tirreferi għalih.

Fra Gasparre għadda t-tagħrif lill-prokuratur tal-*Fabbrica,* l-istituzzjoni tal-legati piji. Wegħidhom li Andrea Balzani, kollega tiegħu, kellu jagħtihom risposta ma jdumx.

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (50)



# IL-MISTERU TA' L-EWKARISTIJA

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IL-ĦMISTAX-IL PARTI)*

## L-ADORAZZJONI QUDDIEM ĠESÙ FIT-TABERNAKLU

Il-Knisja Kattolika hija attenta ħafna dwar il-ħarsien tat-tabernaklu, difatti l-kanoni 938, 2 jgħid "It-tabernaklu jrid jitqiegħed f'post mill-iktar xieraq tal-knisja; irid ikun magħmul b'mod li juri u jsaħħaħ il-verità tal-preżenza reali ta' Kristu fis-sagrament imqaddes ta' l-artal." Wara li ssir l-espożizzjoni jew it-Tqarbin, it-tabernaklu għandu jinżamm imsakkar u mħares sewwa.

It-tabernaklu għandu jkun solidu, u magħmul minn materjal li ma jinkisirx u ma jkunx trasparenti. Sabiex l-insara jintebħu li hemm Ġesù sagramentat, it-tabernaklu jeħtieġ li jkun mgħotti b'velu jew b'xi mod ieħor kif tordna l-awtorità ekkleżjastika. Quddiem it-tabernaklu jew f'xi mkien mhux bogħod minnu, għandu jkun hemm il-lampier mixgħul jew id-dawl ta' xi xemgħa.

Fl-istruzzjoni "*Redemptionis Sacramentum*" tal-25 ta' Marzu 2004 (n.130), hemm ordnat li "is-Santissmu Sagrament għandu jiġi kkonservat fit-tabernaklu, f'parti tal-knisja, b'dinjità partikulari, ta' ġieħ, fil-għoli li jkun jidher sewwa u mżejjen dekorożament, fuq kollox, f'post ta' skiet u ġabra bi spazju quddiem it-tabernaklu b'bankijiet jew siġġijiet jew ġinokkjaturi, adattat għat-talb."

Għandha tinżamm id-drawwa għażiża, li bħala sinjal ta' adorazzjoni, l-insara jinżlu għarkubbtejhom quddiem Ġesù Sagramentat, sewwa jekk ikun magħluq fit-tabernaklu, kif ukoll jekk ikun hemm l-espożizzjoni. Biex issir kif imiss din il-ġenuflessjoni jeħtieġ li ma tkunx magħmula bil-għaġla jew bla kont."L-inżul għarkobbtejna, quddiem l-Ewkaristija, bħal ma jagħmlu s-saċerdoti u l-fidili, jesprimi l-fidi fil-preżenza reali tal-Mulej Ġesù fis-Sagrament ta' l-artal" (*Anno Santo*, n. 29).



Quddiem it-tabernaklu n-nisrani jġedded il-fidi tiegħu fil-preżenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija u jista' jagħmel att ta' kontemplazzjoni li jwassal għat-tqarbina tax-xewqa. Meta nagħmlu dan, ma nagħmluhx biss bil-fehma li nżuru u nfarrġu lil Kristu, mħolli waħdu, priġunier fit-tabernaklu. Bil-maqlub, huwa aħna li nħossuna marbutin u mjassrin b'ħafna ktajjen ta' kull għamla, u li niġu biex minn din il-laqgħa ta' Kristu li qam mill-mewt glorjuż u setgħani Hu bil-preżenza u l-qawwa tiegħu, isabbarna, jimliena bil-ferħ spiritwali u jagħmilna ħielsa.

### Il-Viżta lil Ġesù Sagramentat

Sant Alfonzu Marija de Liguori jgħidilna li wara t-Tqarbin Imqaddes, fost id-devozzjonjiet kollha, ma hemm ebda waħda li togħġob iktar lil Alla, u li hija ta' vantaġġ akbar għalina, milli meta nagħmlu żjara ta' spiss lil Sidna Ġesù Kristu, preżenti fis-sagrament ta' l-altar. Il-viżta lis-Santissmu Sagrament, hija ż-żmien li fih in-nisrani joqgħod jitlob quddiem Ġesù preżenti fl-ostji kkonsagrati u kkonservati fit-tabernaklu. Il-għan ewlieni ta' din id-devozzjoni huwa dak li tingħata qima lil Kristu, l-Iben t'Alla, li jgħammar fost il-poplu tiegħu. Aktarx li din id-drawwa tal-Knisja Kattolika bdiet kmieni ħafna, minn mindu l-insara kien jingħatalhom il-permess li jżommu l-Ewkaristija fi djarhom stess.

"Il-fidili - tgħidilna l-Istruzzjoni "*Redemptionis Sacramentum*," n. 135, - għandhom jaraw li ma jħallu qatt li matul il-jum jagħmlu żjara lis-Santissmu Sagrament bħala prova ta' gratitudni, sinjal ta' mħabba, u dmir ta' rikonoxxenza lejn Kristu l- Mulej, li jkun hemm preżenti."



Kif kien ġie irrikmandat fl-enċiklika *"Mediator Dei"*, "il-knejjes mibnija, frott tal-fidi u tal-pjetà ta' ġenerazzjonijiet ta' nsara, jeħtieġ li kemm jista' jkun jinżammu miftuħa għall-fidili, biex iwettqu l-istedina tal-Mulej 'Ejjew għandi, intom li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jien inserraħkom' (Mt.11,28). L-istess twissija nsibuha wkoll fil-Kodiċi tal-Liġi Kanonika, (kanoni 937) "Jekk ma jkunx hemm raġuni gravi biex dan ma jsirx, il-knisja li fiha jkun miżmum is-Santissmu Sagrament għandha tibqa' miftuħa għall-fidili, almenu għal xi sigħat kuljum, sabiex ikunu jistgħu jidħlu jitolbu quddiem is-Santissmu Sagrament."

F'din iż-żjara tagħna aħna niltaqgħu ma' Kristu li ried jibqa' għal dejjem magħna fl-Ewkaristija;

(a) bħala Alla, li għandna nadurawh,

(b) bħala benefattur tagħna, li għandna rroddulu ħajr,

(c) bħala ħabib li l-għaxqa tiegħu hija li jkun ma' wlied il-bnedmin, li għandna nuruh mħabba speċjali,

(d) bħala xempju tal-virtujiet kollha, li għandna nimitawhom u nitħarrġu fihom. Għal dawn ir-raġunijiet jixraq ħafna li nżuruh ta' spiss biex niksbu l-vantaġġi spiritwali kollha li jofffrilna.

### L-Espożizzjoni tas-Santissmu Sagrament

Is-Santissmu Sagrament xi drabi jinħareġ mit-tabernaklu u jiġi espost fuq l-artal fil-pissidi jew aħjar fl-isfera jew ostensorju. Huwa xieraq li meta ssir l-espożizzjoni l-artal ikun mżejjen mill-aħjar, anki bil-fjuri, u jkun hemm ukoll xi xemgħat jixegħlu.

Xi drabi dan l-att ta' adorazzjoni lill-Ewkaristija jdum għal siegħa sħiħa, u għalhekk din tissejjaħ *"Ora Santa"* jew "Siegħa Mqaddsa." Din id-devozzjoni saret popolari ħafna fost l-insara, wara d-dehriet tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù lil Santa Margerita Marija Alacoque.

Fl-istruzzjoni *"Eucharisticum Mysterium"* tal-25 ta' Mejju 1967, (n.63) naqraw li "fil-knejjes li fihom tinżamm abitwalment l Ewkaristija, sabiex il-komunità lokali timmedita iktar fil-fond dwar dan il-misteru u tagħmel l-adorazzjoni, ta' kull sena issir l-espożizzjoni solenni tas-Santissimu Sagrament, li tkun imtawla għal xi żmien anki jekk mhux bil-fors tkun kontinwa, hekk li l-kommunità lokali jkollha l-opportunità li tadura u timmedita fuq dan il-misteru iktar fil-fond u bil-ħrara."

L-espożizzjoni ta' din l-għamla għandha tinżamm biss, jekk wieħed jara li ser ikun hemm għadd raġjunevoli ta' nsara, bil-kunsens tal-Ordinarju u kif titlob il-Liġi. "Hu x'inhu, is-Santissmu Sagrament m'għandu qatt jibqa' espost, anke għal ftit tal-ħin, mingħajr attendenza suffiċjenti. Għalhekk hemm bżonn li jkun hemm ħinijiet stabiliti, li fihom xi fidili jkunu dejjem preżenti almenu b'*roster*" (*Redemptionis Sacramentum*, n.138).

L-iskop ta' din l-espożizzjoni solenni huwa l-adorazzjoni lil Ġesù Ewkaristiku, imsieħba mar-riflessjoni fuq il-kobor tal-misteru ta' mħabba li Huwa wriena f'dan is- Sagrament Imqaddes. Jixraq li għall-inqas f'ċerti ġranet, tingħata lil Kristu moħbi fl-Ewkaristija, qima pubblika bi tpattija għad-dnubiet ta' l-umanità u sabiex l-insara jitħajru jersqu iktar fil-qrib lejn it-tron tal-grazzja, u jirċievu minnu grazzi u barkiet ġodda, bħal ma nagħmlu f'pajjiżna fl-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.

Kien hemm bosta qaddisin li ħabirku biex tidħol u tixtered din id-drawwa għażiża, fosthom San Carlo Borromeo, Arċisqof ta' Milan, li fis-27 ta' Ġunju 1577, xandar ukoll direttivi kif għandha tkun organizzata din l-adorazzjoni. Fis-sena 1592, bil-bulla *"Graves et Diuturnae"*, il-Papa Klement VIII, approva din il-prattika u ried li tinżamm fil-knejjes ta' Ruma l-adorazzjoni perpetwa bin-nhar u bil-lejl, bħala att ta' riparazzjoni għall-ħtijiet tal-bnedmin. Din issir billi l-Ewkaristija tkun esposta f'kontinwazzjoni bi nhar u bil-lejl, u l-insara devoti, ikunu mqassmin biex jinbidlu grupp wara l-ieħor, u b'hekk tkompli bla ma taqta' xejn l-adorazzjoni lis-Santissmu Sagrament. Ġew imwaqqfin anki xi kongregazzjonijiet reliġjużi, li l-membri tagħhom huma ddedikati, għal din id-devozzjoni qaddisa.

Il-Kwaranturi jew l-adorazzjoni ta' erbgħin siegħa, bdiet fis-seklu sittax u żviluppat fil-prattika ġenerali ta' l-adorazzjoni perpetwa. Din l-espożizzjoni solenni kienet issir bħala tifkira ta' l-erbgħin siegħa li l-ġisem ta' Kristu dam midfun ġewwa l-qabar. Matul il-ħin ta' l-adorazzjoni l-insara kienu jagħmlu l-meditazzjoni privata tagħhom kif ukoll talb ieħor. L-espożizzjoni ta' erbgħin siegħa kienet tibda u tispiċċa bil-Quddiesa, u fi tmiemha kienet issir purċissjoni Ewkaristika, tingħad il-Litanija tal-Qaddisin kollha u tingħata l-Benedizzjoni Sagramentali. Skond in-normi li ħarġu wara r-riforma tal-Liturġija, m'għadux meħtieġ li jkunu erbgħin siegħa bla ma jaqtgħu, iżda biss li jkun hemm xi ġranet ta' adorazzjoni solenni, ta' kull sena.

*(jissokta)*




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Il-Ħamsin Parti )*

*(jaqbad mal-ħarġa ta' qabel)*

## *ĦALIB u ĠBEJNIET (B)*

**Ġbejniet moxxi** tfisser ġbejniet imnixxfin fl-arja. Meta l-ġbejniet friski ma jiġux ikkunsmati, dawn jitħallew jinxfu ftit biex joqtru sewwa mix-xorrox. Imbagħad, jitqiegħdu fuq il-qanniċ biex jinxfu għal kollox.

**Il-qanniċ** ikun bħal ċattra (bl-Ingliż raft) kwadra xi xibrejn b'xibrejn jew żewġ piedi b'żewġ piedi, jew inkella pied u nofs b'pied u nofs. Il-qanniċ ikun magħmul minn qasab kemmxejn irqiq. Fil-kantunieri l-qasbiet ta' taħt, li jkunu eħxen, ikunu mqabbża 'l barra biex hekk ikun jista' jintrabat u jiddendel bħal lampier fil-kamra tal-ġbejniet.

**Il-kamra tal-ġbejniet**. Fl-irziezet Għawdxin wieħed għadu jista' jara kmamar bi xquq wesgħin u miftuħin qishom irwiewaħ dojoq. F'dawn il-kmamar dari kienu jiddendlu l-qnieneċ tal-ġbejniet. Il-qnieneċ kienu jiddendlu mis-saqaf biex jiġi evitat li l-ġbejniet jikluhom il-qtates jew il-ġrieden. Ix-xquq miftuħin kienu jservu biex tidħol l-arja u l-frisk ħalli l-ġbejniet ikunu jistgħu jinxfu malajr. Ħafna drabi x-xquq ta' dawn il-kmamar, min-naħa ta' barra, kienu jitgħattew bin-nemusiera.

**In-nemusiera** kienet tkun biċċa filoxx jew xibka rqiqa għan-nemus u l-insetti l-oħra li jkunu jittajru jfittxu l-ikel. L-injamiet qodma ma' dawn il-kmamar jixhdu dan. Il-kelma "nemusiera" tintuża l-aktar fir-raħal taż-Żebbuġ.

**It-tieqa tal-ġbejniet.** Mhux il-bdiewa kollha kienu jistgħu jibnu l-kamra tal-ġbejniet. Din kienet lussu. Iżda l-maġġoranza kien ikollhom it-Tieqa tal-Ġbejniet. Din kienet tkun tieqa ċkejkna miftuħa fuq tliet filati. Mal-ħoġor kien ikun hemm żewġ saljaturi, waħda fuq kull naħa. Fuq ġewwa s-saljaturi kien ikollhom ħanek imħaffer fejn jitqiegħed ix-xriek li jkun jaqbel eżatt ma' ħoġor it-tieqa. Il-bdiewa kienu joħorġu l-qanniċ bil-ġbejniet fuqu, u dan nofsu joqgħod fuq it-tieqa u n-nofs l-ieħor fuq ix-xriek.

Illum il-ġurnata dawn it-twieqi m'għadhomx jiġu wżati. Fil-biċċa l-kbira minnhom ix-xriek waqqgħuh u kissruh u, għalhekk, għadhom jidhru biss is-saljaturi. It-tfal ta' llum jistagħġbu għalfejn kienu jsiru s-saljaturi. Oħrajn jaħsbu li x-xriek seta' kien jintuża biex fuqu jpoġġu xi qasrija. Fil-fatt dawn it-twieqi kellhom skop iżjed utilitarju għax kienu jintużaw biex fuqhom inixxfu l-ġbejniet.

**Il-qafas.** Fl-imgħoddi kienu jagħmlu wkoll il-qafas tal-ġbejniet. Dan kien ikun magħmul kollu kemm hu minn qasab pjuttost irqiq bħal dak li bih kienu jagħmlu l-qnieneċ. Fil-fatt kien ikun qisu kaxxa b'diversi xkafef tal-qasab ukoll jixbħu l-qanniċ biex fuqhom jitnixxfu l-ġbejniet. Kien jitqiegħed fuq xi bejt baxx, jew xriek, jew ħarrieġa, biex il-ġbejniet jinxfu sewwa. Il-qafas tal-ġbejniet kien oġġett ħafif li wieħed seta' jieħdu min-naħa għal oħra kif irid, u meta ma kienx ikun fih ġbejniet kien jista' jinġabar biex iservi iżjed. Naturalment, billi kien isir mill-qasab lokali, ma kienx jiswa ħafna flus, imma xorta waħda kien jieħu ftit tax-xogħol sakemm wieħed kien jagħmlu, u għalhekk, kien jaqbel li wieħed jibża' għalih kemm jista'. Fil-Mużew tal-Folklor tal-Għarb kien hemm eżempju ta' wieħed sabiħ ħafna.

**Il-kaxxi tal-ġobon.** Minflok il-kmamar tal-ġbejniet bix-xquq jew it-twieqi bix-xorok fuq is-saljaturi, illum il-ġurnata l-Għawdxin jużaw il-kaxxa tal-ġobon jew tal-ġbejniet. Din tkun magħmula ta' l-injam bil-ġnub tax-xibka tal-fildiferru jew tan-nylon (bl-Ingliż imsejħa *mesh*). Is-saqaf ikun imżerżaq fuq żewġt iġnub. Minn ġewwa jkun fiha l-ixkafef fejn jitqiegħdu l-ġbejniet. Il-kaxxa tal-ġbejniet titqiegħed l-aktar fuq xi setaħ jew inkella fuq xi bejt li tista' titla' għalih bit-taraġ. Il-kaxxi tal-ġbejniet moderni huma wisq iżjed komdi u iġjeniċi mill-kmamar

u mit-twieqi li fl-imgħoddi lagħbu parti hekk importanti fl-iżvilupp ta' din l-industrija antika tal-gżira tat-tliet għoljiet.

**Ġbejniet maħsula.** Meta ngħidu ġbejniet maħsula rridu nfissru ġbejniet moxxi li kienu jinħaslu fis-salmura biex iservu iżjed. Kienu jkunu ġbejniet li wara li jinxfu bl-arja fuq il-qanniċ jew fil-qafas inkella fil-kaxxa tal-ġbejniet, kienu jaħsluhom fis-salmura u jippreservawhom sewwa fil-melħ ħalli jeqdiemu. Ma ninsewx li l-ġobon aktar ma jeqdiem aktar ikun tajjeb.

**Ġbejniet tal-bżar.** Il-ġbejniet moxxi jistgħu jiġu preservati wkoll fil-melħ u l-bżar. Dawn jissejħu wkoll "ġbejniet maħsula" jew "ġbejniet tal-bżar".

Wieħed jista' jagħmel il-ġbejniet tal-bżar hekk.

Ġib ġbejniet moxxi jew ġbejniet maħsula kemm ikollok bżonn u aħsilhom fil-misħun. Ħallihom jinxfu ftit u wara aħsilhom sewwa fil-ħall. Qallibhom fil-bżar u fil-melħ u poġġihom saff saff fil-vażett tal-ħġieġ. Wara, erġa' itfa' ftit bżar u melħ fuq l-ewwel saff. Imbagħad, erġa' agħmel saff ieħor u rrepeti l-istess ħaġa. Ibqa' sejjer hekk sakemm il-vażett ikun mimli.

Fl-aħħarnett, itfa' ftit ħall imħallat bil-bżar ħalli joqgħod fil-qiegħ tal-vażett. Issiġilla l-vażett u ħallih għal xi żmien ħalli l-ġbejniet jeqdiemu u jbiddlu t-togħma. Meta tkun tista', oħroġ il-vażett għax-xemx.

Dari l-ġbejniet tal-bżar kienu jippreservawhom fil-qliel. Jista' jkun ukoll li hemm riċetti differenti ta' kif wieħed jista' jippreserva l-ġbejniet fil-bżar u l-melħ.

Fl-aħħarnett tajjeb tiftakru li l-ġbejniet tal-qaleb, il-ġbejniet friski u dawk tal-bżar jinbiegħu bil-waħda jew bit-tużżana, fil-waqt li ġbejniet moxxi bl-użin.

**Il-barmil tal-ġbejniet.** Meta l-bejjiegħ Għawdxi kien ikollu bżonn jieħu ġbejniet moxxi jew tal-bżar lejn Malta, dan kien jagħmlu billi l-ewwel jistiva sewwa l-ġbejniet f'barmil apposta ta' l-injam, jimlieh bl-inburġat, jgħatti kollox b'biċċa drapp apposta u, imbagħad, jieħdu fuq spallejh sax-Xatt għal fuq id-dgħajsa tal-latini u fiż-żmien aktar qrib lejna għal fuq il-vapur li jibqa' sejjer ix-Xatt tal-Belt Valletta. Il-barmil tal-ġbejniet kien ikun magħmul f'sura ta' tnell u jżomm sħiħ permezz ta' żewġ ċrieki tal-ħadid fuq barra. Il-għalaq kien ikun tal-ħadid. Dan kien jaħdmu l-buttar, jiġifieri l-istess wieħed li jagħmel il-btieti. Il-ġarr tal-barmil mimli bil-ġbejniet fil-għodu kmieni kien ifisser tbatija u sagrifiċċju mhux żgħir. Iżda, kienu x-xogħol, il-ħidma u t-tbatija tal-bdiewa, raħħala u bejjiegħa Għawdxin, nisa u rġiel, li fl-imgħoddi żammew din l-industrija Għawdxija antika ħajja u b'hekk għadha fostna sa llum, għalkemm mhux fuq l-iskala ta' l-imgħoddi; u biex ifakkruna fl-imgħoddi, kif rajna, bosta huma l-fdalijiet antiki li għadhom jeżistu fil-bini u d-djar qodma tagħna. Dawn jistgħu wkoll jinqerdu. Tajjeb, għalhekk, inħalluhom bħala wirt lill-ġenerazzjonijiet li għad jiġu warajna.

## KIF ISIR IL-ĠOBON TAN-NAR

**Ħaddiema tal-mestier.** Fil-waqt li l-ġbejniet kienu jsiru kważi minn kulħadd fid-djar u l-irziezet, il-ġobon tan-nar kien isir minn nies li qegħdin fuq dan ix-xogħol u li kienu jixtru l-ħalib mingħand il-bdiewa. Il-ħalib kien jitkejjel b'kejl ta' nofs kartoċċ (bħal buqar), meta jinxtara.

Għalhekk, ix-xogħol tal-ġobon tan-nar, u ta' l-irkotta, huwa xogħol mill-prodotti tal-biedja, imma kienu jagħmluh nies speċjalizzati li kienu qegħdin għal hekk, nies tal-mestier.

**Kaldarun jew inħasa.** Il ġobon tan nar isir f'reċipjent kemmxejn kbir, jiġifieri kaldarun jew inħasa li tesa' xi sittin (60) gallun ħalib. Il-kaldarun ikun taż-żingu.

Ix-xogħol isir hekk:

L-ewwel jintefa' l-qtar tat-tames biex il-ħalib jagħqad u jsir baqta. Imbagħad, tkisser il-baqta bi stikka (plural stikki) u titfa' melħ kemm ikollok bżonn.

Wara ssaħħan fuq in-nar ta' l-ispiritiera jew kuċiniera għal xi nofs siegħa, u tibqa' ddawwar bl-istikka sakemm ikun jaħraq kemm tissaportih, bla ma jagħli. Meta jkun jaħraq daqshekk, il-ġobon jinżel fil-qiegħ u x-xorrox jitla' fil-wiċċ.

**Qwieleb tal-ġobon tan-nar jew forma**
Wara timla l-ġobon fi qwieleb kbar tas-simar li kienu jkunu neżlin għad-dritt u jesgħu xi wiżna u nofs. Flok qwieleb ġie li kien ikollhom forma apposta miftuħa min-naħiet tat-tnejn, u tagħlaqha permezz tal-filoxx li, imbagħad, tneħħiha.

Wara, il-ġobon tan-nar iħalluh joqgħod f'post umdu biex jimmatura. Irid xi sitt xhur jew fuqhom biex isir.

Il-ġobon tan-nar irid jinħasel biż-żejt u bil-melħ biex irabbi l-qoxra.

Aktar ma jdum jimmatura, il-ġobon aktar jitjieb.

**Dawk li kienu jagħmluh**
Il-ġobon tan-nar, fost oħrajn, kien jinħadem minn Manwel tal-Kumpar id-dar tiegħu fejn Savina, ir-Rabat, Għawdex. Kienu jaħdmuh ukoll: iż-Żebbuġi f'Ta' Sannat; il-Pespus f'Ta' Sannat ukoll; in-Nigru, ix-Xagħra; Leli Farrugia - Trijestri, ir-Rabat; u oħrajn mir-Rabat, minn Ta' Sannat u n-Nadur.

L-aħjar ħalib għall-ġobon tan-nar hu tan-ngħaġ, l-aktar jekk dawn kienu jirgħaw fuq il-ħxejjex aromatiċi għax jgħaddu l-fwieħa u t-tjieba lill-ħalib. Il-ġarġir jagħmel il-ħalib b'togħma ħażina. L-agħar ħalib hu tal-mogħża għax ħafif.

Il-bejgħ tal-ġobon tan-nar kien isir fejn Savina nhar ta' Ħadd, jitqassam fil-ħwienet u anki jittieħed Malta.

*(Nota: Dan it-tagħrif, dwar il-ġobon tan-nar, ingħata f'intervista ma' Leli tal-Kumpar mir-Rabat, Għawdex, li saret fil-10 ta' Settembru, 1987).*

*(jissokta)*

## Passiġġata Biblika - 21

*"...Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu."* (Mk 16:15)

# IL-VANĠELI SINOTTIĊI

minn Fr. Charles Buttigieg

### Il-Kelma 'Sinottiċi'

Il-Vanġeli Sinottiċi huma l-ewwel tliet vanġeli, jiġifieri dak ta' San Mattew, San Mark u San Luqa. Il-kelma 'sinottiċi' ġejja mill-kelma griega '*synopsis*' li tfisser 'ħarsa (*opsis*) flimkien u fl-istess ħin (syn)'. Dan għaliex meta tpoġġi t-tliet vanġeli ma' xulxin, tqegħedhom f'kolonni per eżempju u tħares lejhom, tinduna illi f'ħafna bnadi jaqblu eżattament ma' xulxin. Minn dan l-aspett, ir-raba' vanġelu ta' San Ġwann hu għal kollox differenti kemm fil-kontenut u kemm fil-ħsieb tiegħu, li huwa ogħla bħala livell teoloġiku (li jtir 'il fuq bħal 'ajkla', is-simbolu tal-vanġelu).

### Il-Vanġelu ta' San Mattew



San Mattew, bin Alfew huwa dak il-pubblikan ta' Kafarnahum li f'Mark u f'Luqa jissejjaħ ukoll Levi u li ġie msejjaħ mill-Mulej proprju x'ħin kien qiegħed jaħdem (ara Mt 9:9-13). Is-simbolu tal-vanġelu tiegħu huwa figura ta' bniedem għaliex proprju jibda l-vanġelu tiegħu bir-razza kollha ta' Ġesù. San Mattew żgur li kiteb il-vanġelu tiegħu bl-aramajk għall-komunità ta' Ġerusalemm u tal-Palestina madwar is-sena 50 W.K., iżda dan l-oriġinal semitiku huwa mitluf u llum għandna dak li nkiteb bil-grieg fl-era apostolika bejn is-snin 70 u 80 W.K., wara l-waqgħa ta' Ġerusalem fis-sena 70. Skond ix-xhieda ta' Papija, Isqof ta' Ġerapoli (c. 130) jgħid hu wkoll li Mattew l-appostlu kiteb ġabra tal-kliem li qal Ġesù (*logia*) bl-aramajk, ħafna qabel ma nkiteb dak bil-grieg.

Il-vanġelu ta' San Mattew jissejjaħ tas-Saltna tas-Smewwiet għaliex naraw tassew lil Ġesù jwaqqaf is-saltna tiegħu fuq l-art, li tiġbor fiha kemm it-tajbin u kemm il-ħżiena u li tikber bil-mod il-mod sakemm tasal għall-milja tagħha. Il-vanġelu nfatti jitkellem ħafna minn din is-saltna permezz tal-parabboli li nsibu fih. Fil-vanġelu nsibu ukoll kristoloġija żviluppata fejn naraw lil Ġesù bħala Bin Alla u Alla nnifsu, kif naraw fl-episodji tal-Magħmudija fil-Ġordan, tat-Trasfigurazzjoni fuq it-Tabor u fl-istqarrija ta' Pietru f'Ċesarija ta' Filippu u taċ-ċenturjun taħt is-salib fuq il-Kalvarju. Huwa wkoll il-Messija, Bin David, imwiegħed minn Alla lill-poplu ta' Iżrael. Il-vanġelu fih ħames diskorsi prinċipali tal-Mulej u li fihom insibu kliem u sentenzi li qal Ġesù: id-diskors tal-Muntanja, dak Missjunarju, dak bil-Parabboli, dak tal-Knisja u d-diskors Eskatoloġiku. Il-biblista, J. Dupont isostni li l-kliem li fih il-vanġelu kellu l-iskop sabiex iqawwi l-ħajja nisranija fost il-popli.

### Il-Vanġelu ta' San Mark



L-awtur tat-tieni vanġelu huwa Ġwanni Marku, bin Marija ta' Ġerusalemm, li fid-dar tagħha kienu żgur jiltaqgħu l-appostli u l-ewwel insara. Kien jiġi ukoll il-kuġin ta' Barnaba, il-missjunarju ħabrieki ma' San Pawl li mbagħad meta nfired minn Pawlu, dan ħa miegħu lil Mark. Wara, San Mark ingħaqad ma' San Pietru u kien dixxiplu tiegħu f'Ruma u li żgur minn għandu ħa ħafna tagħrif għall-vanġelu tiegħu. Fil-fatt skond tradizzjoni antika ħafna li ġejja minn Papija, Mark kien 'interpretu ta' Pietru'. Huwa l-eqdem vanġelu li għandna u aktarx inkiteb bejn is-snin 65 u 70 W.K. ġewwa Ruma u għall-qarrejja ta' nisel pagan fejn anke jispjegalhom id-drawwiet tal-Lhud. Is-simbolu tal-vanġelu huwa l-iljun għaliex l-vanġelu jibda bl-għajjat ta' Ġwanni l-Battista fid-deżert, sabiex iħejji t-triq għall-Messija.

Il-Kristoloġija u d-Dixxipulat jiffurmaw parti ntegrali fil-vanġelu ta' San Mark. Element pekuljari tal-kristoloġija ta' San Mark hu l-hekk imsejjaħ 'is-Sigriet Messjaniku'. Din l-ideja ħarġet mid-diversi drabi fejn Ġesù kkmanda lin-nies jibqgħu siekta dwaru jew dwar għemilu u jirrevela lilu nnifsu proprju fuq is-salib kif naraw mill-istqarrija taċ-ċenturjun. Li Ġesù hu Alla jkun rivelat bil-mod il-mod fil-vanġelu, bħal donnu jħalli lill-qarrej nnifsu jiskopri bil-mod il-mod min hu Ġesù.

Ġesù ta' Marku hu fuq kollox Bin Alla. Hekk jinstema' fil-bidu tal-ktieb, fil-Magħmudija ta' Ġesù fil-Ġordan: "Inti Ibni l-għażiż..." (ara Mk 1:11); kif ukoll fl-aħħar tal-vanġelu bl-istqarrija taċ-ċenturjun ruman: "...Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!" (Mk 15:39).

Id-dixxipulat, jiġifieri li wieħed isegwi lil Ġesù hija element ieħor importanti fit-teoloġija markjana. Il-veru dixxiplu għandu jimxi wara Kristu anke fit-triq tas-salib, dik li tiehu 'għat-telgħa ta' Ġerusalemm', bħalma għamlu l-appostli ta' Ġesù.

## Il-Vanġelu ta' San Luqa



San Luqa kien pagan ikkonvertit, magħruf ukoll bħala t-tabib tal-ġisem u tar-ruħ. Kien minn Antijokja tas-Sirja u kiteb il-vanġelu tiegħu bil-grieg ta' livell għoli ħafna. Huwa kiteb lill-insara li kienu jgħixu fl-Asja ż-Żgħira li kienet mimlija b'insara ta' nisel pagan u ta' kultura griega. Il-vanġelu nkiteb bejn is-snin 70 u 80 W.K. u fl-istess żmien ukoll huwa kkompona t-tieni opra, tal-Atti ta' l-Appostli. Is-simbolu tal-vanġelu huwa l-għoġol għaliex jibda l-vanġelu tiegħu bis-sagrifiċċju ta' Zakkarija fit-tempju. Ġesù ta' Luqa, jistieden lill-midinbin sabiex jersqu lejh u jaħfrilhom. Huwa nfatti l-vanġelu tal-maħfra. Dante Alighieri jsejjaħlu l-evanġelista tal-ħniena ta' Kristu, '*scriba mansuetudinis Christi*'. Fih biss tinsab il-parabbola tal-Iben il-Ħali jew tal-Missier Ħanin u tad-drakma l-mitlufa. Insibu fih ukoll ħafna titli ta' Ġesù: il-Messija, il-Feddej, l-Iben ta' Alla, Bin il-Bniedem, Profeta, Sultan, Bin David, il-Qaddis, u l-Imgħallem. Ġesù, f'Luqa huwa fuq kollox il-'*Kyrios*', il-Mulej, is-Salvatur tal-bnedmin kollha.

Fil-vanġelu naraw fuq kollox l-element tas-salvazzjoni miftuħ għal kulħadd: "Kull bniedem jara s-salvazzjoni ta' Alla" (Lq 2:6). Din is-salvazzjoni li ġabilna Ġesù l-Feddej hija għalhekk waħda universali, hekk iridu juru l-parabboli tal-ħniena u l-episodju ta' Żakkew il-pubblikan fil-kapitlu 15. Dan huwa fil-linja tal-istqarrijiet tal-fidi li nsibu fil-Ġdid Testment: "Kristu miet għalina, għal kulħadd, għal dnubietna" (ara 1 Kor 15:3 u Gal 1:4). Huwa fuq kollox il-vanġelu tal-Ispirtu s-Santu, tal-foqra, tal-paċi u fuq kollox tat-talb u tal-ferħ nisrani.

## Il-Problema Sinottika

Minkejja ħafna qbil li hemm fit-tliet vanġeli, xi kultant ma jaqblux f'dak li hu sekondarju. Dwar din id-diffikultà, ta' nuqqas ta' qbil, tqajmu ħafna mistoqsijiet dwar liema huma l-fonti tal-vanġeli. F'dan ir-rigward inkitbu ħafna opinjonijiet. Aħna nistgħu nispjegaw il-problema sinottika b'dan il-mod.

Hemm qbil ċar saħansitra tal-kliem użat u dan juri li evanġelista kellu żgur xi kopji ta' xi vanġelu ieħor. Mattew li għandna f'idejna llum u li hu miktub bil-grieg jidher li kellu quddiemu lil Mark. Dan isaħħaħ ħafna li l-vanġelu ta' Marku nkiteb l-ewwel wieħed jew dak li l-biblisti jsejħulu l-'*Ur Markus*' (Marku bikri).

Hemm xi differenzi però u dan ifisser li l-evanġelisti kitbu xi esperjenzi tagħhom personali jew li mxew fuq xi tradizzjoni orali partikulari marbuta ma' komunità partikulari. Per eżempju l-kliem użat waqt it-twaqqif tal-Ewkaristija huwa differenti bejn Mattew u Luqa, fejn dan ta' l-aħħar jaqbel dejjem ma' San Pawl u dan bir-raġun għax kien preżenti fil-vjaġġi mal-appostlu tal-ġnus u saħansitra ġie miegħu hawn Malta (ara Atti 28:1ff).

Hemm diversi ipotesijiet dwar il-fonti jew il-materjal sinottiku li minnu żviluppaw it-tliet vanġeli msemmija. Fl-1774, Greisbach kien stampa t-tliet vanġeli fi tliet kolonni u minn dan l-istudju ħareġ dawn il-klassifikazzjonijiet. Hemm materjal li nsibuh fit-tliet vanġeli u f'din it-tradizzjoni triplika nsibu madwar 360 vers komuni; hemm materjal li nsibu f'żewġ vanġeli biss: jew Mt – Mk; jew Mt – Lq; jew Mk – Lq. Il-qbil bejn żewġ evanġelisti ġej mela minn fonti diga' miktub u li serva bħala bażi għalihom. Fl-aħħarnett insibu materjal partikulari għal kull vanġelu u li dan mela jinsab f'vanġelu wieħed biss. Hawnhekk naraw ġeneralment u bir-raġun, l-esperjenza ndividwali ta' kull evanġelista.

Mattew minn madwar 1090 vers li fih il-vanġelu tiegħu, għandu 330 vers li huma tiegħu biss u ma jinsabu mkien iktar. 170 vers insibuhom f'Mark, waqt 230 vers insibuhom f'San Luqa (it-tradizzjoni doppja). 360 vers insibuhom kemm f'Mark u kemm f'Luqa (it-tradizzjoni triplika).

Mark, minn madwar 650 vers tal-vanġelu, għandu 70 vers li nsibuhom fil-vanġelu tiegħu biss; 170 vers insibuhom f'Mattew u 50 vers insibuhom f'Luqa. Waqt li iktar minn nofs il-vanġelu, 360 vers insibuhom kemm f'Mattew u kemm f'Luqa.

Luqa minn 1160 għandu madwar 520 vers li nsibuhom fil-vanġelu tiegħu biss. 230 vers insibuhom f'Mattew u 50 vers f'Mark. 360 vers insibuhom fil-vanġeli l-oħra.

Ħafna biblisti llum jammettu li f'din il-problema sinottika hemm interdipendedenza bejn il-vanġeli u li kienu jeżistu xi dokumenti pre-sinottiċi, kif ukoll fonti bażiċi għat-tliet vanġeli. Huma x'inhuma l-opinjonjiet, f'din 'is-soluzzjoni sinottika' hemm 'id waħda', dik ta' Alla l-Imbierek li nebbaħ lill-awtur sagru sabiex jikteb bħala 'Kelma' u 'Bxara Tajba' l-Imħabba Tiegħu.

## *Biblijografija*


ALLAND, K., *Synopsis Quattuor Evangeliorum*, Stuttgart 1985.

BRATCHER, R.G. – NIDA, E.A., *The Gospel of Mark*, New York 1993.

CASALINI, N., *Il Vangelo di Matteo come racconto teologico, Analisi delle sequenze narrative,* Studium Biblicum Franciscanum Analecta 30, Jerusalem 1990.

FAUSTI, S., *Una Comunita' legge il Vangelo di Luca*, Bologna 2001.

THE PONTIFICIAL BIBLICAL COMMISSION, *The Interpretation of the Bible in the Church*, Vatican City 1993.

STOCK, K., *I racconti pasquali dei Vangeli Sinottici*, Pontificio Istituto Biblico, Roma 2002.

MILL-KUNSILLI LOKALI
TA' GĦAWDEX

*Informazzjoni u Rapporti mibgħuta mis-Sindki tad-diversi Kunsilli Għawdxin*

# Aktar progress f'Għajnsielem

**Jikteb Francis Cauchi, Sindku ta' Għajnsielem**

**Il-programm tal-leġislatura ta' dan il-Kunsill għal dawn it-tliet snin huwa li jkompli jsebbaħ fuq xogħol infrastrutturali l-pjazez ewlenin tar-raħal, itemm il-programm tat-toroq li fadal isiru bit-*tarmac*, ikompli jsaħħaħ il-ġemellaġġ li għandu mal-belt ta' Tolfa qrib Ruma, jkompli jżid l-attivitajiet soċjali u kulturali u li jġib fondi ta' xi programm mill-Ewropa.**

Nista' ngħid li f'nofs din il-leġislatura l-Kunsill diġà wettaq diversi proġetti minn dan il-programm.

### *Pjazez*

Il-pjazez li għandna fir-raħal, il-Kunsill diġà rnexxielu jlesti x-xogħol fuq l-*embelishment* tagħhom. Fil-fatt Pjazza Tolfa, Pjazza 10 ta' Diċembru, Pjazza tad-Dehra u dan l-aħħar Pjazza Indipendenza wieħed jista' jinnota kif dawn il-pjazez minn post kemxejn mitluq ġew mibdula totalment b'aċċessorji ġodda, pavimentar, monumenti u affarijiet oħra. Fadal issa li l-Kunsill jagħti bidu biex jibda x-xogħol fil-pjazza ta' quddiem is-Santwarju tal-Madonna ta' Loreto. Il-Kunsill diġà applika lill-MEPA għall-permessi meħtieġa. Kif appena jinħareġ il-permess jingħata bidu tax-xogħol biex din il-pjazza fi żmien ftit xhur tingħata dehra ferm isbaħ, b'disinn ta' pavimentar fl-*area* kollha tagħha, u bix-xieraq ser tkun waħda mill-isbaħ pjazez fil-gżejjer Maltin.



### *Toroq*

Programm ieħor li dan il-Kunsill kważi wettaq kien dak li jkompli jingħata t-*tarmac* fil-kumplament tat-toroq li kien fadal. Nista' ngħid li diġà ngħata *tarmac* fuq seba' toroq. Fadal biss żewġ toroq oħra fejn fil-fatt it-*tenders* ġew allokati u l-Kunsill qed jistenna l-kuntrattur li jibda x-xogħol. Xogħol ieħor fi tliet toroq oħra li però jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għal Għawdex, ser jinbeda dalwaqt appena jitlesta x-xogħol fuq id-drenaġġ li wkoll qed isir mill-Ministeru.

### *Ġemellaġġ*

Bħala ġemellaġġ il-Kunsill flimkien mal-belt ta' Tolfa irnexxielna nżommu din l-għaqda ta' bejnietna bil-ħidma kontinwa li għadha għaddejja bejn iż-żewġ Kunsilli. Fil-fatt f'Mejju 2007 grupp ieħor ta' studenti mill-iskola primarja t'Għajnsielem sejjer għat-tieni darba Tolfa fejn hemmhekk ser isir skambju ieħor bejn iż-żewġ skejjel. Għall-festa tal-parroċċa f'Awissu 2007 grupp ieħor imdaqqas din id-darba minn Tolfa ser iżurna biex ikun jista' jiċċelebra l-festa magħna ad unur il-Madonna ta' Loreto. Eżattament wara Settembru li ġej il-banda Għaqda Mużikali San Ġużepp, flimkien mal-Kunsill Lokali, ser jorganizzaw ġita għall-Italja fejn parti miż-żjara ser tkun ġewwa Tolfa biex niċċelebraw flimkien il-festa ta' San Egidio il-patrun ta' din il-belt.

### *Attivitajiet*

Bħala attivitajiet soċjali u kulturali l-Kunsill flimkien ma' l-għaqdiet kollha tar-raħal u tal-parroċċa, ser inkomplu naħdmu billi norganizzaw attivitajiet għal matul is-sena. Inkomplu nżidu ħarġiet għall-anzjani, nagħmlu żjarat lill-postijiet storiċi f'Malta u Għawdex għaż-żgħażagħ tagħna,




*Dehra ġdida u isbaħ lill-Pjazza Prinċipali ta' Għajnsielem*

inħeġġu lil dawk kollha li huma interessati fil-qasam tal-palk, ngħinu liż-żgħażagħ tagħna biex jiżviluppaw it-talenti tagħhom u fuq kollox li jirnexxielna nżommu r-raħal dejjem magħqud u nadif.

## *Fondi mill-U.E.*

Għalkemm mhux daqsekk faċli li wieħed iġib xi programm mill-Ewropa, il-Kunsill qed jaħdem biex ikun jista' jġib fondi għal xi proġett bħal ma hu l-proġett għas-sajjieda fil-port ta' l-Imġarr. Il-Kunsill diġà beda jaħdem fuq dan il-proġett. Fil-fatt diġà għandu ħafna materjal lest, fejn anke qabbad perit professjonali fil-qasam ta' dan ix-xogħol biex iħejji rapport. Wara li joħroġ dan il-programm il-Kunsill ikun f'qagħda li jkun jista' japplika flimkien ma' xi bliet oħra fl-Ewropa li għandhom il-port, biex b'hekk inkomplu insaħħu s-sengħa tas-sajd f'Għawdex.

**STEDINA LIS-SINDKI KOLLHA TAL-KUNSILLI LOKALI F'GĦAWDEX**

Nilqgħu artikli u rapporti bir-ritratti fuq xi attivitajiet li saru jew proġetti ġodda li se jsiru fil-lokalità tagħkom. Ibagħtu r-rapporti *word processed* flimkien mar-ritratti fuq diskette jew CD lid-Direzzjoni tar-Rivista sa' l-aħħar tax-xahar jew bl-email lill-Gozo Press: *gozopress@onvol.net.*

**RAYMOND CEFAI**

***TAL-KELBA LTD.***

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**

**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA



# Dun Franġisk Grima (1908-1939)

Wieħed jista' jħalli impressjoni tajba tiegħu nnifsu fuq l-oħrajn mhux minn kemm jgħix iżda anki jekk imut qasir il-għomor. U proprju dan nistgħu ngħiduh għal Dun Franġisk Grima.

Franġisk twieled fir-raħal tan-Nadur fis-27 ta' Awissu 1908. Huwa kien l-għaxar wieħed fost tlettax-il aħwa. Ta' età żgħira beda jattendi l-iskola primarja tan-Nadur. Peress li ma kienx nieqes mill-intelliġenza u mill-għaqal kien magħdud fost it-tfal l-aktar li jippromettu. Sadanittant huwa beda jservi ta' abbati fil-parroċċa tan-Nadur. Dawk li jafuh jgħidulna li kien dejjem minn ta' quddiem fil-funzjonijiet tal-knisja u li l-imġiba tiegħu kienet ta' eżempju tajjeb anki għal sħabu akbar minnu.

Meta Franġisk temm il-kors ta' l-iskola primarja ħass li għandu l-bidu ta' vokazzjoni saċerdotali u għalhekk ma għamilx bħall-kotra ta' sħabu li jsiefru jew jaqbdu xi sengħa. Kompla jistudja bħala student estern fis-Seminarju Minuri.

Meta kellu madwar ħmistax-il sena Franġisk wera x-xewqa lil missieru li jsir qassis djoċesan. Peress li kien bidwi u kellu ħafna tfal, missieru beża' li ma kellux biżżejjed flus biex iħallaslu l-ispejjeż. Heġġu biex isir patri iżda Franġisk baqa' jinsisti li jsir qassis sekulari. Ommu u ħutu qablu miegħu u għalhekk missieru ħasibha bħalu u ħallieh jagħżel it-triq li kien jixtieq.

Wara li temm il-kors fis-Seminarju Minuri talab sabiex ikompli fis-Seminarju Maġġuri halli jibda l-istudji tiegħu għas-saċerdozju. Hemmhekk huwa medd għonqu għax-xogħol ta' l-istudju. Għall-ewwel kien sejjer tajjeb fl-istudju tal-Filosofija u l-Letteratura iżda ntlaqat minn marda li tefgħetu ħafna lura. Għal xi żmien kellu fuqu deni qawwi u anki ħasbu li kellu xi tumur. Iżda meta fieq irnexxielu jikseb dak li kien tilef u kif jixhdu r-reġistri ta' l-arkivju tas-Seminarju fl-eżamijiet li għamel, wara mar tajjeb ħafna. Huwa kiseb diversi premji għall-ħila tiegħu fl-istudju.

Barra mit-tagħlim, Franġisk ħejja ruħu għas-saċerdozju permezz tat-tjieba u l-orarju ta' kuljum, li kien għalih mezz biex jikber fl-imħabba ta' Alla. Huwa li sa minn ċkunitu kien devot tal-Verġni Marija, ġie msieħeb fil-Kongregazzjoni Marjana tas-Seminarju ta' Għawdex fis-7 ta' Diċembru 1931.

Ġie ordnat saċerdot fil-31 ta' Lulju 1938, u fil-21 ta' Awissu ta' l-istess sena ċċelebra l-ewwel quddiesa. Beda l-ministeru pastorali tiegħu mimli żelu. Xhieda ta' din l-ewwel ħidma tiegħu nsibuha f'relazzjoni bit-Taljan li ħarġet il-Kongregazzjoni Marjana: "Meta beda l-ħidma appostolika tiegħu, sab miftuħ quddiemu kamp kbir. Huwa mimli bil-ħeġġa u bl-entużjażmu kif kien għax-xogħol, beda jaħdem mingħajr ma ntilef wara ħwejjeġ oħra u bla ma beża' mill-għeja u mis-sagrifiċċju. Kien l-id il-leminija ta' l-Arċipriet. Kien jadatta ruħu għal kollox; kien iwassal it-tqarbin lill-morda, jassisti l-moribondi u qatt ma naqas mill-funzjonijiet. Kien il-gost tiegħu li jqarben lill-insara. Kulħadd kellu tamiet kbar fih. Il-kappillan kien kuntent ħafna bih għaliex kien sab fih għajnuna siewja. L-istess il-poplu kien sab fih saċerdot li lest jissagrifika ruħu għall-ġid tiegħu. Iżda dawn it-tamiet kellhom jintemmu ħesrem."

Ħames xhur biss wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu ġiet marda fuqu li kellha ttemmlu ħajtu. Matul il-ftit ġranet li dam fis-sodda, madwar ħdax-il jum, kien ta' eżempju għal kull min mar iżuru. Ħalla dan il-wied tad-dmugħ fit-18 ta' Jannar 1939, fl-età żagħżugħa ta' tletin sena u nofs.

Il-ħajja ta' Dun Franġisk tgħallimna li t-triqat ta' Alla huma misteru. L-importanti huwa li nwettqu dak li Alla jridna nagħmlu u mbagħad nħallu f'idejH.

*Angelo Xuereb*

HOME STYLE
• Ceramics • Chandeliers • Appliances
• Furniture • Carpets
Ġużepp Labre Str., Pjazza Kennedy, Victoria, Gozo
Tel: 21 552099 Fax: 21 561438 Mob: 9942 0520
Web Site: www.homestylegozo.tk

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073




***Żjara fit-Turkija***

It-ħames vjaġġ appostoliku ta' Benedittu XVI, fit-Turkija, kellu tliet għanijiet: kienet żjara pastorali, ekumenika u biex tmexxi d-djalogu ma' l-Islam. Skond l-Annwarju Pontifiċju, fil-Pajjiż b'aktar minn 72 miljun ruħ, 99 % huma Musulmani u l-Kattoliċi huma madwar 32,000 u għandhom 47 parroċċa. Il-Papa attenda Liturġija Divina fit-30 ta' Novembru li għadda fil-festa ta' Sant'Andrija, ħu San Pietru u patrun tal-Patrijarkat Ekumeniku ta' Kostantinopli (illum Istanbul). Il-Papa u l-Patrijarka Bartilmew I biesu lil xulxin, imma mbagħad il-Papa mar fuq tron għoli ta' l-injam f'ġenb tal-knisja waqt li l-Patrijarka ċċelebra l-liturġija sollenni. Barra minn hekk, f'ġest ta' rispett lejn il-Musulmani, Benedittu XVI talab fil-famuża Moskea Blu ta' Istanbul.

***Ma' l-Ortodossi***

Il-Beatitudni Tiegħu Christodoulos, Arċisqof Ortodoss ta' Ateni u tal-Greċja kollha, kellu jagħmel żjara lil Benedittu XVI u l-Knisja ta' Ruma mit-13 sas-16 ta' Diċembru. Anke jekk l-Arċisqof diġà kien Ruma għall-funeral ta' Ġwanni Pawlu II, hi l-ewwel darba li Mexxej tal-Knisja Ortodossa tal-Greċja jżur uffiċjalment il-Papa u l-Knisja ta' Ruma. Il-Papa kellu jirċievi lil Christodoulos u s-segwitu tiegħu filgħodu ta' l-14 ta' Diċembru, u waqt ċerimonja fil-Bażilika ta' *San Paolo fuori le Mura* kellu jikkonsenjalu parti mill-katina, ikkonservata hemmhekk, li mpriġjunat lil San Pawl.

***U ma' l-Anglikani***

Minkejja d-diffikultajiet attwali bejn l-Anglikani u l-Kattoliċi minħabba kwistjonijiet teoloġiċi u etiċi, Benedittu XVI ippromwova d-djalogu billi laqgħa f'udjenza l-Ħamis, 23 ta' Novembru li għadda, il-Primat tal-Komunjoni Anglikana, l-Arċisqof Roman Williams ta' Canterbury. Dan għamel żjara lill-Papa u lis-Santa Sede fl-okkażjoni ta' l-erbgħin sena mil-laqgħa storika bejn l-Arċisqof ta' Canterbury ta' dakinhar, Michael Ramsey u l-Papa Pawlu VI, li tat bidu għal-era ġdida ta' rapporti wara l-qasma li seħħet fi żmien Neriku VIII fis-seklu sittax.

***L-Armi Nukleari***

L-Isqfijiet Kattoliċi ta' l-Ingilterra u Wales għamlu appell lill-Gvern tar-Renju Unit biex jagħti l-eżempju billi jieqaf milli jikkummissjona armi nukleari. Komunikat tal-Konferenza ta' l-Isqfijiet fisser illi "l-eżistenza stess ta' armi nukleari dejjem poġġiet kwistjonijiet morali gravi". Jgħid ukoll li l-qawwa estremament distruttiva ta' dawn l-armi tagħmilha ċara li dawn jappartienu għall-kategorija differenti mill-armi l-oħra kollha.

***Intervista interessanti***

Nixtieq naqsam mal-qarrejja xi frażijiet li laqtuni f'intervista li ta Padre Massimo Pampaloni tal-Fakultà tal-Filosofija u tat-Teoloġija ta' Belorizonte (Brażil): "il-liturġija m'hijiex sempliċi serje ta' riti li jiġu ċċelebrati l-Ħadd fil-knisja. Fir-realtà, il-liturġija hi għall-Knisja l-istess ħajja tagħha"; "Meta Ġesù kien jgħix, aġixxa fost in-nies ... Issa, Ġesù ... jibqa' jagħmel l-istess ħwejjeġ identiċi imma permezz tas-sagramenti u għalhekk, permezz tal-liturġija"; "il-liturġija hi l-grammatika li biha niddeklinaw il-fidi tagħna".

DM
David's Bakery Caterers
Il-Kwalità l-ewwel!
Tixtieq li jkollok ikla jew *party* mill-aqwa? Tixtieq li jkollok tieġ li tibqa' tiftakar? Afda fl-esperjenza ta' **David Mercieca**! ĦOBŻ - PANINI - QAGĦAQ - PIZZA - PASTIZZI - KRUSTINI - PASTI - ĦELU. Tel: 2155 5655/9000 Mobile: 9945 8131

*Għawdxin li għadna niftakru - 37* *Minn Pawlu Mizzi*

# WISTINU TAL-VARI

Diffiċli, fi tfuliti, kien jasal Milied u ma kontx nara kważi f'kull dar il-presepju. Jekk mhux tal-ġebel, wieħed żgħir tal-kartapesta! Tagħna kien tal-ġebel u konna narmawh għand in-nanna. Niftakar f'waħda mill-kmamar ta' fuq, aħna u telgħin fuq il-bejt. Kien minn ħajt sa ħajt u kien jagħmlu z-ziju Ġanni.

Darba, kif lesta l-grotta ġiet in-nanna u qaltilna: '*Ussa nejdew erružurju kuddimew. Ax ellejle el Madunna tiġej wittalla lerweħ tel pugaturjow men nor.*'

Jien ma tkellimt xejn. Hekk kienet id-drawwa. Li kif titlesta l-grotta u qabel jitqiegħed il-Bambin fil-maxtura u l-Madonna u San Ġużepp, ngħidu r-Rużarju!

In-nanna fehmet x'kien is-skiet tiegħi. U, billi kienet taf li kont is-soltu norqod fir-Rużarju, qaltli f'widnejja kemm kemm tinstema': '*Ellewm nejdewħ sewwe*!'

U sewwa, tassew, kont għidtu dak inhar! Ma fallejtx "Sliema" waħda ! Imma, kif spiċċajnih ħriġt inkiss u mort għand ommi. Dak il-lejl ma rqadtx.

U kif sebaħ l-għada, ġrejt għand in-nanna biex nara l-Madonna ġietx. Sibt biss liz-ziju Ġanni qed ipoġġi l-Madonna ħdejn il-Bambin.

'Dawn ta' Wistinu!' qalli. 'Ma mmissuhomx!'

Ngħid is-sewwa, min kien dan Wistinu, jien ma kontx naf. U lanqas kont naf għaliex m'għandniex immissuhom. F'moħħi kelli biss li tiġi l-Madonna biex ittella' l-erwieħ mill-Purgatorju. Baqgħet stampata f'moħħi dik l-istorja u kull Milied sa meta kbirt id-dehra ta' l-erwieħ ma marritx.

Darba għidtha lil Dun Andrè, id-direttur spiritwali tiegħi fis-seminarju. Kien semagħha kemm-il darba, qalli. Għalhekk xi nies ma kinux ipoġġu l-Madonna u 'l San Ġużepp mal-Bambin fil-grotta qabel il-quddiesa ta' nofsillejl.

'Did-drawwa bdiet wara l-Konċilju ta' Trento,' qalli. 'Kien bdieha predikatur famuż. Ġwanni ta' Carthaġena mingħalija!'

L-arti tan-Nativitá kienet fl-aqwa tagħha fl-Ewropa dak iż-żmien! U tant kienu jabbużaw xi artisti bil-Bambin żaqqu barra li kien qam ferment kontra tagħhom anke fil-Knisja. Lanqas lill-Bambin famuż tal-Guercino ma kienu ħafruha. U Pietru ta' Cortona kellu, għalkemm kontra qalbu, ipinġilu fuqu l-fisqija.

Immutajt nisimgħu! U x'ħin rani sieket kompla qalli: 'Eh! Lanqas timmaġina x'rispett kellhom lejn il-Milied l-artisti nsara ta' dak iż-żmien! Luca Giordano u Carlo Dolci għarkupptejhom kienu jpinġuh il-Bambin!'

'Mhux għaġeb, mela,' għidt f'qalbi, 'li l-Bambini ta' Wistinu ma jħossux bard!' .

Wistinu bħalhom kien magħġun fit-tradizzjoni nisranija. Anke l-vari tiegħu kien jagħmilhom wiċċ il-qdusija. Kultant kważi femminili żżejjed! 'Għax,' qalli darba, 'is-sbuħija tissimbolizza l-grazzja!' U min jaf kemm-il darba, minħabba



f'hekk, kont nidħol fi knisja biex nara xi vara tiegħu: San Kaloġju li hemm San Franġisk, per eżempju. Jew il-Qalb ta' Ġesù tat-Triq ta' l-Għajn. Jew San Ġwann Bosco.

Kont nissaħħar inħares lejh dal-qaddis! Fin-niċċa tiegħu u barra min-niċċa meta kienu joħorġuh fil-festa. Anke, Domenico Savio u t-tifel ta' ħdejh imqabbad miegħu kont nisthajjilhom anġli!

U, darba għamilt f'moħħi li mmur inkellmu lil dan Wistinu.

Qisu l-bieraħ! Għadu quddiem għajnejja dak inhar li rajtu l-ewwel darba. Raġel twil, mistħi, simpatiku, wiċċu mgħaddam, u b'fardal griż ma' qaddu kollu tbajja bojod bil-ġibs. Kien waħdu mitluf jirtokkja Kurċifiss! Ma kellimtux! Bżajt li nfixklu! Kif poġġa, imma, il-pniezel fuq il-bank u nġibed lura biex jagħtih l-aħħar okkjata, għidtlu: 'Sabiħ, Wistin!'

Wistin dawwar wiċċu biex jara min kellmu u kif ra lili, għalkemm ma kienx jafni, tbissem.

'*Jeġbik?!*' qalli. U bla ma ħallieni nwieġeb kompla qalli: '*Imme, xmeditazzjunoj do Kristu imsallap! Ankoj fel Milit naroħ ekk!*' U kompla jħares lejh. '*Bidejħ miftuħa nimmaġinoħ fel maxtura!*'

Mbagħad, għal ftit, waqa' s-skiet. Kien donnu m'hemm ħadd. La tkellimnt jien u lanqas hu. It-tnejn donna kellna l-istess ħsieb. Dak Kristu fuq is-salib kellu xeħta tal-Bambin fil-maxtura!

Imbagħad dar lejja u, aktarx biex jaqta' l-kurżità, staqsieni min kont u x'kont ġejt nagħmel lejn dik in-naħa.

Stennejtha! Lili ma kienx jafni! Għax lejn Għajn Qatet rari kont nersaq. Ġie li forsi wasalt sa San Franġisk, imma, iktar 'il ġewwa minn hemm niddubita! L-aħħar darba li kont

ersaqt lejn dik il-knisja kien biex nirringrazzja lil Sant Antnin ta' miraklu li kien għamel miegħi!

Jien ftit kont nistudja. U kull surmast li kelli, donnhom bil-magħmul, kienu jigżawni lil ommi u kienu jgħidulha: 'Moħħu tajjeb, imma, jitlef ħafna ħin! Ħsiebu biex jaqra biss!'

U, meta wasalt biex nagħmel il-GCE, tant bżajt li ma kontx sa ngħaddi illi mort fejn Sant Antnin u tlabtu jsibli l-ħin li kont tlift. Ħassejtu qed jidħak il-Bambin li għandu f'idejh!

Nistqarr li xi staqsewna fil-karta ta' l-eżami ma nafx. Naf, imma, li ktibt paġna wara l-oħra nwieġeb id-domandi u għaddejt b'riżultat daqs ta' sħabi li kienu aħjar minni! Meta għidt lis-surmast x'għamilt, hu ukoll daħak u qalli: 'Mur għand Wistinu tal-vari u għidlu jagħmillek Bambin bħal ta' Sant Antnin u żommu fuqek, għax miraklu għamel miegħek!'

U tassew minn dak inhar għamilt f'moħħi li mmur għand Wistinu u nistaqsih kif kien jagħmel il-Bambini.

'*Dawk*,' qalli, '*kiniw il bidew tijej! U, naturalment, pasturi uħra ukill! Pħal San Ġusepp wil Madonna – biċċe arkuptejjim u biċċe bilwikfe; irrajje – mejn mixej u mejn ket jadure el Bambojn; naaċ; nise fowk lajn jew ket iġurrow lilme fissatal; wanġloj. Muxx kille, imme, bil furma*'.

Jien bqajt sieket nisma'!

*'Tof int, aħne ma kinnix sinjuri. Bil mitħne kinne. U jin bix naqla sult kint emmowr fej sanġurċ bdawl pasturoj ġo bixkille. U nbeħħ! Tlitt karnijit, sult u nufs, tmintox irbijej! Skunt xpastowr ikewn! Umbat, kejf kin jaddij il Milit kint nippripura al festej. Namil il vuroj: San Ġurċ, Santa Marija, San Ġwonn, Santa Mergerite, ed Duluroj woħrojn!'*

Uħud minn dawn il-vari ta' Wistinu kienu tassew *object d'art*. U kienu jimpressjonaw lil min jarahom. Fl-iskola ma kienx jiġi *inspector* li s-surmast Patist ma kienx jurihomlu.

'Dawn,' kien jgħidilhom jistagħġeb b'idejh miftuħa, 'jagħmilhom tifel ta' l-iskola tagħna. Ġenju! Lanqas Malta ma ssib min jagħmel bħalhom. Imkien! Fl-ebda parti tal-Mediterran!'

U billi dik il-ħabta f'Għawdex kien hemm għadd ta' artisti jaħdmu fil-knejjes, fosthom Robert Caruana Dingli li kien għadu kemm pinġa l-arzella tal-kor f'San Ġorġ u Lazzru Pisani s-saqaf tal-knisja tan-Nadur, l-interess fl-arti sagra kien donnu reġa' qabad f'pajjiżna. Il-vari ta' Wistinu kienu tassew ġibdu l-ammirazzjoni ta' bosta mill-ekkleżjastiċi tagħna!

Lil Wistinu, għalhekk, webbluh imur Ruma jistudja d-disinn. Ġużè Duca, li kien dak iż-żmien Direttur ta' l-Iskola ta' l-Arti, xtaq kieku jibagħtu. Dik is-sena, imma, kienu diġa ntgħażlu l-aħwa Sciortino u Wistinu kellu jibqa' Malta jistudja d-disinn taħt Giuseppe Calì. Qatagħlu xewqtu qaribu Marciol Caruana għax, kif spiċċa mill-kors għand Calì, ħallaslu biex imur l-*Accademia di San Luca* ta' Ruma.

Kont nogħxa nisma' lill-pittur Briffa jirrakkontali fuq dawn l-artisti Maltin f'Ruma!

Ma' Wistinu kien iltaqa' ftit wara li ġie mill-*Accademia*. U, minn dak iż-żmien tant saru ħbieb li wara, meta ġew lura Malta, żviluppat bejniethom kollaborazzjoni fl-oqsma varji ta' l-arti tagħhom. Briffa bil-pittura u Wistinu bid-dekorazzjoni u l-iskultura. Il-knisja ta' Sant Wistin ta' Għawdex u l-vari tal-festa ta' Santa Liena quddiem il-knisja ta' Birkirkara huma xhieda mill-isbaħ ta' din il-kollaborazzjoni.

Iżda xhieda aqwa minn dawn hija l-knisja parrokkjali ta' Kerċem. Kif stqarr il-kappillan stess, Dun Mikelanġ Grima ta' Guliermu, it-tnejn, Briffa u Wistinu, ħadmu bil-qalb. Nissaħħar meta nirfes f'dik il-knisja!

Il-kwadru titulari jolqotni l-ewwel! U bla ma rrid ngħid, imma kemm kellna nies bravi! Il-kuluri! Il-folklor! L-istorja! Li ma kienx għalih kieku ftit, għandhom mnejn, indunaw li fl-1813 f'Għawdex kellna l-kolera u vittmi tagħha x'infakkru! Min qara r-rumanz ta' Ġorġ Scicluna *"Il-Mara li Għexet"* jaf mil-liema tbatija għaddew niesna dak iż-żmien! Nirgħex kultant niftakar li, ħtija tal-piki parrokkjali tagħna u l-fissazzjoni bla sens ta' min jiġi l-ewwel u t-tieni fil-ġerarkija, il-purċissjoni ta' San Girgor warrabniha...

Dan Salvatore Busuttil li għamel dan il-kwadru u Wistinu, nisthajjilhom tewmin fl-arti. It-tnejn kienu Għawdxin. U t-tnejn ġejjin minn familji ta' artisti. Illum, issemmi lill-aħwa Camilleri Cauchi tkun semmejt artisti fost l-aqwa fl-arti sagra: Pawlu, għall-pittura tista' tgħid issibu f'kull knisja; Alfred għall-istatwi fl-irħam u fil-bronz l-iktar il-Via Sagra ta' fuq Ta' Għammar; Michael għall-kartapesta u fl-armar ta' ħafna festi; u Mario għad-dekorazzjoni bid-deheb.

L-opra l-kbira ta' Wistinu għalija għamilha fis-Santwarju Ta' Pinu. L-isbaħ ġawhra li għandna fl-arkitettura! Ma nafx kemm niftakruhom il-Perit Vassallo u l-bennej Vitor tal-Qanfuda li tawna dawn l-isbaħ eżemplari fil-ġebla Maltija. U magħhom il-Kav. Ċensu Bonello. Is-santwarju ma kienx, imma, ikun opra sħiħa mingħajr ix-xogħlijiet ta' Briffa u ta' Wistinu. Bil-mużajċi u d-disinni tagħhom rabtu kull rokna tal-knisja. Il-kaptelli, il-pilastri, il-lunetti, l-arkati, il-perspettivi ta' l-artali. Kullimkien! Wistinu biss għamel iktar minn elf disinn! Wieħed mhux bħall-ieħor u wieħed isbaħ mill-ieħor! Vera meravilja tal-arti!

Nogħxa nħares lejhom! U, iktar ma nħares lejhom iktar nara l-ġenju ta' Wistinu. Ma nafx għaliex, din l-opra tiegħu f'Ta' Pinu torbotni mal-kobor tad-Duomo ta' Monreale u n-Notre Dame. U ħsiebi jogħla iktar 'il fuq mis-soqfa gotiċi tagħhom. Inħossni f'univers ieħor fejn l-arti u l-filosofija jitħalltu fi ċrieki ġeometriċi li m'għandhomx tarf.

Dan kien għalija Wistinu tal-vari. L-istatwarju tal-ġenna. Tal-qaddisin li jżejnu t-toroq tagħna fil-festi: ta' San Mikiel, tan-Nazzazzenu, ta' San Pietru u San Bert, ta' San Karlu Borromeo, ta' San Pawl, u min jaf ta' kemm oħrajn. Tal-maxtura u s-salib fuq kollox marbuta f'ħolqa waħda li ma tinħallx. U tal Madonni li jtellgħu l erwieħ mill Purgatorju; u tal-kurċifissi li jitolbu maħfra għal min sallabhom...

Kull vara mera tat-tieba! Minn Ġesù tarbija fil-maxtura sa Ġesù msallab fuq il-Kalvarju. Għax dik kienet ħajtu. Ċiklu ta' imħabba. Kif ħolmot Santa Teresa tal-Bambin Ġesù. Triq waħda ta' umiltà u sagrifiċċju.

Lil Wistinu rajtu l-aħħar darba dik il-ħabta li ibnu Alfred kien qed nagħmel il-bust ta' Larent Ropa fil-*Villa Rundle*.

'Bravi,' għidtlu, 'dawn it-tfal tiegħek!' Ħa gost bil-kumpliment tiegħi u tbissem.

'*Id-dun l'andim*,' qalli, *'mux jin tajtulum. Kul manne tawulna el Mulej. Niħow gust naruwum jutuw gust lil ħatiħur!*

Wistinu kien mogħni b'sens ta' altruiżmu ta' l-għaġeb. Għalhekk, is-sabiħ fl-arti tiegħu ma jonqosx!.



# L-Istorja Soċjali tal-Mediċina

miġbura minn Dr. Mario Saliba

## (ID-DISA' PARTI)

Anatomist ieħor student ta' Fallopio kien **Giraloma Fabrizio** li sab il-valvoli fil-vini u li permezz tagħhom **William Harvey (1578 - 1657)** kien wera iktar tard li d-demm jimxi mill-qalb lejn il-ġisem permezz tal-arterji u lura lejn il-qalb permezz tal-vini. Din kienet il-bażi taċ-ċirkulazzjoni tad-demm fil-ġisem tal-bniedem. Harvey kien wera wkoll l-importanza tal-qalb bħala l-organu prinċipali li jmexxi din iċ-ċirkulazzjoni li hekk kif tieqaf, il-ġisem tal-bniedem imut. Naturalment Harvey għall-bidu sab ħafna oppożizzjoni imma l-ġenju tiegħu wasslu biex jegħleb kull diffikulta' u jonqox ismu għal dejjem fl-istorja tal-mediċina bħala dak li sab kif taħdem iċ-ċirkulazzjoni tad-demm. Minkejja li għaddew ħafna snin dak li qal Harvey fuq iċ-ċirkulazzjoni tad-demm għadu jgħodd sallum.



Harvey rawwam numru ta' studenti li wara saru ukoll famużi għal xi skoperta li kienu għamlu. Fost dawn insibu lil **Thomas Willis (1621 - 1773)** li jibqa' magħruf għall-istudju intensiv li għamel fuq il-moħħ u mard tas-sistema nervuża. It-terminu 'neuroloġija' huwa dovut lilu u għalhekk huwa meqjus bħala missier l-istudju tan-neuroloġija. Student brillanti ieħor kien **Richard Lower (1631 - 1691)** li studja ma' Willis f'Londra u li flimkien ma' **Robert Hooke (1635 - 1703)** urew li l-pulmuni jsaffu l-arja ħażina mid-demm u jibdluha f'ossiġinu li jagħti lill-arterji il-kulur aħmar ċar filwaqt li







l-vini huma ta' kulur aħmar skur minħabba l-arja ħażina (*carbon dioxide*) li jkun fihom. Richard Lower jibqa' magħruf ukoll bħala l-ewwel wieħed li għamel transfużjoni tad-demm minn bniedem għall-bniedem ieħor.

Dawn ix-xjentisti u tobba kienu jagħtu d-demonstrazzjonijiet tagħhom f'post Londra fejn kienu jiltaqgħu. Din l-għaqda ta' xjentisti li kienet tissejjaħ is-Soċjeta' Rjali ġiet mwaqqfa fl-1660 minn Thomas Willis u Richard Lower. Kull min kien membru kien iġib wara ismu l-ittri FRS li tfisser *Fellow of the Royal Society*, li huwa titlu ferm prestiġjuż.

Għalhekk dawn l-anatomisti bravi fetħu beraħ dik il-'kaxxa sewda' magħluqa li kienet il-ġisem tal-bniedem. Permezz ta' awtopsji fuq l-iġsma mejta, t-tobba bdew isibu l-kawża ta' iktar mard u jifhmu aktar dak li jkun jiġri waqt il-mard. Patologu wieħed biss **Giovanni Battista Morgagni (1682 - 1771)** għamel 700 awtopsja. Il-mediċina issa ħadet xejra oħra u bdew iħarsu lejn il-ġisem magħmul minn tessuti u organi differenti magħqudin flimkien permezz tad-demm, il-muskoli u n-nervituri. Il-bażi tal-mediċina moderna issa kienet stabbilita'.

It-tieni pass importanti fl-iżvilupp tal-anatomija kien il-pubblikazzjoni fl-1799 tat-*Traite' des Membranes* (Trattat Dwar il-Membrani) minn **Marie-Francois-Xavier Bichat (1771 - 1802)**. Dan kien iben tabib franċiż u kien laħaq assistent tal-kirurgu famuż **Pierre-Joseph Desault**. Bichat studja ġisem il-bniedem f'iktar dettal u sab li hemm numru ta' tessuti differenti imma li huma komuni f'kull organu li kien iddeskriva Morgagni qablu. Dawn huma n-nervituri, l-arterji u l-vini tal-demm, il-muskoli u tessuti oħrajn. Huwa ħareġ bl-idea li l-mard jibda f'dawn it-tessuti milli fl-organi ta' Morgagni. "Iktar ma wieħed josserva l-mard billi jiftaħ katavri, iktar isir jaf dwar l-oriġini tal-mard" kiteb Bichat.

## Invenzjonijiet oħra importanti (Perjodu Modern 1600 - )



L-invenzjoni tal-mikroskopju minn **Robert Hooke (1635 - 1703)** flimkien ma' **Antonini van Leeuwenhoek** fl-Olanda li permezz ta' dan l-istrument, xjentisti u tobba oħra setgħu jiskopru affarijiet oħrajn. Fost dawn l-iskoperti importanti, kien hemm l-iskoperta taċ-ċelluli tal-ġisem u ċ-ċelluli ħomor tad-demm minn **Theodor Schwann (1810 - 1882)** f'nofs is-seklu 19. Dawn kienu l-bidu ta' avvanz kbir fil-mediċina u wasslu biex il-bniedem jifhem kif jiġi l-mard.

**Rudoph Virkow (1821 - 1902)** li kien patoloġista ġermaniż, mar kontra t-teorija li l-mard kien ikkawżat minn xi likwidu ħażin jew żbilanċ ta' materji fil-ġisem. Huwa fittex u skopra ċ-ċelluli li minnhom huwa magħmul il-ġisem. Huwa assoċja l-mard maċ-ċelluli u qal li kull ċellula tinħoloq minn ċellula oħra u li l-mard jibda fuq bażi ta' dawn iċ-ċelluli. Virkow bla dubju, l-iktar patoloġista versatili ta' żmienu. Permezz ta' l-iskoperta taċ-ċelluli, x-xjenza medika bdiet tifhem kif jibda l-mard tal-kanċer.

Kien **Louis Pasteur (1822 - 95)** li fil-1865 qal li ħafna mard huwa kkawżat minn mikrobi li hemm fl-arja. Pasteur fi Franza, kien sab il-metodu kif toqtol dawn il-mikrobi mill-ħalib permezz tal-proċess tal-Pastorizzazzjoni li naturalment issemma' għalih. Għalhekk illum għandna l-ħalib pastorizzat. Pasteur kien l-aqwa riċerkatur ta' dan il-perjodu. Irridu ngħidu li Pasteur ma kienx tabib imma gradwat fil-kimika mill-kulleġġ *Ecole Normale Superieure* ta' Pariġi. B'danakollu hu ħalla mpatt kbir fil-qasam tal-mediċina. Huwa kien espert fil-proċess tal-fermentazzjoni u għalhekk kien mfittex ħafna minn kumpaniji li jagħmlu l-inbid u l-birra. Pasteur ħareġ bit-teorija tal-ġerminazzjoni, fejn qal li l-mard jiġi billi biċċa żgħira minn organiżmu timmultiplika u minnha jista' jitnissel organiżmu ieħor. Dan huwa rilevanti għall-mard għax il-mard jiġi billi oganiżmu żgħir jew mikrobu jidħol fil-ġisem u jfaqqas fil-ġisem għal ħafna drabi tant li jmarrad lill-bniedem jew lill-annimali ukoll. Fil-fatt huwa rnexxielu juri dan fil-laboratorju billi wera li ċertu mard fl-annimali ġej direttament minn ċerti mikrobi. L-iskoperta ta' diversi tipi ta' *streptococci* u *staphylococci* li huma mikrobi li jikkawżaw il-mard, poġġa lill-bakterjoloġija fuq il-mappa medika.

Huwa kien ukoll il-pijunier fl-invenzjoni tat-tilqim kontra l-mard. Ir-raġunament ta' Pasteur kien dan: il-mikrobi jipproduċu fil-ġisem it-tossiċi, li huma velenu, u li jħarbtu għal kollox is-sistema tal-ġisem. Iżda jekk il-ġisem ikun f'saħħtu, jipproduċi waħdu d-difiża li tikkonsisti fl-anti-tossiċi. "Hemm bżonn għalhekk," qal Pasteur, "illi l-mediċina ġġiegħel u tgħin lill-ġisem jipproduċi kemm jiflaħ dawn l-anti-tossiċi, biex jikkumbatti t-tossiċi tal-mikrobi." Pasteur u sħabu bdew is-sistema ta' l-injezzjonijiet billi jdaħħlu fil-ġisem tal-marid mikrobi debboli ta' l-istess marda li bdew jipproduċu dawn l-anti-tossiċi. Pasteur ġab fil-ġisem il-gwerra bejn il-veleni u l-kontraveleni.



L-ewwel tilqima li vvinta Pasteur kienet kontra l-*anthrax*, marda li ftit tas-snin ilu qajmet terrur minnħabba biża' ta' attakk terroristiku bil-mikrobu ta' din il-marda. Fit-28 ta' April 1881 Pasteur għamel esperiment spettakulari li baqa' jissemma. Huwa njetta 24 nagħġa bil-tilqima ġdida li kien ipproduċa u rrepeta l-istess tilqima tlett ġimgħat wara. Ħmistax wara, dawn in-nagħaġ flimkien ma' numru ta' nagħaġ oħrajn li ma kenux mlaqqma, kienu njettati bil-mikrobu tal-*anthrax*. Meta n-nagħaġ kollha kienu eżaminati fit-2 ta' Gunju, sab li n-nagħaġ li kienu mlaqqmin, kollha baqgħu f'saħħithom imma n-nagħaġ li ma kenux mlaqqmin mietu jew kienu qed imutu.

Warajh **Edward Jenner**, tabib tal-kampanja fl-aħħar snin tas-seklu 18 sab tilqima oħra importanti kontra l-ġidri (*smallpox*). Peress li t-testijiet għal din it-tilqima saret fuq il-baqar u għalhekk l-estratt tat-tilqima kien ġej mill-baqra, it-tilqima baqgħet tissejjaħ *vaccine* mill-kelma bil-Latina *vacca* li tfisser baqra.

*(jissokta)*


# Xerri l-Bukkett



**Bar**

**Restaurant Pizzeria**

*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*

Triq iż-Żewwieqa Qala

**Tel. 21553500**

NOVELLA



# Il-Qalb Tgħix Biss bl-Imħabba

minn Lina Brockdorff

Suppost li ftehmet ma' ħabibtha biex joħorġu sal-Belt jaraw it-tiżjin tal-Milied; minflok ċemplitilha li ma kellhiex aptit. Hekk saret dan l-aħħar Megalie. Ma tafx xi trid. Kienu għadhom l-erbgħa ta' wara nofs in-nhar, imma bl-ajru mċajpar ma kienx ser idum ma jidlam. Ma tistenniex aħjar minn Diċembru. Ma tafx x'ser tagħmel biha nnifisha. Ftakret li kien hemm xi rampili tal-pjanti li jmissha tħawwilhom, kienu ilhom maqlugħin erbat ijiem. Ħarġet fil-bitħa, ħejjiet kollox fuq mejda qadima li kellha biex hekk tfittex tlesti. Beda l-irxiex, xorta baqgħet hemm biex teħles.

Ftakret għax skartat li toħroġ qabel. L-għajjat u l-ħsejjes mit-twieqi ta' dawk ta' fuqha kienu jagħtuha fastidju. Dak il-ħin kien hemm is-skiet. Mhux li kienu storbjużi żejjed; għal kuntrarju, nies prudenti; imma minn mindu nqala' dak l-għawġ kollu qishom tilfu rashom. U kellhom għalfejn ukoll. Miet għal għarrieda l-missier b'diżgrazzja fuq ix-xogħol u ħalla 'l-omm żagħżugħa bi tlitt itfal żgħar. Milli setgħet tifhem bilkemm kellhom għaxja ta' lejla. Biex tkun sinċiera, li beda jdejjaqha l-aktar ma kienx l-għajjat daqs kemm il-ħsieb li dawk ta' fuqha jinsabu nieqsa minn bosta xorti, forsi bla platt ikel fuq mejda, meta hi kellha mpieg tajjeb u l-ikel ma naqas qatt.

Imma għaliex dan il-gwaj kollu fid-dinja? Għaliex meta hi kellha tant dwejjaq u nkwiet f'ħajjitha kellha titgħabba wkoll bis-slaleb ta' ħaddieħor? Dawk ma kenux jiġu minnha, ma jmisshiex tinkwieta daqshekk fuqhom. Tabilħaqq li dik il-povra omm ma kellhiex fuq min iddur, il-familji tagħha u tar-raġel kienu l-Awstralja.

Megalie ħawlet ix-xitel f'żewġ qsari, naddfet fejn waqqgħat xi ħamrija u kompost u daħlet ġewwa. Kemm hi twila l-lejla tax-xitwa! Ġie f'moħħha li biex tgħaddi ftit tal-ħin setgħet tagħmel pudina tal-ħobż. Tista' tgħid li kellha kollox id-dar: ħobż kemm trid għax qajla kienet tiekol dan l-aħħar, dqiq, butir, żbib, ħalib u zokkor. Kien hemm ukoll nofs borma qastan mbuljuta li ddejqet tiekol minnu, dak imur mal-pudina, jew inkella tħallih forsi għad jiġiha aptitu. Ħassitha aħjar li ppjanat x'tagħmel biex forsi ttajjar il-ħsibijiet. Kellha kollox lest madwarha, xħin bdew l-ewwel tokki tal-qniepen tal-knisja qrib isejħu u jfakkru li ser tibda n-Novena tal-Milied.

Ma felħitx tismagħhom, xtaqet tifgahom. Ma kienx hemm għalfejn ifakkruha li wasal il-Milied. Jum il-Milied! Jum li beda jwerwirha. Malli tiftakar qalbha tingħafas ... il-jum li kienet ilha tistenna biex hi u George jitgħarrsu ... u minflok, hi u George infirdu. Infirdu hekk, ħabta u sabta xi ġimgħat ilu. Marru biex jixtru ċ-ċrieket u fit-triq qalilha li aħjar ma jeħdux dak il-pass: jistennew, ħassu mhux żgur minnu nnifsu. Kien ilhom erba' snin jistennew, kemm ser idumu aktar?

Minn dak il-ħin sabet ruħha f'infern sħiħ. Ma riditx taraħ aktar b'għajnejha: fuq kollox kienet ilha tissuspetta li bired lejha. Minn banda aħjar tlewmu issa, milli aktar tard. Hekk ipprova jsabbarha kulħadd; imma qalbha ma reditx taf, il-qalb ma tafx tirraġuna, tgħix biss bl-imħabba, imħabba li jagħtuk l-oħrajn. Megalie kellha d-dritt għal din l-imħabba. Mur ħudu d-dritt! Il-ħolm sabiħ tagħha tar mar-riħ! It-tfal li kienet ilha timmaġina li għad ikollha, ma tweldux. U issa kienet weħidha fid-dinja! Kemm hi kerha dik il-kelma ta' waħdek, kważi twaħħxek! Imma l-fatt kien li tabilħaqq kienet weħidha, kien jeħtiġilha tidra u tara kif tkompli tgħix. Kos, ħasbet ... hi, Megalie telaqha l-għarus u ħassitha f'tant dwejjaq u konfużjoni, min jaf x'kienet għaddejja minnu dik l-omm li tilfet 'il żewgħha, missier tat-tliet uliedha. Ippruvat ittajjar il-ħsieb minn rasha.

Il-pudina lestietha, u mid-deħra ġiet tajba għax fwieħa xxoqq l-istonku ħarġet mill-forn. Reġgħet bdiet tredden fuq George u kemm kien iħobb il-pudina, imma aktar minn hekk ftakret ukoll kif il-fwieħa ta' l-ikel li ssajjar hi kellu ħabta jitla' sa fuq, u kif dik li ssajjar il-ġara dejjem tinżel 'l isfel. Ta' fuqha kienu daħlu, semgħet il-passi u semgħet ukoll il-biki tat-tnejn iż-żgħar, ta' ħames u tliet snin. Tgħid waqgħu? Forsi weġġgħu? Imma għaliex kienet qed tiffissa fuqhom? Minn banda, mhux aħjar taħseb fuqhom milli tibki 'l George.

Ġie x'jgħidilha li setgħet taqta' biċċa mill-pudina u tagħtihilhom biex iduquha. Sa ma ġratilhom id-diżgrazzja kienu biss isellmu 'l xulxin, imma dan l-aħħar ħasset li setgħet tgħid xi kelma lil dik il-povra armla, turiha li għallanqas hemm hi li tifhimha. Iva, tagħtiha biċċa pudina. Hekk għamlet għalkemm il-pudina kienet għadha tismot.

Skantat u nfixlet l-armla Marija xħin ratha hemm fuq. Stednitha tidħol. It-tfal daru magħha u riedu biċċa. L-omm fakkrithom li għadhom ma kilux, aħjar iħalluha għad-deżerta, meta dritt wieġbet Tereża, il-kbira ta' seba' snin: "Ma, int għadek kif għidtilna li m'hemmx ikel għal-lejla, xi tridna nieklu?" L-omm bdiet tlaqlaq: "Le, le mhux hekk għidt, Ter, forsi ma fhimtnix ... għidt li ser nieklu biss biċċa ħobż." Sadattant, it-tfal daru mal-platt tal-pudina u bdew inaqqru u b'idejhom jaqtgħu biċċiet minnha kif kienet għadha taħraq.

Megalie ħassitha mbarazzata. X'suppost li kellha tagħmel? Titlaq bla kliem xejn? Tagħmel ta' birruħha li ma semgħetx x'intqal? Iddeċidiet. "Ara, Marija, inżlu lkoll miegħi isfel. Għandi borma minestra li sajjart dalgħodu u ... hemm il-qastan mbuljuta, naqsmu kollox . Ejjew, ejjew miegħi." Qaltilhom biex jinżlu isfel għax indunat li fis-sink tal-kċina ta' Marija kien għad hemm turrun platti u borom maħmuġin.

"Le, ma tarax sinjorina ... ma tarax ... x'jiġifieri ..."

"Ibda biex jien jisimni Megalie, it-tieni ... ejjew... il-veru tagħtuni pjaċir jekk nieklu flimkien il-lejla. Intom weħidkom u, ftakar li jien ninsab waħdi wkoll, int għandek tlitt itfal u jien m'għandi 'l ħadd; nixtieq naqsam il-lejla magħkom u ngħidu kelmtejn bejnietna. Barra minn hekk kont qed illesti l-grotta bil-pasturi u lanqas biss kelli qalb inkompli. Forsi t-tfal ... min jaf ... it-tfal jieħdu pjaċir jekk jgħinuni biex illestuha. U bilħaqq, il-qamħ u l-ġulbiena ilhom ma jieħdu raxxa ilma, ejjew ħalli naraw kibirx. Imxi, itfi dik il-bozza, ġib iċ-ċavetta ħalli ninżlu." Niżżlet magħha l-platt bil-frak li kien fadal mill-pudina...

Bilkemm riedu jemmnu li kienu saru l-għaxra ta' bil-lejl xħin it-tfal ħassewhom għajjenin u xtaqu jitilgħu. Kienu naddfu l-kċina flimkien u Megalie ukoll bdiet tħossha li xtaqet timtedd. L-iljieli għaliha kienu saru torturi, taħseb u tibki, tħewden u tolfoq. Imma dik il-lejla ħassitha mod ieħor. Hi stess ma setgħetx tifhem lilha nnifisha. Ma kien ġara xejn li jibdlilha l-burdata ħażina li kienet fiha ftit sigħat ilu; ħlief li niżlu dawk ta' fuq. Ftakret li lanqas ir-Rużarju ma kienet għadha qalet, iżda ħassitha għajjiena ferm. Daħlet fis-sodda u fi ftit minuti raqdet. Raqdet! Xi grazzja mis-sema li torqod lejl bħal dak. Stagħġbet xħin qamet u ħarset lejn l-arloġġ u rat li kienu s-sitta ta' filgħodu.

Bdiet tiftakar f'kull ma kien ġara filgħaxija. Kemm ħadu gost dawk it-tfal jilagħbu bil-pasturi u jirranġaw il-grotta, waqt li Megalie u Marija fetħu qalbhom ma' xulxin. Aktarx li t-tfal għal ftit minuti nsew id-dulur kiefer tan-nuqqas ta' missierhom. Fi żmien il-Milied kull dulur tħossu doppju. It-tfal xtaqu li waqt li kienu quddiem il-grotta jkantaw l-innijiet tal-Milied li tgħallmu l-iskola u l-Mużew. Tereża staqsietha jekk fil-Milied jistgħux jinżlu u jerġgħu jkantaw, u waqt li ommha ppruvat issikkitha Megalie wieġbet li lanqas hemm għalfejn jistennew sal-Milied. Dik il-lejla kienet tibda n-novena, jistgħu jkantaw l-innijiet tal-Milied kull lejla quddiem il-grotta. Dik kienet ser tkun ċelebrazzjoni speċjali bejniethom. Marija qaltilha li ratha anġlu, anġlu li b'xi grazzja speċjali ġab tbissima fuq wiċċ uliedha barra mill-fatt li temagħthom ukoll.

Xi praspar ukoll! Kienet lejla mhux ippjanata. Is-soltu Megalie ma kenitx hekk: ħajjitha kienet kollha mqassma bil-galbu, kull siegħa ta' kull jum. Id-djarju kien li jmexxiha. Bdiet tammetti li mhux biss tat gost lil dawk l-erba' erwieħ ta' fuq; aktar minn hekk għal xi raġuni stramba, hi ħassitha ferħana wkoll. "Imma kif nista' nkun ferħana mingħajr George?" staqsiet lilha nnifisha kemm-il darba.

Forsi bdiet tfieq xi ftit! Mhux li kien ... mhux li kien ma tħossx aktar dak il-vojt ġo qalbha! Indunat li kienet ser terġa' tibda tħammem fuq George. Le! Ma reditx terġa' tibda, żgur u żgur. Kienet ilha aktar minn xahar tnewwaħ; issa wasal iż-żmien li dderri xi ftit. F'salt wieħed ftakret fl-aħħar darba li kienu flimkien, il-famuż jum meta suppost marru jixtru ċ-ċrieket ... bilħaqq ... x'kienet għamlet b'dak l-invilopp b'dawk l-erba' mitt lira taċ-ċurkett? Fejn kienet poġġietu? Kif qatt ma ħasbet fihom minn dak in-nhar 'l hawn?

Qabżet minn ġos-sodda u bdiet tfittex f'kull kexxun fejn soltu tħalli xi flus, f'kull *handbag* li kellha ... imkien. Mulej



tal-ħniena! Tgħid tilfithom ma' dik il-ħasda u f'dak l-inkwiet li kienet għaddejja minnu? Kellha tilbes u tmur għax-xogħol waqt li kompliet tħewden fuqhom. Wara nofs in-nhar kompliet tfittex. X'nervożiżmu qabadha! Dak kien jonqosha issa! Ġie x'jgħidilha biex tfittex fil-but tal-kowt l-iswed li kienet libset dak in-nhar ... u b'għaġeb kbir tagħha sabithom hemm! Imma kif lanqas biss ħasbet fihom tul dawn l-aħħar ġimgħat li moħħha kien imgerfex! Bilkemm riedet temmen 'l għajnejha, ħarġithom mill-invilops u baqgħet tħares lejhom ċass.

Għaliha dawk il-flus qisha rebħithom, kienet warrbithom minn moħħha. Ġieha ħsieb ... baqgħet fejn kienet quddiem il-mera tal-gwardarobba u rat ir-rifless tagħha fil-mera u stgħaġbet. Stgħaġbet għax rat lilha nnifisha titbissem, rat lilha nnifisha ferħana, Megalie ta' ftit żmien ilu. Baqgħet titbissem għax ħsibijiet sbieħ bdew għaddejjin minn rasha. Kien jeħtiġilha tgħaġġel għax dalwaqt tisma' t-tfal wara l-bieb ta' barra biex jagħmlu n-novena bil-kant ħelu tagħhom. Għal dakinnhar kellha sorpriża lesta. Wara n-novena kienu ser jerġgħu jieklu hemm, xtrat pizzez biżżejjed għal kulħadd, u kien fadal il-pudina. Kellha seba' mitt sena sa ma tara dawk l-uċuħ ħelwin madwar il-mejda. Dawk l-erba' min-nies mhux biss kienu daħlu f'darha u mlewha, imma aktar importanti, kienu daħlu f'qalbha u reġgħu tawha l-ħajja.

Insiet li ftit qabel kienet imwerwra mill-festa tal-Milied. Kellha eċċitament li qatt qabel ma ħasset. Jumejn oħra l-Milied. Kellhom imorru għall-quddiesa ta' nofs il-lejl flimkien. Hejjiet kollox, u kollox moħbi. Għall-Milied mhux biss lestiet ikla, imma ħarġet fin-nofs siġra li taħtha kien hemm bosta pakketti: tibdila ħwejjeġ ġodda u par żarbun għal kull membru mill-familja ta' fuq, u somma ta' flus għall-omm ... kollox bi flus iċ-ċurkett li ma kellhiex bżonn ...

Kien Milied speċjali. Filgħaxija, wara li telaq kulħadd, Megalie intefgħet bilqegħda fuq tapit quddiem il-grotta u bdiet tkellem 'il-Bambin: "Ċkejkna Tarbija, grazzi ta' kemm għamiltni ferħana. Bdejt biex nifhem xi ħaġa. Veru li l-qalb tgħix biss bl-imħabba. Qabel kont xi ftit egoista, kont naħseb li jekk ma nirċevix imħabba ma nkunx kuntenta. Issa tgħallimt li minflok nistenna l-imħabba minn ħaddieħor nista' nkun jien li nagħtiha 'l-oħrajn. Fuq kollox Int hekk għamilt, hux veru?"

Damet hemm quddiem il-grotta, tgawdi dak is-seħer ta' kuntentizza li kellha fuqha. Iva, damet tixxotta d-dmugħ. Imma kien dmugħ ta' ferħ u mħabba ... kellu jkun l-isbaħ Milied ta' ħajjitha!

**ATTWALITÀ** — *mill-Kav. Joe M. Attard*



# Presepju Ħaj fix-Xagħra



Tgerbet sena oħra u l-Milied magħna. Żmien il-Milied ma jfissirx biss festi u rigali, iżda l-veru sens ta' din il-festa hu li nerġgħu ngħixu mill-ġdid it-Twelid tas-Salvatur. Għalhekk għas-sitt sena konsekuttiva, iż-żgħażagħ u l-adoloxxenti li jiffurmaw il-grupp *The Guiding Light* fi ħdan il-knisja ta' Ġesù Nazzarenu fix-Xagħra, qed jerġgħu jorganizzaw dak li hu magħruf tajjeb bħala **Il-Presepju Ħaj**. Peress li dan il-presepju jitlob ħafna xogħol, dawn iż-żgħażagħ ilhom jaħdmu fuqu sa mill-aħħar ta' Settembru. L-għan ta' dan il-presepju u tal-grupp mhuwiex li jipproduċi l-istorja ta' kif twieled Ġesù Bambin. L-għan ewlieni jinsab fil-messaġġ li wieħed għandu jirċievi meta jżur dan il-presepju. Għalhekk kull min iżur dan il-presepju għandu joqgħod attent u jisma' sewwa l-kummentarju li jkun għaddej. Din is-sena ntagħżlet it-tema rrelatata mal-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.



Fil-presepju nsibu diversi nies ta' kull età mlibbsa ta' persunaġġi bibbliċi mdawra minn ambjent tipiku Lhudi li fih wieħed għandu jara diversi ħlejjaq naturali. Id-dawra ma' dan il-presepju ħaj tieħu madwar kwarta.

Dan il-Presepju Ħaj jinsab fi Triq Mannar, eżatt ħdejn il-knisja tan-Nazzarenu. Inħeġġiġkom tmorru tarawh, u żgur ma jiddispjaċikomx.








*Rigali għal kull okkażjoni*

*Souvenirs għall-Preċett, Griżma, Magħmudija u Tiġijiet*

*Statwi tal-Qaddisin*

*Santi tal-Preċett u tal-Griżma*

*Inviti għal kull okkażjoni*

*Pjanti, fjuri friski u artifiċjali*

*Nagħmlu fjuri għat-tiġijiet, funerali u okkażjonijiet oħra*

**Qronfli Kiosk**

**Pjazza tal-Mitħna, Xagħra**

**Tel: 2155 2759 Mob: 7928 4385**



# Bejnietna n-Nisa

Tiktbilna SUSAN MULVANEY



## DAWK L-IMBIERKA RIŻOLUZZJONIJIET!

**Ir-riżoluzzjonijiet għas-sena l-ġdida huma tradizzjonali daqs kemm hu tradizzjonali d-dundjan tal-Milied. U ibqgħu ċerti li bħal ma l-għada tal-Milied kilna s-*sandwiches* bil-laħam kiesaħ tad-dundjan li kien fadal, hekk ukoll sakemm jiġi biex jispiċċa Jannar, ħafna nies ikunu mhux biss insew ir-riżoluzzjonijiet li għamlu iżda anqas biss jiftakru li għamluhom!**



Fil-fatt, persuna biss minn kull 10 taħseb li kapaċi żżomm imqar waħda mill-ħafna wegħdiet li tkun għamlet magħha nnifisha. U skond ir-riċerka, persuna minn sitta jkunu diġà kisru waħda mir-riżoluzzjonijiet li għamlu sakemm tispiċċaw taqraw din il-kitba!

Ir-raġuni għal dan hija sempliċi: ħafna mir-riżoluzzjonijiet isiru b'reazzjoni għal xi ħaġa negattiva – vizzju jew sitwazzjoni li l-persuna trid taqta' jew tbiddel. U hemm hija l-problema: huwa diffiċli ħafna li nibdew il-*momentum* meta nkunu fin-negattiv. Aħna bħal karrozza: taqbad u timxi sew jekk tkun fil-wita, iżda tbati xi ftit jekk nixegħluha u nibdew insuquha meta nkunu pparkjati fit-telgħa!

L-aktar riżoluzzjonijiet li jsiru huma dawn:

1. Inaqqsu l-piż;
2. Jaqtgħu t-tipjip;
3. Jonqfu skond *budget* li jfasslu;
4. Ifaddlu jew jaqilgħu aktar flus;
5. Isibu xogħol aħjar;
6. Isiru aktar organizzati;
7. Jagħmlu aktar eżerċizzju;
8. Ikunu aktar paċenzjużi (fuq ix-xogħol jew ma' ħaddieħor); u
9. Jieklu aktar bil-qies.

Għaliex, per eżempju, tinkiser daqstant l-ewwel riżoluzzjoni, meta nafu li dik li tnaqqas il-piż hija ħaġa tajba li se tagħmlilna l-ġid? Sempliċi: kif nistgħu nuru ħeġġa biex nonqsu mill-piż meta din tfisser li rridu noqogħdu lura minn affarijiet li l-iktar inħobbu? Hija reazzjoni negattiva għad-dehra tagħna u għal saħħitna, titlob ħafna sagrifiċċji.

Stħarriġ li sar ftit ilu wera li tliet kwarti tan-nisa ta' bejn il-25 u l-54 sena, ta' kull sena, jagħmlu riżoluzzjonijiet biex jonqsu. Disgħa minn kull 10 qalu li suċċess kellhom ftit jew xejn, waqt li 50 fil-mija qalu li mhux talli ma naqsux, talli komplew żdiedu fil-piż!

Agħmlu pjan għall-ħajja. Hawn min dejjem jaħseb x'se jagħmel, joħlom bi proġetti u wara 10, 20 jew 30 sena jsib li ma jkun wasal imkien. Jgħaddi minn kriżi għal oħra u jibqa' dejjem fejn kien.

Bi pjan ikollkom skop għal xiex taħdmu, anki jekk minn dan il-pjan jirnexxilekom tiksbu biss parti.

Dan jgħodd għal kollox: kemm jekk huma finanzi, saħħa , karriera, jew relazzjonijiet. Ħafna jippruvaw jagħmlu riżoluzzjoni li jkollhom aktar flus, li jnaqqsu d-dejn, li jnaqqsu l-piż, jew li jaqtgħu t-tipjip. Hi x'inhi r-riżoluzzjoni, niftakru li jekk fil-ħajja ma nżommux bilanċ, ma jkollniex kwalità...

### TLIET RIŻOLUZZJONIJIET GĦALL-FAMILJA KOLLHA

Dawn ir-riżoluzzjonijiet mhux biss jistgħu jsiru minn individwi iżda mill-membri tal-familja kollettivament:

1. **INKUNU IŻJED ATTIVI.** Naqtgħu ftit it-TV u mmorru jew passiġġata jew xi dawra bir-rota flimkien. Hekk, mhux biss nagħmlu l-eżerċizzju iżda ngħaddu aktar ħin flimkien.
2. **NIEKLU AĦJAR U BIL-QIES.** Fejn hu possibli, il-familja għandha tinġabar għall-ikel flimkien, madwar il-mejda (u mhux quddiem it-TV). U m'hemmx argumenti, la bejn il-ġenituri, la bejn it-tfal u lanqas bejn tfal u ġenituri. L-ikla għandha tkun mument ta' pjaċir u mhux ġlieda kontinwa.
3. **NGĦADDU AKTAR ĦIN FLIMKIEN.** Mhux li noqogħdu quddiem it-TV flimkien, iżda li nitkellmu, nesprimu opinjoni, nippjanaw, nilgħabu xi logħba, ngħidu xi ċajta jew esperjenza li għaddejna minnha matul il-jum, fuq ix-xogħol, fl-iskola, eċċ.

# L-Irħula Għawdxin

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti ta' Joseph P. Zammit*













## 9. San Lawrenz

*Fost l-irħula żgħar ta' Għawdex*
*San Lawrenz mill-ewlenin,*
*magħruf sew għall-pageant tiegħu,*
*kull figura b'kostum fin.*

*Minn ta' l-Għarb parroċċa nqatgħet*
*knisja sbejħa, mill-ħelwin,*
*sabiħ issa, is-saqaf tlesta;*
*xogħol mill-isbaħ, tassew fin.*

*San Lawrenz, martri w levita*
*fuq gradilja mixwi miet;*
*lil dan il-poplu li jqimek –*
*eħles mill-hemm u l-inkwiet.*

*L'isfel minnu l-bajja sbejħa*
*hawn id-Dwejra n-nies iżżur*
*biex tistagħġeb tara t-tieqa*
*jew gżiret għerq is-sinjur.*

*Hawnhekk għex Dun Ġużepp Cauchi*
*saċerdot qaddis, tar-ruħ*
*li n-nies titolbu l-grazzji*
*għax mid-dinja kien maqtugħ.*

*Fost kemm opri f'dan ir-raħal*
*Żgur l-istatwa tmiss il-qlub,*
*Il-wiċċ ħelu ta' Lorenzo*
*li quddiemu l-qilla ddub.*

# WERREJ 2006

## ARTIKLI ĠENERALI


Dun Mario Isqof ta' Għawdex, Għawdex jifraħ bil-ħatra ta' Ragħaj, Xandar tal-Ħniena u t-Tjubija ta' Alla *(Dun Eddie Zammit)* — Jannar p.10

Programm taċ-Ċelebrazzjonijiet fil-Bidu tal-Ministeru ta' Mons. Mario Grech bħala Isqof ta' Għawdex — Jannar p.1

Tlieta li Jirrappreżentaw lill-Knisja Għawdxija Mogħtija l-Unur Ġieħ Għawdex *(Dun Ruben Micallef)* — Jannar p.14

L-Arċipriet Saverio Cassar, mitejn sena minn mewtu *(Mons. Joseph Bezzina)* — Jannar p.15

Min hu l-Isqof Mario Grech — Frar p.11

L-Istemma Episkopali ta' l-Isqof Mario Grech *(Arċipriet Mons. Joseph Farrugia)* — Frar p.12

L-E.T. Mons. Mario Grech - Minn tifel ta' l-iskola sa kappillan *(Joe Grima)* — Frar p.13

Is-Seba' Isqfijiet ta' Għawdex *(Mons, Joseph Bezzina)* — Frar p.16

L-Ewwel Karigi fid-Djoċesi ta' Għawdex — Marzu p.16

Ix-Xema' tal-Blandun *(Mons. Lawrenz Sciberras)* April-Mejju p.21

Alla Jħobb il-Knisja u Jaħseb Fiha *(Mons. Anton Gauci)* — April-Mejju p.36

Kampanja ta' Ġbir ta' Fondi għal Monument Nazzjonali Papa Ġwanni Pawlu II *(Kav. Joe M. Attard)* — April-Mejju p.45

Xhieda Ewkaristika - X'se nagħmlu b'din il-Preżenza? *(Dun Pawl Camilleri)* — Ottubru p.25

Sejħa mill-Gwatemala *(Dun Ġużepp Camilleri)* — Ottubru p.34

Il-Bord Editorjali Ġdid tar-Rivista Tagħna — Novembru p.6-7

Inawgurat il-Monument f'Ġieħ il-Papa Ġwanni Pawlu II *(Kav. Joe M. Attard)* — Novembru p.14

Betlehem qabel u fit-Twelid ta' Ġesù *(Mons Lawrenz Sciberras)* — Diċembru p.22


## ARTIKLI TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI


Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (Is-seba' parti) L-Ewkaristija, l-Ikbar Sagrament — Jannar p.24

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (It-tmien parti) L-Elementi Kostituttivi tas-Sagrament ta' l-Ewkaristija — Frar p.24

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (Id-disa' parti) Il-Misteru ta' l-Ewkaristija u t-Tqarbin — Marzu p.24

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (L-għaxar parti) Kif Għandek Titqarben Sew — April-Mejju p.28

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (Il-ħdax-il parti) Il-Preżenza Reali ta' Kristu fl-Ewkaristija — Ġunju-Lulju p.28

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (It-tnax-il parti) Xi tfisser il-kelma "Transubstanzazzjoni" — Aww-Sett p.28

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (It-tlettax-il parti) Kif u Sakemm Huwa Preżenti Kristu fl-Ewkaristija — Ottubru p.24

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (L-erbatax-il parti) Il-Kult ta' l-Ewkaristija — Novembru p.24

Il-Misteru ta' l-Ewkaristija (il-ħmistax-il parti) L-Adorazzjoni Quddiem Ġesù fit-Tabernaklu — Diċembru p.28


## APPREZZAMENTI


Dun Karm Attard SDB *(Mons. Dun Salv Grima)* — Jannar p.40

Dun Anton Bajada minn Sannat *(Mons. Lawrenz Sciberras)* — Jannar p.41

Patri Ġiġi Camilleri S.J. *(R.Sultana)* — Ġunju-Lulju p.45

Mons Mikelanġ Apap *(Michael F. Cini)* — Aww- Sett p.38

Dun Ġużepp Vella *(Horace Mercieca)* — Aww-Sett p.39

Sister Marie-Carmel Saliba O.S.C *(Madre Rose Therese Ellis O.S.C)* — Aww-Sett p.40

Dun Louis Bezzina *(silta mid-diskors funebri mogħti mill-W. Rev. Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia)* — Aww-Sett p.41


## ATTWALITÀ


Randan Kulturali *(Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira)* — Marzu p.17

Għawdex fil-Media Lokali *(Kav.Joe M.Attard)* — Ġunju-Lulju p.32

"Il-Ħajja f'Għawdex" tagħlaq 61 sena *(Kav. Joe M. Attard)* — Ġunju-Lulju p.33

Iż-Żjara f'Għawdex tal-Kummissarju Ewropew għall-Politika Reġjonali *(Joe Grech)* — Ġunju-Lulju p.40

Lura l-Iskola *(Kav. Joe M.Attard)* — Ottubru p.18

Maħtur il-Kapitlu Ġenerali tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù *(Kav. Joe M. Attard)* — Ottubru p.18

Maratona Sportiva b'Risq l-Albanija *(Kav. Joe M. Attard)* — Novembru p.18

L-Oratorju Don Bosco jerġa' jiftaħ il-Bibien Tiegħu *(Kav. Joe M. Attard)* — Novembru p.18

Lista tal-Presepji *(Kunsill tal-Kultura)* — Diċembru p.14

Presepju Ħaj fix-Xagħra *(Kav. Joe M. Attard)* — Diċembru p. 44


## BEJNIETNA N-NISA (Susan Mulvaney)


Ħu Tronġa - Tgħinek Tnaqqas il-Piż! — Frar p.41

Il-Qagħda tal-Mara - Fadlilna X'Naqdfu — April-Mejju p.49

In-Nisa Għadhom Jissawtu — Aww-Sett p.49

Il-Qawwa ta' l-Inkwiet — Novembru p.41

Dawk l-Imbierka Riżoluzzjonijiet! — Diċembru p.45


## B'IMPENN U BI PJAĊIR (NGOs)


Aħbarijiet u Attivitajiet *(Antoine Vassallo)* — Marzu p.40

Tliet Snin ta' Ħidma
*(Antoine Vassallo)* Aww-Sett p.44

## DJAMANTI TA' GĦAWDEX (Ritratti ta' Joseph Zammit)

Il-Knisja Parrokkjali u s-Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana Jannar, qoxra ta' wara

Is-Sbuħija u l-Qilla tal-Baħar fix-Xatt l-Aħmar, Għajnsielem
*(ritratti ta' Joseph Sultana)* Frar, qoxra ta' wara

Ir-raħal ta' l-Għarb Marzu, qoxra ta' wara

Ir-raħal ta' l-Għasri April-Mejju, qoxra ta' wara

Ix-Xlendi minn Ras il-Wardija Ġunju-Lulju, qoxra ta' wara

Ir-raħal tal-Munxar Aww-Sett, qoxra ta' wara

Ir-raħal tan-Nadur Ottubru, qoxra ta' wara

Ir-raħal tal-Qala Novembru, qoxra ta' wara

Id-Dwejra u madwarha Diċembru, qoxra ta' wara

## DRAWWIET MISSIRIJIETNA (Anton F. Attard)
### Il-Biedja f'Għawdex (42-50)

Il-Patata Jannar p.26

It-Tadam Frar p.26

It-Tewm Marzu p.26

Iż-Żebbuġ April-Mejju p.30

Ikel mill-Bdiewa għall-Bdiewa Ġunju-Lulju p.30

Inbid mill-Għeneb (A) Aww-Sett p.30

Inbid mill-Għeneb (B) Ottubru p.26

Ħalib u Ġbejniet (A) Novembru p.26

Ħalib u Ġbejniet (B) Diċembru p.30

## EDITORJALI

Għawdex Kollu Jrodd Ħajr lill-Isqof Cauchi u Jifraħ lill-Isqof il-Ġdid Mons Mario Grech *(Dun Ruben Micallef )* Jannar p.3

"Esperjenza mill-Isbaħ ta' Knisja" - l-E.T. Mons. Mario Grech u l-Awguri tal-Poplu Għawdxi *(Dun Ruben Micallef)* Frar p.3

Il-Valur Nisrani tas-Sagrifiċċju fil-Ħajja
*(Dun Ruben Micallef)* Marzu p.3

Għawdex u s-Settur tat-Turiżmu
*(Dun Ruben Micallef)* April-Mejju p.3

Lejn Festi Aktar Nsara
*(Dun Ruben Micallef)* Ġunju-Lulju p.3

Kuxjenza Favur il-Mara
*(Dun Ruben Micallef)* Aww-Sett p.3

L-Ispirtu s-Santu u l-Missjoni tan-Nisrani
*(Dun Giovanni Curmi)* Ottubru p.3

Laboratorju tal-Valuri
*(Joseph W. Psaila)* Novembru p.3

Il-kliem dwar il-Kelma
*(Joseph W. Psaila)* Diċembru p.3

## FEHMET IL-QARREJJA

Episkopat Ġdid... *(Consiglia Azzopardi)* Marzu p.15

Is-Seminar Parrokkjali tal-Qala *(Dr. Raymond C. Xerri)* Marzu p.15

Tislima lil Charles Arrigo *(Kav. Joe M. Attard)* Marzu p.15

Tislima lill-Papa Ġwanni Pawlu "l-Kbir"
*(Dr. Raymond C. Xerri)* April-Mejju p.17

L-Edizzjoni ta' l-Għid tal-'Gozo International Celebration'
*(Marita Attard)* April-Mejju p.17

Prosit għar-Rivista... Artikli Interessanti
*(Carmen Lia, Loretta Spiteri, Nancy Galea)* April-Mejju p.17

Lourdes Home - Kif Nafha Jien
*(Emily Barbaro Sant)* Ġunju-Lulju p.11

Il-Btala Tiegħi f'Għawdex *(Lina Brockdorff)* Aww-Sett p.22

## GĦAWDEX 300 SENA ILU
## Paġna mill-Arkivju Nazzjonali
## (Mons. Dr. Joseph Bezzina)

Rikors biex Jinħatar Tabib għal Għawdex Jannar p.23

Rikors ta' Servjent fl-Universitas Frar p.23

Paga ta' Erba' Xhur lis-Surmast Marzu p.23

Il-Bumbardier u Santa Barbra April-Mejju p.27

Multa dwar Ġobon Frisk Ġunju-Lulju p.27

Ċertifikat taż-Żwieġ għal Legat Aww-Sett p.27

Kontroll fuq il-Frott fis-Suq Ottubru p.23

Il-Legat taż-Żwieġ tal-Fqar Novembru p.23

Il-Benestant Salvu Refalo Diċembru p.27

## GĦAWDXIN LI GĦADNA NIFTAKRU (Pawlu Mizzi)

Charlotte ta' Ċikka ta' Wrinjiw (30) Jannar p.34

Mastru Mikiel tal-Badiku (31) Frar p.34

Serafinu (32) Marzu p.34

Il-Professur Aquilina (33) April-Mejju p.42

Frenċ ta' l-Għarb (34) Ġunju- Lulju p.42

Ġanni tal-Ħaruf (35) Aww-Sett p.42

Dun Pawl ta' l-Oratorju (36) Ottubru p.35

Ketutu (37) Novembru p.34

Wistin tal-Vari (38) Diċembru p.38

## ĦOLM IL-ĦAJJA (Mary Puli)

Il-Mistoqsija Oħt il-Għerf Frar p.40

Qorbu l-Eżamijiet! April-Mejju p.48

Attitudni Tajba Aww-Sett p.48

Naħsbu għall-Milied! Novembru p.40

## IL-ĦAJJA FID-DJOĊESI (Aħbarijiet Djoċesani mis-Seminaristi Maximillian Grech u Richard Farrugia)

Jannar - Diċembru p.4 - 5

## L-IRĦULA GĦAWDXIN (Fr. Geoffrey G. Attard, Joseph Zammit)

Il-Fontana — Jannar p.42
Għajnsielem — Frar p.42
L-Għarb — Marzu p.42
L-Għasri — April-Mejju p 50
Ta' Kerċem — Ġunju-Lulju p.50
Il-Munxar — Aww-Sett p.50
In-Nadur — Ottubru p.42
Il-Qala — Novembru p.42
San Lawrenz — Diċembru p.46

## KTIEB X'TAQRA Riċensjonijiet ta' kotba reċenti

Joe Mejlak "Narċis u Ġiżimin" *(Kav. Joe M. Attard)* — Jannar p.22
Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi "Il-Kelma tar-Ragħaj" Vol 8 *(Mons. Salv Grima)* — Frar p.22
Giovanni B. Gauci "Mhux għas-Saċerdoti Biss..."Ħsibijiet għal Jum il-Mulej" *(Kappillan Dun Edward Xuereb)* — Marzu p.22
Mons. Anton Gauci "Mulej, Mexxi l-Erwieħ Kollha Lejn il-Ġenna" *(Dun Ruben Micallef)* — April-Mejju p.26
Charles Bezzina "Il-Vittmi Għawdxin tat-Tieni Gwerra" *(Laurence Mizzi)* — Ġunju-Lulju p.26
Mons. Albert Curmi "Il-Leħen Ġewwieni ta' l-Imħabba" *(Kav. Joe M. Attard)* — Aww-Sett p.26
Frank L. Mercieca "Għana għat-Tfal, Poeżiji ta' Mary Meylak" *(Kav. Joe M. Attard)* — Ottubru p.22
Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi "Il-Ħajja Liturġika tan-Nisrani" *(Mons. Salv Grima)* — Novembru p.22
Ġanninu Cremona "Weraq tar-Rand" *(Kav Joe M. Attard)* — Diċembru p.26

## KUMMENTARJI

L-Episkopat ta' Mons. Nikol Cauchi *(Mons. Arċidjaknu Giovanni B. Gauci)* — Jannar p.13
Minn Dun għal Isqof *(Frederick Azzopardi)* — Frar p.15
Id-Diaspora Għawdxija *(Franco Masini)* — Marzu p.11
Żmien il-Kaċċa *(Dun Anton Dimech)* — April-Mejju p.16
Għal Turiżmu Iktar Sod f'Għawdex *(Euchar Mizzi)* — Ġunju-Lulju p.20
Imdawrin bil-Qawwa tal-Media - Dmirna lejn Realtajiet imma b'Valuri Kristjani *(Mons. Salv Grima)* — Ġunju-Lulju p.22
Iċ-Ċensiment tal-Quddies *(Nikol Baldacchino)* — Aww-Sett p.6
Is-Sabiħ u l-Ikraħ tal-Festi Tagħna *(Dr. Raymond C. Xerri)* — Aww-Sett p.20
Id-Dar tal-Providenza u l-Għawdxin (Mons. Lawrenz Gatt) — Ottubru p.6
X'Qed Nagħtu lil Uliedna? Mħabba jew Fsied? *(Horace Mercieca)* — Ottubru p.16
Iċ-Ċensiment tal-Quddies ta' Sena Ilu - Safejn iwassal il-Messaġġ? *(Mons. Salv Grima)* — Novembru p.16
Għawdex...X'Futur? *(Franco Masini)* — Novembru p.36
X'Qatgħa! Wasal il-Milied! *(George N. Cassar)* — Diċembru p.6
13-il Sena ta' Kunsilli Lokali - It-Triq 'il Quddiem *(Dr. Mario Saliba)* — Diċembru p.15

## LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA (George N. Cassar)

Imberkin jew Misħutin? — Frar p.28
Moltiż Gemgem — April-Mejju p.34
It-Tqasqis u s-Seksik u s-Sefsif fil-Widnejn — Ottubru p.38

## INTERVISTI

Ir-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa fil-Parroċċa ta' l-Għarb *(Francesco Pio Attard lill-Arċipriet Mons Karm Gauci)* — Marzu p.12
Ġest Nobbli ta' Mħabba *(Francesco Pio Attard lis-Sur Dione Caruana)* — April-Mejju p.18
Il-'Gozo Channel' - l-Ewwel u Qabel Kollox fl-Interess ta' Għawdex *(Francesco Pio Attard lis-Sur Joseph Borg)* — Aww-Sett p.16
Il-Milied fil-Fontana *(Joseph W. Psaila lill-Kappillan Kan. Ġorġ Bezzina)* — Diċembru p.18

## L-ISTORJA SOĊJALI TAL-MEDIĊINA (Dr. Mario Saliba)

Nri. 1-9 — Jannar - Diċembru p.38 - 46

## MILL-KNISJA FID-DINJA (Kappillan Dun Edward Xuereb)

Aħbarijiet Kurrenti mid-Dinja Nisranija — Jannar - Diċembru p.33 - 37

## MILL-KUNSILLI LOKALI TA' GĦAWDEX

Il-Fortizza ta' Sant Antnin f'Ras il-Qala *(Paul Buttigieg)* — Jannar p.30
Ħidma f'Diversi Livelli għal Kerċem Aħjar *(Joe Grima)* — Frar p.30
Ir-Rijabilitazzjoni ta' Wied il-Mielaħ bil-Fondi ta' l-U.E. *(David Apap)* — Marzu p.30
Ħidma u Proġetti b'risq iż-Żebbuġ u ż-Żebbuġin *(Charles Saliba)* — April-Mejju p.38
Ħidma u Proġetti b'risq ir-raħal ta' San Lawrenz *(Noel Formosa)* — Ġunju-Lulju p.36
Ħidma u Proġetti b'risq ir-raħal tal-Munxar *(Joseph Sultana)* — Aww-Sett p.34
Ħidma mill-Kunsill Lokali tan-Nadur matul dan is-Sajf *(Dr. Chris Said)* — Ottubru p.30

Ċentru Ċiviku fil-Qala - l-Ewwel Wieħed f'Għawdex
*(Paul Buttigieg)* Novembru p.30

Aktar progress f'Għajnsielem
*(Francis Cauchi)* Diċembru p.34

## NOVELLA

Il-Qalb Tgħix Biss bl-Imħabba
*(Lina Brockdorff)* Diċembru p.42

## PASSIĠĠATA BIBLIKA (Fr. Charles Buttigieg)

It-Tieġ ta' Kana tal-Galilija (13) Jannar p.36

Il-Mixja tal-Konversjoni (14) Frar p.36

L-Ewkaristija bħala Rahan tal-Ħajja ta' Dejjem
-X' Tgħidilna l-Iskrittura Mqaddsa (15) Marzu p.36

Ibqa' Magħna...biex Tgħix Magħna, Mulej (16) April-Mejju p.32

Min ma jafx l-Iskrittura, ma jafx lil Kristu (17) Ġunju-Lulju p.34

Il-Ħajja Ċelibi fil-Bibbja (18) Aww-Sett p.32

Is-Sehem tal-Madonna fil-Misteru tal-Knisja (19) Ottubru p.28

Il-Kanoni ta' l-Iskrittura Mqaddsa (20) Novembru p.28

Il-Vanġeli Sinottiċi (21) Diċembru p.32

## POEŻIJI - VERSI RIFLESSIVI

Tajtna l-Wegħda *(Francis Sultana)* Jannar p.18

Mistrieħ Mistħoqq *(Francis Sultana)* Jannar p.18

Liż-lewġ Isqfijiet Tagħna *(Kav. Joe M. Attard)* Jannar p.19

Lill-E.T. Mons. Mario Grech, l-Isqof il-Ġdid ta' Għawdex
*(Euchar Mizzi)* Frar p.19

Jum mid-Djarju ta' l-Iskola tal-Vajrinġa *(J.W. Psaila)* Marzu p.19

Iż-Imien Għażiż tal-Ħimgħa Mqaddsa
*(Kav. Joe M. Attard)* Marzu p.19

Għaliex Għamiltilna Hekk? *(Francis Sultana)* April-Mejju p.23

Għawdex fl-Assedju 1551 *(Francis Sultana)* Ġunju-Lulju p.23

Tislima liċ-Ċittadella *(Baruni K. Vella Haber)* Ġunju-Lulju p.23

Kemm Nixtieq Dinja Aħjar *(Kav.Joe M. Attard)* Aww-Sett p.23

F'Jum il-Mewt ta' Fr. Louis Bezzina
*(Kav. Joe M. Attard)* Aww-Sett p.23

Kurun tal-Ħalib *(Francis Sultana)* Ottubru p.19

Rivista Matura *(Francis Sultana)* Ottubru p.19

"Addio Carol" *(Kav.Joe M. Attard)* Novembru p.19

Lill-Arċipriet Saver Cassar *(Anton F. Attard)* Novembru p.19

Tislima lil Ġwanni Pawlu II *(Anton F. Attard)* Novembru p.19

Il-Milied *(Kan. Joe Mejlak)* Diċembru p20

Reġa' Wasal il-Milied *(Kav. Joe M. Attard)* Diċembru p.20

Fil-Presepju Għawdxi *(J.W. Psaila)* Diċembru p.20

L-Għanja tal-Milied *(Ġanninu Cremona)* Diċembru p.20

Ma Kellhomx Kewkba Tmexxihom *(Francis Sultana)* Diċembru p.21

Milied... Bla Bambin! *(Francis Sultana)* Diċembru p.21

## RIFLESSJONIJIET MIĠBURA MINN A.C.M.

Xi Ġralha l-Familja??? Jannar p.20

Ir-Ragħaj u l-Merħla Frar p.20

4 Konversjonijiet Kbar tas-Seklu Għoxrin Marzu p.20

Il-Għid hu Tama - Ferħ - Ħajja - Imħabba April-Mejju p.24

Minn Wojtyla għal Ratzinger - Knisja Progressiva Ġunju-Lulju p.24

Il-Vanġelu tal-Familja Nisranija Aww-Sett p.24

It-Tfal Jistaqsu...Il-Papa Jweġibhom Ottubru p.20

Min Hu Kristu Għalik? - Bambin Ħelu Biss? Novembru p.20

Xi jfisser għalik il-Milied? Festa li tgħaddi? Diċembru p.24

## SUPPLIMENTI

Grazzi: l-Isqof Nikol Cauchi, Benefattur Kbir ta' Għawdex u Ragħaj
Dedikat ta' l-Għawdxin għal 38 Sena Jannar

Midluk Ragħaj u Qaddej għall-Poplu t'Alla f'Għawdex Frar

Ir-Ragħaj Iżur il-Merħla... April - Mejju

Iż-Żjara Pastorali ta' l-Isqof Mario Grech fi New York u Washington
Ġunju-Lulju

Pellegrinaġġ Marjan fil-Polonja Novembru

L-Isqof Grech fl-Art Imqaddsa Diċembru

## TIEQA FUQ L-AMBJENT GĦAWDXI

Il-Fanal ta' Ġordan u Wied l-Għasri (10)
*(Simon M. Cachia)* Jannar p.28

Ta' Ċenċ, post ta' Importanza Internazzjonali (11)
*(Timothy J. Tabone)* Marzu p.28

## X'GĦADDA MINN GĦALINA (Charles Spiteri)

Kronaka Għawdxija Jannar - Diċembru p. 6 -12

## XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL KNISJA GĦAWDXIJA (Anġelo Xuereb)

Salvu Camilleri Jannar p.32

Fra Krispin Zammit (1) Frar p.32

Fra Krispin Zammit (2) Marzu p.32

Fra Krispin Zammit (3) April-Mejju p.40

Patri Ġużepp Portelli S.J (1) Ġunju-Lulju p.38

Patri Ġużepp Portelli S.J (2) Aww-Sett p.36

Patri Ġużepp Portelli S.J (3) Ottubru p.32

Patri Ġużepp Portelli S.J (4) Novembru p.32

Dun Franġisk Grima Diċembru p.36

*Titlifx aktar qari interessanti matul is-sena li ġejja...*

***FITTEX ĠEDDED L-ABBONAMENT!***



# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti mill-kollezzjoni ta' Joe Zammit



Il-famuża "Tieqa" tad-Dwejra



Il-"Fungus Rock" jew Ġebla tal-Ġeneral



Il-Bajja Magħluqa jew "Il-Qawra" tad-Dwejra

# APS Bank Home Loans

- **Best Rates - 4.5% - 5%** p.a.*
- **Savings of a maximum of Lm500 in Bank fees**
- **No processing fees**
- **No Bank legal fees**
- **No early repayment fees**
- **Flexible repayment solutions**

** Linked to CBM intervention rate*

**APS bank**

ATTARD • FLORIANA • MOSTA • PAOLA • VALLETTA • GOZO

***The Bank You Want Us To Be***

*APS Bank Ltd is licensed by the Malta Financial Services Authority*

www.apsbank.com.mt